# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2 \ Lm 0.86c

Marzu 2008 * LEHEN L-GĦAWDXIN GĦAL 63 SENA * Nru. 896




# L-ARTI SAGRA FIL-ĠIMGĦA MQADDSA




# Għadek m'abbonajtx?






# GĦAL 1 EURO FIX-XAHAR!

## Ktieb Rigal!




*Rakkomandat mill-Isqof Mario Grech*

Dan il-ktieb ġdid u famuż jingħata B'XEJN lil dawk kollha li jħallsu €20 bħala Abbonati Benefatturi.

## Il-Ħajja f'Għawdex

### MINJIERA TA' TAGĦRIF U TAGĦLIM dwar Għawdex u l-Għawdxin

*Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil-posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (€2 il-kopja).*
*Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2008, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll.*
*Imla din il-formola jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-*

**Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",**
**Lumen Christi Media Centre,**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria VCT 2579, Għawdex.**

---

Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ☐ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2008* ☐

☐ €10 Abbonament Regolari FIRMA ____________________

☐ € 20 Abbonament Benefattur / Ktieb Rigal 2008

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 896***
***Marzu 2008***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail:* gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Mill-Parlament • 16
Għawdex fil-Ġurnali • 17
Kummentarju (2) • 18
Għawdex u Jien • 20
Meditazzjoni Biblika • 21
Għawdex 300 sena ilu (162) • 23
Dawl għall-Ħajja • 24
Letteratura Għawdxija • 26
SUPPLIMENT - ARTI TA' JOHN GRIMA
Kotba minn Għawdex • 27
Il-Misteru tal-Knisja (12) • 28
Tieqa fuq l-Ambjent (3) • 30
Snajja Qodma (8) • 32
Leħen il-Missjunarji Għawdxin • 34
Passiġġata Biblika (34) • 36
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin: Żebbuġ • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (3) • 40
Xhieda Nisranija • 41
Ġawhar ta' l-Għawdxin • 42
Arti u Kultura f'Għawdex • 44
Ibża' għal Saħħtek • 47
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (8) • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Joe Zammit, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Paul Buttigieg, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.* **Ritratti tal-Qoxra:** *Statwa tad-Deposizzjoni fil-Knisja tal-Qala.*




# *Il-Familja fil-Programmi Elettorali*

*Din is-sena fil-bajda kbira ta 'l-Għid kien hemm minn kollox. Wara kampanja elettorali ta 'fakriet u esaġerazzjonijiet, botti u battuti, prospetti u proġetti faqqset l-Amministrazzjoni l-ġdida.*

*Fost il-karatteristiċi pożittivi ta' dan kollu, hemm il-fatt li l-familja kienet fost it-temi dominanti tad-diskors u tal-programmi tal-partiti politiċi. Kienu fuq l-aġenda ta 'l-erba 'partiti, in-nuqqas tat-taxxi u tas-surcharge, benefiċċji għat-tfal, għajnuna finanzjarja għall-koppji żgħażagħ, għajnuniet finanzjarji lill-familji ta' tfal bi bżonnijiet speċjali u għal dawk li jżommu magħhom xi ġenitur anzjan... Dan kollu fil-ħajja tal-lum huwa xieraq u meħtieġ.*

*L-importanza mogħtija lill-familja mill-partiti politiċi twassal għal żewġ konsiderazzjonijiet. Waħda hi li l-partiti politiċi kollha taw għarfien lill-fatt li l-familja hija kwintessenzjali għall-istat u għas-soċjetà, u li min irawwem familja jkun qed jagħti lin-nazzjon l-iprem servizz soċjali. Għaldaqstant, jidher li fehmu l-partiti li l-familja jeħtieġ li tkun finanzjarjament sostnuta. Barra minn hekk, il-partiti għażlu wkoll din il-politika favur il-familja għax jafu li din tintgħoġob miċ-ċittadini u b'hekk jirnexxilhom jirbħu l-vot tagħhom. Hu sinjal ċar li l-Maltin u l-Għawdxin, fil-maġġoranza tagħhom, għad għandhom għal qalbhom il-benesseri ta' din il-komunità tad-dar.*

*Iżda mmorru mqarrqin jekk naħsbu li l-ġid u s-sliem tal-familja jiddependu biss mill-benefiċċji finanzjarji, speċjalment f'soċjetà li dejjem tibdel il-kumditajiet, jekk mhux ukoll il-kapriċċi, f'neċessitajiet. Għalkemm jista' jservi ta' għajnuna, ebda benefiċċju finanzjarju waħdu ma jista' jsalva l-għaqda tal-familja. B'ebda flejjes ma tista' tixtri s-sabar, l-umiltà, iċ-ċaħda tiegħek innifsek, jew il-waqtiet ta' hena u ta' intimità li huma fil-kewn ta 'l-imħabba familjari. Lanqas tinstab f'xi supermarket ix-xibka ta' relazzjonijiet tal-familja estiża għaz-zijiet u n-nanniet, li fl-imgħoddi kienet ta' sostenn kbir lill-familja nukleari Maltija u Għawdxija. Fejn naqas dan is-sostenn daħal "is-suq" biex jieħu postu u ġab fix-xejn is-sussidji u l-benefiċċji.*

*Hemm qawl Afrikan li jgħid li biex tifel jikber trid raħal sħiħ. Hekk ukoll il-familja. Biex familja tikber kif għandha tabilħaqq tkun, għandha bżonn lis-soċjetà. Il-familja nnifisha trid tgħin ruħha billi tagħraf, tħaddan u tħaddem il-valuri u l-prijoritajiet li jseddquha. Iżda s-soċjetà wkoll, speċjalment il-medja, bil-mudelli li tipproponi, għandha teżalta dawn il-valuri. Tmur imqarrqa s-soċjetà li min-naħa tipprovdi benefiċċji finanzjarji lill-familji u min-naħa l-oħra taħmi klima ta' egoiżmi u nuqqas ta' responsabbiltà. Is-soċjetà, bl-istituzzjonijiet kollha tagħha, għandha toħloq klima li fiha l-familja ma tisfax mhedda u mminata pulit, pulit.*

**Joseph W. Psaila**

www.dioceseofgozo.org




### *Kwaranturi Mqaddsa*





Fl-ewwel ġranet tas-sena, l-parroċċi tan-Nadur u ta' San Lawrenz organizzaw l-40 siegħa ta' adorazzjoni lill-Ġesù sagramentat, jew kif inhuma magħrufa, l-Kwaranturi Mqaddsa. Huwa mument li fih il-komunità parrokkjali tinġabar madwar Ġesù Ewkaristija u tagħtih qima pubblika. Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni sollenni fiż-żewġ okkażjonijiet, u ħeġġeġ sabiex il-mod ta' parteċipazzjoni tagħna fil-liturġija jkun tabilħaqq wieħed ħaj u li jesprimi tabilħaqq dak li nemmnu.

### *Katidral*



Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-konċelebrazzjonijiet fil-Katidral tas-sollennitajiet ta' Marija Omm Alla u dik ta' l-Epifanija, nhar l-1 u s-6 ta' Jannar rispettivament. Il-kapitlu u l-parroċċa tal-Katidral biddlu l-awgurji tagħhom ma' Mons. Isqof għal sena ġdida mimlija paċi fil-Mulej.



### *Saċerdoti*

Nhar is-Sibt 5 ta' Jannar, is-saċerdoti u r-reliġjużi kollha li jaħdmu fid-djoċesi, ltaqgħu ma' Mons. Isqof fis-Seminarju. Fil-laqgħa Mons. Isqof tkellem dwar is-sena pastorali 2007 li għadha kemm intemmet u dwar l-orjentament pastorali tad-djoċesi għall-ġejjieni. Ingħata rendikont ta' xi strutturi fid-djoċesi u l-ħidma tagħhom u fit-tmiem il-laqgħa saru diversi interventi mis-saċerdoti preżenti dwar xi temi.



Bejn it-8 u l-10 ta' Jannar il-kappillani għawdxin kienu mistiedna biex jieħdu sehem f'*live-in* ta' tlett ijiem organizzat mill-Arċidjoċesi ta' Malta għall-kappillani maltin. Matul il-*live-in*, li sar fis-Seminarju ta' Malta, il-kappillani ddiskutew l-identità tal-parroċċa għas-snin li ġejjin u s-sehem tal-lajċi fil-ħajja tal-komunità parrokkjali.



Din kienet esperjenza sabiħa ferm għall-kappillani tad-djoċesi tagħna u wkoll għall-kappillani maltin li setgħu jaqsmu flimkien il-'karità pastorali' li tanima l-ħajja tal-parroċċa u l-ħidma tagħhom.

Is-saċerdoti minn diversi parroċċi komplew jiltaqgħu flimkien għal laqgħat ta' formazzjoni madwar il-Kelma t'Alla. F'dawn il-mumenti ta' kondiviżjoni għall-qassisin taz-zoni partikulari ssir ukoll *lectio divina* fuq silta mill-Kelma ta' Alla.





Nhar it-22 ta' Jannar, ħabat it-II anniversarju mill-konsagrazzjoni episkopali ta' l-Isqof Mario Grech. F'quddiesa fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, diversi saċerdoti u lajċi ngħaqdu ma' l-Isqof biex iroddu ħajr lil Alla permezz ta' l-Ewkaristija u awgurawlu l-isbaħ xewqat għall-ħidma tiegħu.



***Magħmudija komunitarja***

Nhar il-Ħadd 12 ta' Jannar, festa tal-Magħmudija tal-Mulej, Mons. Isqof ħa sehem f'quddiesa fil-parroċċa tax-Xewkija li fiha ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil diversi trabi. Matul il-ġimgħa fiċ-ċentri tal-Museum saret katekeżi lit-tfal dwar is-sagrament ta' l-inizzjazzjoni fil-ħajja Kristjana li mbagħad laħqet il-qofol tagħha fiċ-ċelebrazzjoni nnifisha tas-sagrament li għaliha attendew it-tfal tal-parroċċa flimkien mal-familji tagħhom.

***Pussess San Lawrenz***



Nhar il-Ħadd 13 tax-xahar Dun Nazju Borg, mix-Xagħra, ħa l-pussess tiegħu ta' kappillan tal-parroċċa ta' San Lawrenz, li din is-sena qegħda tfakkar ukoll il-1750 anniversarju mill-martirju tal-patrun tagħha. Mons. Isqof flimkien ma' diversi saċerdoti konċelebranti u l-ġemgħa preżenti ħadu sehem fl-Ewkaristija bir-rit tal-pussess. F'kelmtejn ta' l-okkażjoni, l-kappillan il-ġdid tkellem dwar l-iskop tal-missjoni tiegħu bħala kappillan. Lejlet dil-ġurnata saret velja ta' talb bi preparazzjoni għall-pussess u għall-missjoni ta' Dun Nazju f'din il-komunità.

***Missjoni Żgħira fil-Qala***

Bejn it-13 u l-20 ta' Jannar, ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla, organizzat dik li tissejjaħ il-Missjoni Żgħira ta' talb u tagħlim fil-parroċċa tal-Qala. 5 patrijiet żaru lill-familji ta' din il-parroċċa u ġew organizzati diversi laqgħat ta' formazzjoni u mumenti ta' talb u ċelebrazzjoni għall-komunità kollha.

***Festi***

Nhar il-Ħadd,20 ta' Jannar ġew fi tmiemhom il-festi ad unur ta' Sant'Anton Abbati, fix-Xagħra, bit-tberik tradizzjonali ta' l-annimali. L-isqof ippresieda l-funzjonijiet liturġiċi u ħa sehem fil-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Anton, bierek lill-ġemgħa preżenti u qassam lill-kull parteċipant xi ikel b'rabta ma' dan il-qaddis u ktieb dwar ħajtu. Matul il-ġimgħa kienu diversi l-parroċċi li organizzaw pellegrinaġġ lejn din il-knisja b'devozzjoni lejn dan il-qaddis.

Nhar is-27 tax-xahar, il-komunità ta' Marsalforn organizzat ukoll il-festa ad unur ta' l-appostlu missierna San Pawl, wara li fil-25 tax-xahar jaħbat nhar il-festa liturġika tal-konverżjoni tiegħu.

***Assemblea ta' l-Isqfijiet tal-Komunità Ewropea***

Mons. Isqof Mario Grech se jirrappreżenta l-Konferenza Episkopali Maltija fl-Assemblea Plenarja tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-Konferenzi ta' l-Isqfijiet tal-Komunità. Ewropea (COMECE) li se tiltaqa' fi Brussell, il-Belġju, mill-5 sas-7 ta' Marzu 2008.

Is-suġġett bażiku tal-laqgħa se jkun, "Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-ħarsien tal-ħolqien – l-inkarnazzjoni tal-*aid* komuni fil-*policies* ta' l-Unjoni Ewropea fis-seklu 21" *(Respecting human dignity and safeguarding the creation – incarnation of the common good in the EU policies of the 21st century).*

Mons. Isqof Grech se jkun akkompanjat minn Mons. Joseph Farrugia, President tal-Kummissjoni tal-Konferenza Episkopali Maltija dwar 'Il-Knisja f'Malta u fl- Ewropa'.



# *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# Alla jġeddidna bil-Qawwa tal-Kelma Tiegħu



*Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Frar, Mons Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni fis-Santwarju ta' Pinu fl-okkażjoni tal-pellegrinaġġ penitenzjali tar-Randan u li fiha ngħata wkoll il-mandat lill-predikaturi ta' l-Eżerċizzi tar-Randan. Mons Isqof għamel din l-omelija:*

**"Tilfu kull tama li jsalvaw"**

Ir-rakkont li għadna kif smajna mill-Atti ta' l-Appostli dwar in-Nawfraġju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl fil-gżejjer tagħna, fost ħwejjeġ oħra jgħidilna li dawk li kienu fuq il-bastiment ma' Pawlu tilfu kull tama li jsalvaw.

Tgħid dawk li kienu fuq il-bastiment ma' Pawlu biss tilfu t-tama u kienu ttentati biex ma jittamawx iktar, jew anke l-bniedem tal-lum, kull waħda u wieħed minnha, tilef kull tama li jsalva? Ħarsu ftit lejn il-familji tagħna, u araw daqsxejn jekk hemmx ukoll fihom sinjali ta' familji li qegħdin jiżvojtaw mit-tama. Ħarsu ftit lejn is-soċjetà ta' madwarna, u araw tinnutawx bħali sinjali ta' soċjetà li qed titlef is-sens ta' direzzjoni fil-ħajja. Sfortunatament anke fil-komunitajiet ekkleżjali tagħna ġieli jidhru sinjali li aħna qed nitilfu t-tama.

**It-tama li ġejja minn Kristu**

Imma quddiem dan ix-xenarju ddoqq f'widnejja dik il-kelma sabiħa li qalilna l-Missier tagħna l- Papa Benedittu XVI fl-aħħar enċiklika li tana, *'Spe Salvi'* (Aħna salvati bit-tama). X'kuntrast! Filwaqt li dawk li kienu fuq il-bastiment tilfu kull tama li jsalvaw, il-Papa jikkwota lil San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani, u lill-poplu ta' Alla jgħidlu: "Intom salvati bit-tama".

Għaliex għandna nkunu salvati bit-tama? Għaliex qegħdin nitilfu t-tama? It-tweġiba jien neħodha wkoll mit-tagħlim ta' San Pawl Appostlu, li proprju fl-ittra tiegħu lill-Efesin jgħidilhom: "Kontu bla tama għax kontu bla Alla". U għalhekk, f'din iċ-ċirkostanza tal-lejla, meta qegħdin nagħmlu l-festa ta' San Pawl, u f'dan il-pellegrinaġġ fil-bidu tar-Randan, inħeġġiġkom biex tqajmu fikom id-don ta' Alla li jinsab fikom permezz tal-Magħmudija.

Anke hawnhekk qiegħed nikkwota lil Pawlu meta jdur fuq Timotju u jgħidlu: "Qajjem fik id-don ta' Alla li jinsab fik bit-tqegħid ta' jdejja". Ikompli jgħidlu lil Timotju: "Afda f'Alla li sejħilna b'sejħa qaddisa". Iżid jgħid Pawlu lil Timotju, u lilna wkoll f'din iċ-ċirkostanza: "Tistħu xejn minħabba x-xhieda tagħkom għal Kristu". Pawlu lil Timotju kien qiegħed jeżortah biex jiġġedded fis-sejħa tiegħu, u kif għidtilkom f'Ras ir-Randan imqaddes nerġa' ntenni wkoll illejla: jien nixtieq li f'dan ir-Randan aħna niġġeddu fis-sejħa li qed jagħmlilna Alla l-imbierek. Għeżież tiegħi, ejjew nerġgħu ntennu dik l-iva tagħna lil Alla!

**Inġeddu l-"Iva" tagħna lil Alla li sejħilna b'sejħa qaddisa**

Illum, il-festa ta' San Pawl, niċċelebraw it-twelid ta' Malta u Għawdex għall-fidi fi Kristu, u allura naraha f'postha li ngħid lil pajjiżna dak li Pawlu jgħid lil Timotju: Nazzjon Malti, qajjem fik id-don ta' Alla li jinsab fik bit-tqegħid ta' jdejn l-Appostlu Missierna! Kif għidnilkom aħna l-Isqfijiet fil-Pastorali li tajnikom fir-Randan, is-soċjetà tagħna, li hija soċjetà reliġjuża, jeħtieġ li tiskopri s-sejħa tagħha ta' poplu Kristjan.

Hemm vokazzjonijiet li, jekk dawn jiġġeddu, ikun hawn tiġdid mhux biss fil-Knisja imma anke fis-soċjetà tagħna. Għandi f'moħħi s-sejħa lil ħuti s-saċerdoti. Intom, għeżież saċerdoti hawn preżenti, u l-presbiterju djoċesan kollu, inħeġġiġkom biex f'dan ir-Randan iġġeddu l-'iva' tagħkom, tippreparaw lilkom nfuskom biex nhar Ħamis ix-Xirka, meta aħna nġeddu l-wegħdiet saċerdotali, aħna niġġeddu fil-vokazzjoni tagħna, fis-sens li nagħrfu ngħixu b'iktar fedeltà u b'mod iktar awtentiku s-saċerdozju tagħna li Kristu, il-Knisja u d-dinja jitolbu minna.

Għandi f'moħħi lilkom, għeżież reliġjużi u lilkom, lajċi kkonsagrati. Qajmu fikom dak id-don li intom irċivejtu mingħand Alla! Afdaw f'Alla li sejħilkom b'sejħa qaddisa. Ikkonvertu f'dan ir-Randan billi tagħrfu tkunu kollkom kemm intom ta' Alla, u hekk żgur tkunu xandâra, messaġġiera u xhieda tat-tama meta intom tħaddnu u tipprofessaw il-Kunsilli Evanġeliċi.

Is-sejħa nagħmilha lilkom, għeżież miżżewġin hawn preżenti u fid-Djoċesi: qajmu fikom id-don ta' Alla li rċivejtu dakinhar li żżewiġtu, dakinhar li ċċelebrajtu s-sagrament taż-żwieġ. Agħrfu afdaw f'Alla li sejħilkom b'sejħa qaddisa fil-ħajja matrimonjali! Kieku l-miżżewġin tagħna kuljum jikbru fl-għarfien ta' din is-sejħa qaddisa li huma msejħin jgħixu kuljum fil-ħajja taż-żwieġ, kieku nkunu tassew bxara tajba dwar iż-żwieġ u l-familja.

**Alla jsejħilna biex niġġeddu**

Jien semmejt dawk li huma sejħat fundamentali, imma mbagħad hemm sejħat oħra partikulari. Kif sejrin inġeddu fina u nqajmu fina dan id-don u din is-sejħa? Hawnhekk nerġa' nagħmel riferenza għall-qari ta' l-Atti ta' l-Appostli li smajna llejla. Pawlu lil dawk li kienu fuq il-bastiment u tilfu kull tama ta' salvazzjoni jgħidilhom: "Kieku smajtu minni kontu teħilsu minn din il-ħsara u t-telf". U anke llejla jien, f'isem Kristu, ngħidilkom mhux biex tisimgħu minni, imma li dan hu ż-żmien tajjeb ta' salvazzjoni biex aħna nisimgħu lil Alla jkellimna.

Fl-Ittra Pastorali li tajnikom għar-Randan, li nittama li tagħmluha test ta' riflessjoni fil-familja, jiena u l-Arċisqof għidnielkom li qegħdin fiż-żmien li fih neħtieġu evanġelizzazzjoni ġdida; f'pajjiżna neħtieġu katekeżi solida biex il-fidi tagħna ma tkunx fidi tal-qoxra, għaliex jekk il-fidi tagħna tonqos, anke l-istess reliġjon tagħna tista' ssir aljenazzjoni. U allura dak li qal Pawlu lil dawk li kienu miegħu fuq il-bastiment, ngħidu jien lilkom u lill-Knisja tagħna: Iftħu qalbkom għal Kristu li f'dan iż-żmien partikulari ser iwasslilkom il-kelma tiegħu. 'Kunu ħbieb ta' l-Evanġelju' – din hija t-tema tal-Pjan Pastorali tagħna u li qed timbuttana biex nieħdu ċerti inizjattivi fil-parroċċi tagħna biex il-komunitajiet tagħna jgħixu madwar il-Kelma. Inħeġġiġkom, għeżież tiegħi, biex issibu postkom f'dawk il-gruppi fil-komunitajiet u fil-parroċċi li proprju qegħdin jiltaqgħu biex ikunu ħbieb ta' l-Evanġelju. Din hija l-evanġelizzazzjoni ġdida.

Imma b'mod partikulari nħeġġiġkom għal dan iż-żmien tar-Randan, żmien li fih aħna ser nirċievu l-kelma speċjalment waqt l-Eżerċizzi mqaddsa. Minn hawn u ftit ieħor jien ser insejjaħ uħud minn dawk il-predikaturi ta' l-Eżerċizzi, u jien, bħala Isqof tagħkom u f'isem il-Knisja, ser nagħtihom il-mandat u nibgħathom fil-komunitajiet tagħna mhux biex jippridkaw lilhom infushom imma biex jippridkaw lil Kristu msallab. Huma jridu jgħidulkom dak li qal Pawlu lin-nies ta' madwaru: "Agħmlu l-qalb u emmnu li jsir sewwa sew kif tħabbar lili": hekk qrajna fl-Atti ta' l-Appostli. Huma ser iwasslulkom dak li l-ewwel huma stess irċivew, biex imbagħad jgħadduh lill-Knisja.

Għeżież tiegħi, dawk li kienu fuq il-bastiment kienu sajmin għal erbatax-il jum, jgħidilna l-awtur ta' l-Atti. U forsi għalhekk bdew jitilfu t-tama tas-salvazzjoni. Kienu sajmin mhux tant mis-sawm ta' l-istonku, imma sajmin mill-Kelma ta' Alla: kienu sajmin minn Alla fil-ħajja tagħhom.

Jien nitlob lill-Verġni Mbierka, l-ankra tas-salvazzjoni tagħna, ħalli takkumpanjana – kif qed takkumpanjana bl-ikona tat-Tħabbira ta' l-Anġlu li qegħdin nipproponu għal din is-sena pastorali –, ħalli kif hija laqgħet il-Kelma u saret il-mara tilma bit-tama, hekk ukoll kull wieħed u waħda minna, kull realtà fi ħdan il-komunitajiet tagħna u l-komunità nisranija tagħna tisma' l-Kelma u tiġi evanġelizzata u kkatekizzata, biex imbagħad tkun tista' tħabbar lid-dinja ta' madwarna: "Aħna salvati fi Kristu". Amen.

*Kummentarju (1)*

# *L-Irxuxtat Magħna Llum*



*kitba tal-Vigarju Ġenerali* **MONS. GIOVANNI B. GAUCI**

**Skond l-Evanġelista S. Mark, meta marru xi nisa sabiex jidilku l-ġisem mejjet ta' Ġesù li kien tqiegħed fil-qabar, ma' l-aħbar li "qam mill-mewt", huma tbiegħdu b'ġirja waħda minn fejn il-qabar u "baqgħu mbellhin bil-biża'. U ma qalu xejn lil ħadd għax beżgħu." Imma mbagħad l-Appostli ma waqfux jitkellmu dwar din il-ġrajja tal-qawmien mill-mewt ta' l-Imgħallem tagħhom.**

*Ir-rebħa ta' Kristu*

Għaddew elfejn sena minn dik il-ġrajja u l-effetti tagħha għadhom jinħassu mad-dinja kollha kulfejn ġie mxandar Ġesù ta' Nazaret. Miljuni ta' nies emmnu f'Ġesù u ħabbewh u mhux ftit taw ħajjithom għalih. L-effetti tar-rebħa ta' Kristu li qam mill-mewt għadhom jinħassu wkoll fil-Knisja tiegħu, dejjem imħabbta, dejjem imfixkla, xi drabi anke ppersegwitata bis-sħiħ, imma dejjem ħajja għax Hu kien wiegħed li jibqa' magħha għal dejjem, mhux fil-Palestina biss imma mad-dinja kollha.

Minkejja li r-rebħa ta' Kristu, bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, ġabet tant ġid u sawret tant barkiet fuq l-umanità, madankollu ta' sikwit ħafna, f'diversi bnadi tad-dinja, Kristu jidher għaddej mill-ġdid minn dawk it-tbatijiet li bdew b'mod speċjali fil-Ġnien tal-Ġetsemani u komplew sakemm il-ġisem mejjet ta' Ġesù tqiegħed fil-qabar. Kristu huwa ħaj, imma m'huwiex indifferenti għat-tbatijiet tal-bnedmin. Dawk it-tbatijiet ta' tant bnedmin huma daqs li



kieku għadhom sejrin id-daqqiet tal-frosta fil-flaġellazzjoni, l-inkurunazzjoni bix-xewk, it-toqol tas-salib u d-dħul ta' l-imsiemer f'idejn u f'riġlejn Ġesù, sakemm il-kustat ġie minfud bil-lanza.

Fid-dinja globalizzata tal-lum, meta permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni nassistu għat-tbatija ta' l-umanità minn ġewwa djarna fit-trasmissjoni diretta, hu xieraq, forsi aktar minn qatt qabel, nagħmlu tagħna t-talba tad-dixxipli ta' Emmaws: "ibqa' fostna, Mulej" – jiġifieri fost dawk ħutna wkoll li qegħdin ibatu l-inġustizzji, il-vjolenza tal-gwerra, fost dawk imċaħħdin mil-libertà tagħhom, fost dawk li qegħdin jiġu ttorturati minħabba l-fidi tagħhom, minħabba t-twemmin politiku tagħhom jew għal xi raġuni oħra li tfisser nuqqas ta' qbil ma' dawk li qegħdin jikkastigawhom.

*Hu rebaħ għalina*

Il-Qawmien ta' Ġesù għandu lilna jimliena bil-kuraġġ: għaliex Ġesù rebaħ għalih u għalina.

Il-ħajja tal-bniedem fuq l-art hija waħda mimlija b'ħafna esperjenzi. Ngħaddu mill-esperjenza tat-tbatijiet. Ninħakmu mit-toqol tal-mard u waqt li nipprovaw insibu xi rimedju għat-tbatijiet tagħna, xi konsolazzjonijiet, bosta drabi nibqgħu nbatu waħedna, abbandunati minn kulħadd, iżolati wkoll minn dawk stess li forsi konna mlejna moħħna bihom. Forsi jkunu jixtiequ jgħinuna imma ma jkunux jafu kif jew ma jkunux jistgħu fil-fatt jgħinuna. Imma forsi wkoll, anqas ikunu tant iħabblu moħħhom bina u b'dak li nkunu qegħdin inġorru bħala salib fuq spallejna. Forsi jkunu mehdijin fi ħwejjeġ oħra, fl-interessi personali tagħhom u ma jsibu ebda ħin x'joffru għal xi għajnuna lilna! Bosta drabi dan l-abbandun jgħaddu minnu tant bnedmin!

*Mod ġdid ta' ħajja*

Madankollu, il-Qawmien ta' Ġesù ġabilna mod ġdid ta' ħajja. Is-salvazzjoni li ġabilna Ġesù tikkonsisti mhux biss



f'dak l-istat ta' tgawdija wara din id-dinja – dik li aħna nsejħulha l-Ġenna – imma hija proċess li għandu bidu mat-twelid ġdid bil-Magħmudija; ngħixu ħajjitna fuq l-art bħala bnedmin salvati. Fi kliem ieħor, dan ifisser, dak li qal San Pawl fl-Ewwel Ittra tiegħu lill-Korintin meta kitbilhom biex iwarrbu l-ħmira l-qadima u jdaħħlu l-ħmira l-ġdida.

Dan ma jfissirx li għax wieħed hu nisrani b'daqshekk mhux ħa jkun aktar imħabbat mill-ħażen. Ma jfissirx li n-nisrani mhux ħa jkollu aktar tentazzjonijiet bħalma jkollhom oħrajn, bnedmin oħra mhux insara, fid-dinja. Il-ħmira l-ħażina tibqa' tinħass, imma ma tkunx hi li tinfluwenza l-għaġna għax din tkun irċeviet ġewwa fiha l-ħmira l-ġdida.

Minkejja l-Magħmudija tiegħi tant snin ilu, minkejja ħajja li tiġbor fiha tant snin ta' prattika reliġjuża bħalma huma s-sagramenti u tant għemejjel oħra tar-reliġjon tagħna, minkejja dan kollu, ġewwa fija jibqgħu jinħassu l-ġibdiet ħżiena, ix-xewqat li ngawdi ħajti issa u dment li qiegħed fid-dinja.

Ġewwa fija jibqgħu jinħassu ċerti reazzjonijiet marbutin, jew aħjar ngħidu, imwelldin man-natura umana tagħna stess. Hekk per eżempju, kontra min joffendina, inħossuna urtati, irrabjati u forsi wkoll irvellati għal min jonqosna, jaħqarna u jimxi ħażin magħna. Din hija kondizzjoni komuni għalina lkoll. Hawn jinħass l-effett tal-ħmira l-qadima, iżda ma nistgħux inħallu l-fdalijiet tal-ħmira l-qadima jmexxu huma l-għaġna kollha. Inħossni urtat, inħoss li għandi naġixxi kontra min joffendini, inħoss li għandi nirrispondi għall-iżbalji ta' l-oħrajn b'reazzjonijiet negattivi. Imma, ta' nisrani li jien, għandi nirbaħ il-ħażen bit-tajjeb u ma nħallix lili nnifsi nintrebaħ mill-ħażen. Il-ħmira t-tajba tkun hi li tmexxini, għax dik qadima u ħażina għandha titwarrab minn ħajti.

***Riflessjonijiet ta' kuljum***

Dawn ir-riflessjonijiet m'għandniex nagħmluhom fi żmien il-Għid biss. Kristu mqajjem mill-mewt huwa raġuni sħiħa ta' tama, ta' tnissil ta' fiduċja biex ma naqtgħux qalbna. Kristu rxuxtat u rebbieħ fuq il-mewt iqawwilna qalbna biex nemmnu li dak li bil-ħila tagħna biss, żgur m'aħniex kapaċi nwettqu, hu possibbli bis-setgħa tiegħu.

*(addattament mit-tliet kotba ta' Mons. Giovanni B. Gauci, 'Ħsibijiet għal Jum il-Mulej')*

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31



# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Wirja tal-Karnival mill-Artisti Żgħar tal-"Gozo College"*



*Lino Xerri (xellug) juri xi xogħlijiet karnivaleski li għamlu l-istudenti lill-Prinċipal tal-Gozo College, Chev. Frank Gatt.*

Il-*Gozo College* tella' wirja ta' l-Arti fil-*Banca Giuratale*, fir-Rabat, Għawdex. Il-Wirja kienet tikkonsisti f'mudelli ta' karrijiet tal-Karnival kif ukoll pittura dwar il-Karnival. Waqt il-ftuħ tal-wirja, nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar, Vincent Grech, President tal-Kunsill tal-Kultura tkellem dwar ir-relazzjonijiet tajba li jeżistu bejn il-Kunsill u l-*Gozo College*. Fil-fatt, il-wirja tal-Karnival hija frott din l-għaqda. F'din il-wirja, ħafna mill-iskejjel primarji u sekondarji ta' Għawdex ħadu sehem. Chev. Frank Gatt, Prinċipal tal-*Gozo College*, esprima dak li osserva waqt l-ewwel jiem tal-Karnival, jiġifieri li l-attivitajiet tal-Karnival huma frott għadd ta' ħiliet li jiġu mgħallma fil-*Gozo College*. Uħud minn dawn il-ħiliet huma evidenti bħalma hi l-Arti. Oħrajn huma aktar informali bħalma huma ħiliet ta' kif wieħed jaħdem f'tim u jorganizza ruħu. Kemm jekk huma ħiliet formali kif ukoll jekk informali dawn kollha jidħlu taħt l-umbrella ta' tagħlim multisensorjali li l-*Gozo College* iħaddan. Chev. Gatt kompla billi rringrazzja lill-għalliema ta' l-Arti preżenti, ta' l-isforzi kontinwi li jagħmlu matul is-sena skolastika biex jilħqu l-miri kurrikulari.



*Il-karru Queen Carnival bl-isem ta' "Mill-baħar tlajt u fl-iskola spiċċajt", tat-tifel David John Cutajar, li jattendi l-iskola Sir Arturo Mercieca, li tinsab fi Triq Vajringa, ir-Rabat, Għawdex.*

## *ANNO DOMINI XXXIII fiċ-ċinemas kollha ta' Malta u Għawdex*

Nhar il-Ħamis, 7 ta' Frar, is-Saċerdoti u s-Seminaristi tad-Djoċesi Għawdxija kienu l-mistiedna speċjali u l-ewwel persuni li raw il-film "Anno Domini XXXIII", fis-*Citadel Cinema*, fir-Rabat, Għawdex.



*Waqt il-wiri tal-film Anno Domini XXXIII. Jidhru fost oħrajn Mons. Isqof Grech u xi saċerdoti u seminaristi.*

Mal-wasla tiegħu, l-Isqof Mario Grech intlaqa' minn Charles Camilleri u Tony Pace, *Manager* ta' *Citadel Cinema* u mir-rappreżentant tal-KRS rispettivament. Mons. Isqof Grech ġie ppreżentat b'CD *Sound Track* oriġinali tal-film, mid-Direttur viżwali ta' l-istess produzzjoni, Melvin Schembri. Preżenti kien hemm ukoll, li jidhru wkoll fir-ritratt, mix-xellug għal-lemin, Ian Paul Schembri, *Cameraman*, Paul Bonello, direttur u Tony Pace, Rappreżentant tal-KRS (distributuri tal-films).

Il-film ANNO DOMINI XXXIII, li beda jintwera fiċ-ċinema kollha ta' Malta u Għawdex, minn nhar l-Erbgħa, 13 ta' Frar, huwa l-ewwel film tax-xorta tiegħu kollu kemm hu prodott Malti, fejn wieħed jara l-istorja ta' l-aħħar ftit jiem tal-ħajja ta' Ġesù Kristu. Film maħdum b'delikatezza u sa l-aħħar dettall, fejn ħadu sehem aktar minn 450 attur.



*Mons. Isqof Grech jidher qed jiġi ppreżentat b'CD Sound Track oriġinali tal-film, mid-Direttur viżwali ta' l-istess produzzjoni, Melvin Schembri.*

Kienet sfida kbira meta fil-bidu tas-sena 2007, Melvin Schembri, Paul Bonello u Christ Cassar irnexxielhom li permezz taż-żewġ kumpaniji *Melvin Studios* u *Irtokki Productions* jibdew ix-xogħol fuq dan il-film li kien jinvolvi siegħat twal ta' xogħol.

B'kitba ta' Renzo Bonello, dan il-film jeħodna madwar elfejn sena ilu, fejn il-poplu dak iż-żmien kien għadu qed jistenna l-Iben t'Alla biex isalvahom. Iżda x'jiġri meta dan l-iben t'Alla jkun ġie biex verament isalva l-qlub tan-nies tad-dinja?

Storja li min jaf kemm il-darba smajna u rajna iżda qatt ma tiddejjaq terġa' tara. Din hija l-akbar storja li qatt ġrat fid-dinja u b'dan il-film, li qed isir l-ewwel darba xi ħaġa tax-xorta tiegħu f'Malta ser jintwera b'mod dettaljat kif Ġesù rnexxielu jirbaħ fuq il-ħażen minkejja li n-nies Lhud kienu kontrih.

Bħala atturi prinċipali wieħed isib lil Rennie Schembri fil-parti ta' Ġesù u Maria Cassar Inguanez fil-parti ta' Marija. Il-mużika oriġinali hi tas-Surmast Raymond Sciberras flimkien mas-*Sofia Philarmonic Orchestra* u rrekordjat fin-*National Radio Studios* tal-Bulgaria.

## *Ħarġa f'Malta għall-Għalliema Rtirati Għawdxin*

Nhar il-Ħamis 7 ta' Frar, l-Għaqda ta' l-Għalliema Rtirati Għawdxin, organizzat ħarġa oħra kulturali f' Malta wara dik li kienet saret f'Novembru li għadda fil-Birgu. Din id-darba ż-żjara saret fir-raħal antik tas-Siġġiewi. Fl-ewwel waqfa tagħhom il-membri għamlu żjara lil-*Limestone Heritage Museum*. Barriera tal-ġebel tal-franka, li bħalha nsibu bosta oħrajn lejn dawn in-naħiet, ġiet mibdula b'mod mill-aktar oriġinali u modern f'mużew li jurik dak kollu li għandu x'jaqsam ma' din l-industrija tant antika tal-gżejjer tagħna. Hawn wieħed jara u jiġi spjegat lil dak li jkun (b'sistema ta' *headphones*), kif kien jinqata' l-ġebel, il-ġarr tal-materjal u s-sengħa kollha li kien u għadu jirrikjedi dan ix-xogħol. Il-grupp ta' wieħed u tletin membru mbagħad żar il-fdalijiet tal-parroċċa antika tas-Siġġiewi fejn hemm wieħed ikompli jammira l-ġmiel ta' xogħol fil-ġebla maltija bl-arkitettura sabiħa li kellha din il-knisja. Waqfa qasira mbagħad saret ħdejn il-kappella tal-Madonna tal-Providenza fejn membru tal-grupp, is-Sur Joe Camilleri Dip. (Adm & Mgt) tkellem fil-qosor dwar l-istorja u l-istil arkitettoniku ta' din il-kappella antika. Għall-ħabta tan-12.30pm il-membri nġabru f'ristorant sabiħ fuq ix-xaqliba ta' Għar Lapsi għal ikla tajba li ma' tulha xi ċajta ħelwa tal-Kav. Joe M.Attard u ta' membri oħrajn ma naqsitx. Il-grupp li kien immexxi mill-president tal-Għaqda s-Sur Horace Mercieca, M.Ed. irritorna lejn Għawdex tard wara nofsinhar.



*L-ex-għalliema jiflu l-fdalijiet tal-parroċċa antika tas-Siġġiewi.*



*Barriera tal-ġebel tal-franka mibdula f'Mużew*

## *Il-Kantanta Morena terġa' tmur l-Iskola fejn tgħallmet*

Il-kantanta Morena li ser tirrappreżenta lil Malta fil-*Eurovision Song Festival*, irritornat fl-iskola fejn irċeviet l-edukazzjoni formali tagħha jiġifieri fl-iskola sekondarja tal-bniet, il-G.F. Agius de Soldanis. Il-kantanta kienet milqugħa fl-iskola mill-Kap u l-amministrazzjoni ta' l-iskola. Bħala apprezzament huma ppreżentaw kopja tas-CD tal-'*musical*' *"The Pirates of Penzance"* li kienet ħadet sehem fih il-kantanta meta kienet għada studenta f'din l-iskola. Merħba kbira ngħatat mill-istudenti li kollha xtaqu jiksbu l-firma tal-kantanta. Min-naħa tagħha, Morena rringrazzjathom billi kantat iż-żewġ diski li għaddewlha għall- Finali tal-Kanzunetta Maltija għall-Ewropa jiġifieri *"Casanova"* u *"Vodka"*. Il-Kantanta stqarret ukoll li fil-futur qarib ser tinawgura il-fan klabb tagħha. Is-suċċessi li qed tikseb Morena għandhom iservu ta' eżempju lil l-istudenti ta' din l-iskola. Huma għandhom jgħarfu l-potenzjal tagħhom u qatt ma jaqtgħu qalbhom f'dak li jixtieqlu jagħmlu.



*Julia Camilleri tidher tippreżenta bukkett ward u CD lil Morena. Fuq il-lemin tidher il-Kap ta' l-Iskola s-Sinjura Maria Assunta Attard tifraħ lill-ex- studenta, il-Kantanta Morena.*



*Il-Kantanta Morena tidher tiffirma lill-istudenti. Ħdejha tidher Sarah Vella.*

## *Wirja ta' Pittura ta' Kevin Attard u Denise Muscat*



*Pittura ta' Kevin Attard*

Fis-Sala tal-Wirjiet, fil-Ministeru għal Għawdex ittellgħet wirja ta' pittura minn żewġ artisti żgħażagħ. Kevin Attard u Denise Muscat, li diġà urew ix-xogħol tagħhom kemm f'wirjiet kollettivi kif ukoll f'wirjiet personali. Din hija l-ewwel wirja tagħhom flimkien. L-istili differenti tagħhom ibbilanċjaw lil xulxin u b'hekk inħolqot armonija interessanti ta' kuluri.

Kevin Attard, li jaħdem fil-qasam artiġanali tal-filugranu, f'din il-wirja wera ukoll biċċa xogħol mdaqqsa tal-fidda. Kevin għamel l-ewwel wirja tiegħu fl-2003 u wara, fl-2005 f'din l-istess sala. Il-pitturi ta' Kevin huma purament astratti, logħob bil-kuluri li huma ħielsa minn kull irbit.



*Lombadina Beach (gold), xogħol Denise Muscat.*

Denise Muscat, imwielda u toqghod in-Nadur, Għawdex, hija għalliema ta' l-Arti fil-Kulleġġ. San Injazju, Liċeo Marija Reġina, Blata l-Bajda. F'din il-wirja kellha xogħol ġdid b'bixra oriġinali. Denise użat materjal mormi bħall-ħġieġ miksur u biċċiet tal-landa, fost oġġetti oħra, biex ħolqot id-dawl u t-'*texture*'. Motif komuni magħmul minn biċċiet tal-mirja deher f'ħafna mil-pitturi, bi skop biex kull min ħares lejhom seta' jara r-rifless tiegħu nnifsu u jsir parti mil-pittura stess. Din il-wirja damet miftuħa sat-3 ta' Frar.

## *Il-President Emeritu De Marco f'Għawdex*



*Persuni jistennew sabiex jiltaqgħu ma' l-E.T. il-President Emeritu l-Prof. Guido de Marco.*

L-E.T. il-Prof. Guido de Marco, President Emeritu ta' Malta, akkumpanjat minn martu Violet, il-Ħadd 13 ta' Jannar, filgħodu, żar il-ħanut tal-kotba, *Bookworm*, fir-Rabat, għal *book signing session* tal-awtobijografija tiegħu *The Politics of Persuation*. Numru kbir ta' Għawdxin, uħud minnhom bil-familja b'kollox, kif ukoll xi Maltin u barranin, marru l-*Bookworm*, sabiex mhux biss jiffirmalhom il-ktieb imma anke jitkellmu miegħu.

Mal-wasla tagħhom, l-E.T. u s-Sinjura de Marco, intlaqgħu mill-proprjetarji tal-ħanut, Joe u Marija Grech. L-E.T. il-President Emeritu deher kuntent ħafna u ssurprenda ruħu bir-rispons tan-nies u esprima illi n-nies kienu kordjali ħafna.



*Ray, Mary u Mikhail-Sam Mifsud li joqgħodu Sannat jidħru waqt l-iffirmar tal-awtobijografija The Politics of Persuation.*

## *President Ġdid għall-Kamra tan-Negozju għal Għawdex*



Is-Sur Joe Grech ġie elett unanimament bħala President tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex għas-snin 2008 - 2009 waqt laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 30 ta' Jannar.

Is-Sur Grech hu membru fundatur tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex u serva bħala Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, Teżorier, u Viċi-President fil-Kunsilli preċedenti. Serva wkoll bħala *Chairman* tal-Kumitat ta' l-Artiġanat fi ħdan il-Kamra mill-bidu tagħha, oriġina l-Fiera tan-Negozju għal Għawdex u serva ta' *Chairman* tal-kumitat organizzattiv tal-Fiera mis-sena 2002 sa l-2004. Kien membru tal-grupp ċentrali tal-Kumitat Reġjonali tal-Proġetti għal Għawdex; irrappreżenta lill-Kamra fil-laqgħat ta' l-INSULEUR li jsiru Brussles u kien *Chairman* tal-Kumitat Organizzattiv tas-7 Forum ta' l-INSULEUR (Għaqda tal-Kmamar tal-Kummerċ tal-Gżejjer Ewropej) li sar f'Għawdex is-sena li għaddiet u jirrappreżenta 'l Kamra f'kumitati oħra reġjonali.

Is-Sur Grech qal lil 'Il-Ħajja f'Għawdex' li hu qed iħares 'l quddiem biex ikompli jibni fuq is-suċċessi milħuqa minn ta' qablu u li ser ikompli jaħdem mill-qrib ma' l-Eżekuttiv tal-Kunsill u mal-membri kollha għall-Iżvilupp ta' Pjan Strateġiku li jkompli jkabbar l-ekonomija t'Għawdex.

## *Inawgurazzjoni ta' Belvedere fil-Fontana*

Fil-Fontana ġie nawgurat *belvedere* fi Triq ta' Mulejja li sar bejn il-Kunsill Lokali u l-MEPA permezz tal-*Urban Improvement Fund*. Dan il-*belvedere* jagħti għal fuq waħda mill-isbaħ veduti t'Għawdex, dik ta' Wied il-Lunzjata. L-inawgurazzjoni saret mis-Sindku tal-lokalità Saviour Borg u tbierek mill-Kappillan, il-Kanonku Lino Vella. Saret ukoll taħdita dwar dawk l-inħawi mill-istoriku Mons. Dr. Joseph Bezzina.



*Il-Belvedere fi Triq ta' Mulejja, il-Fontana*

## *Proġett ta' tkabbir ta' faċilitajiet ġewwa l-MCAST Xewkija*



*Preżenti għall-inawgurazzjoni kien hemm ukoll Paul Attard, President tal-Bord tal-Gvernaturi, il-Professur Maurice Grech, Prinċipal, u Frederick Fearne, li kien id-direttur inkarigat mill-proġett.*



*Waqt l-inawgurazzjoni ta' Kumpless ta' workshops ġewwa ċ-Ċentru ta' l-MCAST, fix-Xewkija.*

Kumpless ta' *workshops* ġie inawgurat nhar il-Ġimgħa 29 ta' Frar, ġewwa ċ-Ċentru ta' l-MCAST fix-Xewkija, minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex. Ix-xogħol inawgurat kien jinvolvi l-bini ta' kumpless li jinkludi żewġ *workshops* ġodda li ġew ukoll mgħammra b'apparat modern u addattat għat-taħriġ fl-istallazzjoni ta' l-elettriku u xogħol fil-metal u *welding*. *Workshop* ieħor ġie ristrutturat biex ikun jista' jintuża għat-taħriġ fl-inġinerija mekkanika. B'hekk studenti Għawdxin ikunu jistgħu jiġu mħarrġa skond l-eżiġenzi tas-suq tax-xogħol f'dawn l-oqsma, biex ikollhom prospetti aħjar ta' mpjiegi meta dawn jispiċċaw il-korsijiet ġewwa dan iċ-ċentru.

Il-proġett twettaq bis-saħħa ta' investiment ta' Ewro396,000 permezz tal-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006, b'mod speċifiku permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF). Il-Gvern Malti ffinanzja 25% ta' l-ispiża totali tal-proġett.

F'kelmtejn, id-direttur taċ-ċentru ta' l-MCAST ġewwa Għawdex, Godwin Grech, spjega kif dawn il-faċilitajiet ġodda ta' l-MCAST ġewwa Għawdex jirrappreżentaw qabża kbira fil-kwalità f'dik li hija infrastruttura ta' tagħlim u tagħmir. Semma wkoll kif proġetti oħra li ġew sottomessi għall-finanzjament mit-tieni perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 ġew approvati u diġa' nbeda l-proċess biex ikun jista' jiġi prokurat tagħmir għal *machine shop* ta' l-inġinerija mekkanika, u *workshop* għax-xogħol fl-injam b'valur ta' madwar Ewro133,000. Dan barra akkwist ta' aktar kompjuters u apparat relatat mat-tagħlim ta' l-informatika filwaqt li huwa ntenzjonat ukoll li jkun hemm faċilitajiet ta' taħriġ ta' *Call Centre* u laboratorju tax-xjenza ġenerali. Is-sur Grech qal ukoll li filwaqt li jkun għaddej l-iżvilupp tal-*Master Development Plan* għall-bini ta' *campus* ġdid ta' l-MCAST ġewwa Corradino hu maħsub ukoll li jsir *Masterplan* fuq skala iżgħar għall-MCAST f'Għawdex biex il-faċilitajiet f'Għawdex jiġu amalgamati f'ċentru wieħed addattat għat-taħriġ vokazzjonali fiż-żminijiet ta' llum.

## *Vetrini speċjalizzati pprezentati lil "Heritage Malta"*

Disa' vetrini speċjalizzati, nhar il-Ħamis 28 ta' Frar, ġew uffiċjalment ipprezentati minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, lil Dr Mario Tabone, *Chairman* ta' *Heritage Malta*.

Ix-xiri ta' dawn il-vetrini, li swew aktar minn Ewro111,000, kien possibbli permezz ta' finanzjament mill-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006, taħt il-Fond Ewropew għal Żvilupp Reġjonali.

Dawn il-vetrini huma speċifikament mibnija b'karatteristiċi speċjali bħal ħġieġ *shatter proof* u b'sistema ta' kundizzjoni ta' klima li tippermetti l-ogħla sigurtà u protezzjoni possibbli. Permezz tagħhom, numru ta' fdalijiet imprezzabbli li jmorru lura għal żmien Neolitiku, żmien it-Tempji u żmien il-Bronż rispettivament (c.5200-700 QK) li kienu nstabu fiċ-Ċirku tax-Xagħra, issa ser ikunu jistgħu jinżammu għal wiri b'mod permanenti ġewwa Għawdex stess. Dawn il-fdalijiet



*Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono tifli l-fdalijiet esebiti fil-vetrini. Jidhru wkoll Dr Mario Tabone, Chairman ta' Heritage Malta (xellug) u Joe Micallef, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex.*

uniċi jinkludu dik magħrufa bħala '*twin-seated figurine*' u set ta' '*stick idols*' li jirrappreżentaw wieħed mill-ifjen settijiet ta' skulturi preistoriċi uniċi fir-reġjun tal-Mediterran. Dawn il-figuri, flimkien ma' fdalijiet uniċi oħra, ser jinżammu għal wiri ġewwa s-sezzjoni tal-preistorja fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija ta' Għawdex, li jinsab f'Casa Bondì ġewwa ċ-Ċittadella u li huwa wieħed mill-mużewijiet u siti oħra f'Għawdex immexxija minn *Heritage Malta*.

F'dan il-mużew hemm għall-wiri fdalijiet importanti li nstabu f'Għawdex li jinkludu dawk mit-tempji tal-Ġgantija u siti preistoriċi oħra, kif ukoll fdalijiet Rumani u Puniċi u oħrajn mill-perijodu medjevali.

## *Preżentazzjoni ta' għotja għall-Missjoni fil-Perù*



Fid-29 ta' Jannar, il-GMA *(Gozo Medical Association)* għamlet donazzjoni ta' apparat mediku lil Fr. Raymond Portelli, qassis u tabib minn Nadur, Għawdex u li jgħix fil-missjoni, il-Perù. Il-preżentazzjoni saret mill-President tal-GMA, Dr. Robert Sciberras li esprima l-apprezzament għax-xogħol li qiegħed jagħmel Fr. Portelli. Dr. Sciberras fakkar li s-sena l-oħra kienet saret għotja simili u wiegħed aktar għajnuna lil Fr. Portelli fis-snin li ġejjin. Min-naħa tiegħu, Fr. Portelli rringrazzja lil GMA ta' din l-għotja f'isem il-pazjenti fqar tiegħu ġewwa l-Perù.

*Fir-ritratt jidher Dr. Robert Sciberras President tal-GMA (fuq il-lemin) jippreżenta l-għotja ta' apparat lil Fr. Raymond Portelli.*

## *Inawgurat l-ewwel "Incubation Centre" għall-Artiġanat*

L-ewwel *"Incubation Centre"* għall-Artiġanat f'Għajnsielem, Għawdex ġie nawgurat nhar l-Erbgħa 27 ta' Frar, mill-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi.



*Dehra tal-faċċata ta' l-Incubation Centre f'Għajnsielem.*

Il-proġett jinvolvi l-bini ta' estensjoni għaċ-Ċentru Għawdxi ta' l-Arti u l-Artiġanat Wistin Camilleri u l-bini ta' numru ta' *workshops* li jiffurmaw l-*Incubation Centre*.

Il-proġett twettaq bl-investiment ta' Ewro850,000 permezz tal-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006, b'mod speċifiku permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF). Il-Gvern Malti ffinanzja 25% ta' l-ispiża totali tal-proġett.

Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi rrefera għal dan il-proġett bħala pass ieħor importanti fl-iżvilupp soċjali u ekonomika tal-gżira. "Bħalma nistgħu naraw illum, qegħdin nindirizzaw il-bżonnijiet partikulari tal-gżira bl-aktar mod tanġibbli," qal il-Prim Ministru.

Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex irreferiet għall-proġett inawgurat bħala wieħed li jgħaqqad b'mod konkret żewġ pilastri tal-ħidma tal-Gvern – l-edukazzjoni u x-xogħol. Dan għaliex il-proġett joffri opportunitajiet edukattivi fit-taħriġ fl-arti u l-artiġanat u joffri wkoll l-opportunità għall-Għawdxin biex jiftħu n-negozju tagħhom u jiġġeneraw ix-xogħol f'dan il-qasam.

Il-proġett ta' l-*Incubation Centre* fl-artiġanat u l-estensjoni taċ-Ċentru Għawdxi ta' l-Arti u l-Artiġanat Wistin Camilleri hu mibni fuq żewġ sulari. Is-sular t'isfel hu magħmul minn 10 *workshops* li se jiġu pprovduti lil dawk li jixtiequ jwaqqfu negozju tagħhom fis-settur. Jinkludi wkoll spazju għall-wirjiet. Is-sular ta' fuq huwa magħmul minn 5 *workshops* kbar li jservu bħala estensjoni għall-iskola, kmamar oħra, uffiċċji amministrattivi, u sala għall-konferenzi. Il-proġett huwa mgħammar b'*lift*, u allura aċċessibbli għall-persuni bi problemi ta' mobilità.



*Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi jifli xi xogħlijiet li saru minn dawk li jattendu f'dan iċ-Ċentru.*



*Joseph Attard, il-Kap taċ-Ċentru f'Għajnsielem jippreżenta rigal tal-okkażjoni lill-Prim Ministru.*

## *Paul Scicluna, "Chairman" ta' l-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu*



*Paul Scicluna, Chairman, Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu.*

L-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu żammet il-Laqgħa Ġenerali Annwali tagħha nhar il-Ġimgħa 18 ta' Jannar, fil-Lukanda Grand, l-Imġarr Għawdex. F'din il-laqgħa ġew approvati r-rapporti amministrattivi u eletti l-membri li ser iservu fil-kunsill il-ġdid. Is-sur Paul Scicluna nħatar *Chairman* ta' din l-Assoċjazzjoni.

Is-Sur Scicluna ilu membru ta' l-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu sa minn meta ġiet iffurmata fi Frar 1999. Hu għandu esperjenza vasta fis-settur tat-turiżmu u rrappreżenta lill-Assoċjazzjoni fil-fieri barra minn Malta u f'diversi kumitati u kunsilli u fl-Awtorità Maltija għat-turiżmu.



*Joe Muscat, Segretarju tal-GTA waqt id-diskors tiegħu*

F'kumment li tana, s-Sur Scicluna wiegħed li l-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu ser tkompli tippromwovi lill-Għawdex ħalli aktar turisti barranin u Maltin jagħżlu lill-gżiritna għall-btajjel tagħhom mhux biss fis-sajf iżda matul ix-xhur kollha tas-sena. "Biex dan il-għan jintlaħaq hemm bżonn tal-kooperazzjoni mhux biss ta' l-Awtoritajiet Governattivi, iżda wkoll tal-poplu kollu Għawdxi. Importanti li nibżgħu għall-ambjent u lil Għawdex nżommuh nadif u mantenut bl-aħjar stat possibbli ħalli jkompli jisbieħ u jkun ta' attrazzjoni".



*Waqt il-laqgħa ġenerali annwali tal-GTA*

Sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu, is-Sur Scicluna jisħaq biex is-setturi kollha jingħaqdu u jkomplu jaħdmu flimkien fl-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu.

## *Mons. Isqof Emeritu Nikol Cauchi Jagħlaq 79 Sena*



*Waqt il-konċelebrazzjoni fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb*

Il-Moviment *Pro Sanctitate* f'Għawdex bħas-snin l-imgħoddija organizza Jum l-Isqof Nikol G. Cauchi, din is-sena fl-okkażjoni tad-79 mit-twelid tiegħu.

Bħala att ta' rikonoxxenza lejn il-ħidma ta' Mons. Isqof Cauchi, nhar il-Ħadd li għadda, 2 ta' Marzu, fis-7.00 ta' filgħaxija, fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, fir-Rabat, Għawdex, Mons. Isqof Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech u għadd kbir ta' Saċerdoti tad-Djoċesi.



*Uħud mis-saċerdoti konċelebranti*

Mons. Isqof Cauchi radd ħajr lill-Mulej għal dak kollu li għamel miegħu tul dawk is-snin kollha. Imbagħad għadda biex irringrazzja lil dawk kollha li f'dik l-okkażjoni tawh l-awguri tagħhom kif ukoll lil dawk li għenuh tul dawn is-snin kollha. Kelmtejn oħra saru mill-Isqof Mons.Mario Grech fejn awguralu aktar snin ta' ħidma fid-Djoċesi.



*Jgħaddi kelma lil Mons. Isqof Mario Grech waqt il-qsim tal-kejk*

L-ewwel lezzjoni nqrat mis-Superjura tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M, Pauline Grech, waqt li Tarcisio Gauci, membru anzjan u attiv tal-Leġjun ta' Marija, qara t-tieni lezzjoni. L-evanġelju nqara mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Mons. Arċidjaknu Giovanni Bosco Gauci. It-talba tal-fidili nqrat minn oħt Mons. Isqof Cauchi, Ġemma Cauchi. Waqt li l-offerti tal-quddiesa ttellgħu mill-pubbliku miġbur bi ħġaru fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb.

Wara, fis-sala taċ-Ċentru Pastorali, fost ċapċip ta' dawk preżenti, Mons. Isqof Cauchi qasam kejk ta' l-okkażjoni.



*Waqt id-diskors tiegħu ta' l-okkażjoni*

**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*





## "SEA PASSENGER TERMINAL" - KOMDU U MODERN

Bħala Għawdxi nħossni ferħan u kburi li issa għandna *Passenger Terminal* tassew sabiħ u modern u li jistħoqqlu jiġi msejjaħ *state of the art* fix-Xatt ta' l-Imġarr. Ħassejtni tassew tajjeb dan l-aħħar nidħol nistenna fil-kumdità ta' dan it-*Terminal* qabel ma stajt nirkeb fuq il-vapur biex immur sa Malta. Sħana jew kesħa, maltemp jew bnazzi, issa tista' tmur Malta bil-kumdità bla ma tesponi ruħek fl-ebda ħin għall-burdati tat-temp sakemm tirkeb il-vapur, u bla ma tgħaddi mill-*garage* imħaxken bejn il-karozzi. U trakkijiet! L-istess meta tasal lura minn Malta. Kien ilu mixtieq u mistenni dan il-proġett, u issa wasal. Tassew 'prosit', u issa rridu naraw li jinżamm nadif u bogħod minn kull ħsara. Żgur li anke l-barranin li jiġu jżuruna sa jitilqu lura lejn pajjiżhom b'impressjoni tajba. L-istess esperjenza jġarrbu dawn meta jirfsu fl-ajruport ta' Malta. Bi proġetti bħal dawn Għawdex ikompli tiela' 'l fuq. Kelma ta' 'prosit' lit-Tarznari tagħna għax-xogħol li għamlu fuq il-vapuri tagħna biex issa dawn jistgħu jittrakkaw ma' dan it-*Terminal*. Dil-'prosit' nestendiha wkoll lil dawk kollha li ħadmu fuq dan il-proġett li jinkludi wkoll *Parking* (bla ħlas) li jieħu mal-180 karozza. Għawdex jixraqlu dejjem l-aħjar!

---



## MONS. ISQOF JAGĦTI L-MINISTERU TAL-LETTORAT LIL ERBA' SEMINARISTI

Nhar il-Ħadd wara nofsinhar, 24 ta' Frar 2008, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni sollenni fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Għarb li matulha huwa ta l-Ministeru tal-Lettorat lis-seminaristi Francesco Pio Attard u Simon Mario Cachia mill-parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Noel Debono mill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur u lil Maximillian Grech mill-parroċċa ta' Marija Assunta fil-Katidral. L-Isqof kien assistit mir-Rettur tas-Seminarju Dun Daniel Xerri u Mons. Arċipriet Dun Karm Gauci, xi kappillani flimkien ma' għadd sabiħ ta' saċerdoti u xi wħud mill-istaff akkademiku tas-Seminarju. Ħa sehem il-Kor tal-Parroċċa ta' l-Għarb "Hebron" taħt it-tmexxija tal-Kan. Dun Mikiel Galea. Wara l-omelija l-Isqof ippreżenta kopja ta' l-Iskrittura Mqaddsa lill-erba' kandidati tal-ħames sena biex issa jkunu f'qagħda aħjar li jxandru l-Kelma t'Alla.

F'kelmtejn li għamel f'din l-okkażjoni sabiħa, li għaliha kienu preżenti l-familjari u ħafna qraba u ħbieb ta' dawn is-Seminaristi, Mons. Isqof Mario Grech beda biex qal li dawn l-erba' żgħażagħ wieġbu "Hawn jien" meta r-Rettur sejħilhom biex jippreżentaw ruħhom quddiem l-Isqof. B'dik l-espressjoni dawn iż-żgħażagħ riedu juru d-disponibbiltà tagħhom għall-Ministeru tal-Lettorat, fi kliem ieħor isiru Xandâra tal-Kelma. Ħafna huma għatxana għal din il-Kelma, kompla l-Isqof, u l-'iva' ta' Francesco, Simon, Noel u Max timliena bil-ferħ u lilkom (is-seminaristi) tgħabbikom b'iktar piż u responsabbiltà fil-Knisja. Intom tridu ttaffu l-għatx tal-bniedem tal-lum bħal dik is-Samaritana tal-Vanġelu li ma għarfitux lil Kristu. L-Isqof kompla jgħid li fostna hawn min jaf bi Kristu u l-Evanġelju, iżda għadu ma ltaqax miegħu. Fis-soċjetà tagħna għandna min jemmen f'Alla imma għadu 'l bogħod mit-tempju tiegħu mnejn inixxi l-ilma tal-ħajja! Għandna wkoll min hu mbiegħed mit-tempju u forsi qed ibiegħed oħrajn mit-tempju. Jeżistu dawk li għamlu għażliet żbaljati bħal dik il-mara tas-Samarija; dawn jixtiequ l-verità. Mons. Isqof ħeġġeġ lil dawn l-erba' żgħażagħ biex imorru jfittxu lil dawk li qegħdin fit-triq żbaljata waqt li stedinhom biex iwasslu l-messaġġ ta' Kristu. Hemm bżonn li tistinkaw biex tkunu l-Kelma nkarnata – impenn tqil imma bil-grazzja t'Alla taslu. Bħal Mose' li ħabbat fuq il-blata biex joħroġ l-ilma bnin, hekk intom tridu tħabbtu fuq il-Kelma biex l-ewwel tagħmluha tagħkom u mbagħad twassluha lill-oħrajn. L-Isqof temm id-diskors tiegħu billi qal li lkoll kemm aħna għandna nħossuna msejħin biex bix-xhieda tagħna nħarrku lil ta' madwarna. Agħtu l-primat tal-Kelma u komplu itolbu għal iktar vokazzjonijiet saċerdotali u qaddisa.

Fil-mument fis-Seminarju tagħna hemm tnax-il seminarista waqt li ħamsa oħra jinsabu msefrin jagħmlu s-sena intermedjarja tagħhom.

## MILL-PARLAMENT

***Qrati - Kumpilazzjonijiet***

Mit-tweġiba ta' l-Onor. Tonio Borg, Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, għall-**Mistoqsija Parlamentari 29718** ta' l-Onor. Josè Herrera, dwar "kemm-il kumpilazzjoni ġiet reġistrata fis-snin 2006 u 2007 u kif kienu mqassma", joħroġ dan it-tagħrif dwar il-Qorti ta' Għawdex:

**Sena 2006**

| *Suġġett* | *Numru ta' kumpilazzjonijiet* |
|---|---|
| Serq | 12 |
| Kaġunar ta' ħsara | 11 |
| Ġlied | 6 |
| Dħul f'zona riservata għall-għawwiema | 3 |
| Korruzzjoni ta' minorenni | 3 |
| Użu ħażin minn kompjuter tal-gvern | 1 |
| Pussess ta' droga | 2 |
| Ħebbew għall-Pulizija | 3 |
| Offiża kontra l-pudur | 1 |
| Relatata mat-traffiku | 1 |
| Attentat ta' qtil | 1 |
| Falsifikar ta' flus | 2 |

**Sena 2007**

| *Suġġett* | *Numru ta' kumpilazzjonijiet* |
|---|---|
| Pussess ta' droga | 19 |
| Kaġunar ta'ħsara u ġlied | 21 |
| Serq | 12 |
| Qerq (falsifikar, eċċ) | 13 |
| Serq ta' kurrent elettriku | 18 |
| Pussess ta' arma tan-nar mingħajr liċenzja | 2 |
| Għamilha ta' operator tal-bunkering mingħajr liċenzja | 1 |
| Moħqrija fuq l-annimali | 1 |
| Ħebbew għall-Pulizija | 4 |
| Ħalf falz | 4 |
| Attentat ta' qtil | 1 |
| Korruzzjoni ta' minorenni | 1 |
| Importazzjoni llegali ta' għasafar | 1 |
| Relatati mat-traffiku | 2 |
| Miżappropijazzjoni | 1 |
| Tfixkil ta' terzi fil-pussess ta' ħwejjiġhom | 1 |

***Seduta Numru 614***
30/01/2008

***Persuni Jirreġistraw***

Mit-tweġiba ta' l-Onor. Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni Żgħażagħ u Impjiegi għall-**Mistoqsija Parlamentari 29424** mill-Onor. Adrian Vassallo dwar "kemm hawn persuni jirreġistraw illum u minn liema lokalità huma" joħrog dan it-tagħrif dwar Għawdex:

In-numru ta' persuni li kienu qed jirreġistraw għax-xogħol fl-aħħar ta' Diċembru 2007 fuq l-Ewwel u t-Tieni Parti tar-Reġistru:

| *Għawdex* | *Nies* |
|---|---|
| Fontana | 23 |
| Għajnsielem | 65 |
| Għarb | 17 |
| Għasri | 9 |
| Kerċem | 29 |
| Munxar | 36 |
| Nadur | 99 |
| Qala | 29 |
| San Lawrenz | 20 |
| Sannat | 18 |
| Victoria | 104 |
| Xagħra | 102 |
| Xewkija | 68 |
| Żebbuġ | 87 |
| **Total** | **706** |

Persuni li sabu xogħol minn Jannar sa Diċembru 2007 u li qabel kienu qed jirreġistraw għax-xogħol ma' l-ETC:

| *Għawdex* | *Nies* |
|---|---|
| Fontana | 7 |
| Għajnsielem | 23 |
| Għarb | 7 |
| Għasri | 1 |
| Kerċem | 14 |
| Munxar | 11 |
| Nadur | 39 |
| Qala | 10 |
| San Lawrenz | 3 |
| Sannat | 12 |
| Victoria | 41 |
| Xagħra | 39 |
| Xewkija | 35 |
| Żebbuġ | 25 |
| **Total** | **267** |

***Seduta Numru 614***
30/01/2008




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

**Inċentivi u Investiment**
"L-investiment f'Għawdex qed isir bis-saħħa ta' l-inċentivi ġodda li ħoloq il-Gvern għal investiment f'dik il-gżira u li qed iħajru numru ta' azjendi Maltin jieħdu l-pass li jkun imiss ta' espansjoni tagħhom hemmhekk. Dan jagħti valur akbar lill-ekonomija Għawdxija u joħloq ix-xogħol għall-Għawdxin fi gżirithom."

**Austin Gatt**, *il-Mument, 17 ta' Frar 2008*

**MCAST u Gozo University Centre**
*"Students reading for University degrees in certain subjects, including IT and sciences, as well as MCAST students, will be given new subsidies to encourage more young people to take up further studies. Labour will also ensure that the Gozo University Centre will start offering new courses, including undergraduate and postgraduate degrees in research, IT, planning, business and agriculture management. The Gozo centre of MCAST must also offer more courses to Gozitan students."*

Rapport; **'With Labour a New Beginning in Gozo too, Sant tells Gozitans'**, *The Malta Independent on Sunday, 17 Frar 2008*

**Il-Karnival tan-Nadur**
"Dawn il-familji li jikkoperaw tant mal-Kunsill Lokali, stennew li almenu t-triqat imsemmijin jiġu maħsulin minn dak it-tiżliġ u ħmieġ li jħallu l-eluf kbar ta' nies f'okkażjonijiet bħal dawn. Ma naħsibx li l-Kunsill tan-Nadur huwa fallut."

**Ittra lil-Editur** minn Muġugħ, *L-Orizzont, 19 ta' Frar 2008*

**Viżjoni għal Għawdex**
*"The establishment of Gozo as an island of tranquility, and "a get-away spot" for EU citizens."*

**Anġelo Xuereb**, *The Times, 13 ta' Frar 2008*

**U Viżjoni għal Għawdex**
*"Turning Gozo into an ecological island – Eco Gozo – so that it becomes a model in sustainable development and environmental protection. This would kick off with a pilot project in a Gozo village and then be extended to the whole island."*

Rapport minn **Cynthia Busuttil**, 'PM to take MEPA Reform under Wing', *The Times, 13 ta' Frar 2008*

**Problema!**
"Minn stħarriġ li għamel fl-aħħar jiem dan il-ġurnal, jirriżulta li f'Għawdex teżisti problema kbira dwar fejn l-industrija tal-kostruzzjoni tista' tarmi l-iskart tagħha,"

Artiklu: **'Gonzipn jgħid mod, l-Għawdxin mod ieħor'**, *KullĦadd, 17 ta' Frar 2008*

**Id-Dwejra**
*"But what has happened at Dwejra has shown (a) that the election is just round the corner (b) that Nature Trust should be ashamed of themselves (c) that the reforms that the PM wishes to implement at MEPA might also include informing himself of the correct criteria for issuing permits. One such criteria is to freeze all applications in the four weeks prior to an election."*

**Saviour Balzan**, *MaltaToday, 17 ta' Frar 2008*

**Terminal ġdid fl-Imġarr**
"Giovanna Debono qalet li dan il-proġett bidel radikalment il-kwalità tas-servizz tat-trasport bejn Malta u Għawdex, wara li fl-aħħar snin il-Gvern investa fil-bini ta' vapuri ġodda u toroq ġodda. Il-Gvern irid ikompli jtejjeb il-kwalità ta' l-ambjent infrastrutturali ta' Għawdex permezz ta' iktar proġetti fosthom dak taż-Żewwieqa *Waterfront* li jkompli jtejjeb il-faċilitajiet fil-port ta' l-Imġarr."

Rapport minn **Marion Zammit**, Qabża oħra ta' kwalità għal Għawdex, *In-Nazzjon, 22 ta' Frar 2008*

**Wied is-Salve Reġina**
Għal darb'oħra Wied is-Salve Reġina f'Għawdex qiegħed jerġa' jispiċċa vittma ta' qerda ambjentali...Kwantità kbira ta' ċamur (fdal tal-konkos) qiegħed jeqred il- ġmiel naturali tal-Wied...Iċ-ċamur qiegħed ikompli jgelgel għal fuq ġibjun li hemm fl-istess Wied u li jintuża biex il-bdiewa jsaqqu l-uċuħ tar-raba' tagħhom. Tant li l-ilma tax-xita li għamlet fl-aħħar ġimgħat m'għadux tajjeb għat-tisqija, xi ħaġa li dwarha qegħdin jilmentaw bosta bdiewa.

**Alexander Balzan**, *KullĦadd, 24 ta' Frar 2008*

**Djar ġodda fil-'Pjan għal Bidu Ġdid'**
Jissemma bini ta' qasam residenzjali għall-akkomodazzjoni soċjali.; mhux aħjar jinstab mezz kif jimtlew id-djar vojta li Għawdex minnhom hawn bil-bosta?

**Asterisk**, *IL-ĠENSillum, 16 ta' Frar 2008*


Imperial Eagle

DAILY (from Monday to Friday)
Transport of goods between
Gozo & Malta and Malta & Gozo.




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Kummentarju (2)

# IL-BULLYING FL-ISKEJJEL



kitba ta' HORACE MERCIECA

*L-istorja ta' Tommy*

**Meta Tommy għalaq it-3 snin, ommu daħħlitu l-*Pre-Kinder*. Għall-ewwel darba f'ħajtu, Tommy sab ruħu mitluf qalb ħafna tfal, waħdu u iżolat. Huwa tilef dik is-sigurtà u l-protezzjoni li kellu d-dar. Ħass il-bżonn li jagħmel ħabib ma' xi ħadd, ħalli b'xi mod, jakkwista xi ftit minn dik is-sigurtà li kien tilef. Għamel ħabib ma' xi tfal, però kien hemm oħrajn li ma tawhx wiċċ, anzi kienu jimbuttawh u ġie li ħadulu jew kissrulu l-ġugarelli li kien jieħu miegħu mid-dar. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, l-affari flok naqset kompliet tikber. Din il-biċċa lil Tommy bdiet tinkwetah u għalkemm lill-ommu qatt ma qalilha xejn, għax kien jistħi jgħidilha, kull fil-għodu malli jqum, kien jiftakar f'dawk it-tfal imqarbin li kienu qed jinbxuh l-iskola u kien jaqbdu t-taqliegħ u uġigħ ta' żaqq. U kien jivvinta mitt skuża biex ma' jmurx skola. Din l-istorja baqgħet għaddejja anke meta Tommy daħal fil-Primarja u għadda għas-Sekondarja.**

*Storja Universali*

L-istorja ta'Tommy hija l-istorja ta' ħafna tfal Maltin u Għawdxin li qed jgħaddu minn martirju sħiħ f'ħafna mill-iskejjel tagħna. Il-*bullying* jista' jsir kemm minn individwi kif ukoll minn klikek ta' individwi, maż-żgħar u mal-kbar, mal-ħoxnin u ma' l-irqaq, mat-twal u mal-qosra, mal-bniet u mas-subien u jista' jkun kemm fiżiku kif ukoll psikoloġiku. Dan ta' l-aħħar ikun fin u minn taħt u huwa komuni ħafna fost il-bniet.

*Ħsara Kbira*

Kull tip ta' *bullying* iweġġa' u jagħmel ħafna ħsara lill-vittma, u ħafna drabi dan jibqa' jbati l-konsegwenzi tiegħu għomru kollu. Jista' jaqa' f'dipressjoni u f'nuqqas ta' kunfidenza fih innifsu, li qajla jkun jista' jirkupra minn din il-kundizzjoni. Jista' saħansitra jwassal lill-vittma biex jikkommetti suwiċidju. Infatti l-ewwel studju fuq il-*bullying* kien għamlu Dan Olweus, Professur tal-Psikoloġija fl-Università ta' Bergen, fin-Norveġja, wara li tliet subien, vittmi tal-*bullying*, kienu spiċċaw biex ikkommettew suwiċidju.



*Sinjali*

Għalhekk, il-ġenituri jridu joqogħdu b'seba' għajnejn għal xi sinjali jew indikazzjonijiet ta' xi *bullying* li jistgħu jidhru f'uliedhom. Meta, per eżempju, it-tifel jibda jqum fil-għodu, b'żaqqu tuġgħu jew jirremetti u ma jkunx irid imur skola, u din il-biċċa tibda tirrepeti ruħha sikwit, allura l-ġenituri għandhom jibdew jitħassbu. Sinjali oħra tal-*bullying* jistgħu jkunu meta t-tifel jibda ma' jorqodx bil-lejl, jew jibda jagħmel pipi taħtu, jew jiġi d-dar bi ħwejġu mqattgħin jew b'xi affarijiet nieqsa, jew jibda sejjer lura fl-iskola.

*Azzjoni*

Meta l-ġenituri jaraw wieħed jew izjed minn dawn is-sinjali, m'għandhomx jitilfu żmien u għandhom jibdew jinvestigaw mill-ewwel. Għandhom l-ewwel jippruvaw jieħdu minn moħħ it-tifel jekk hemmx xi ħaġa li qed tinkwetah l-iskola. Imbagħad, għandhom ifittxu l-għajnuna u l-kooperazzjoni ta' l-għalliem u tas-surmast ta' l-iskola fejn jattendi t-tifel. Ma ninsewx li minn riċerka li saret kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn Malta, jirriżulta li l-postijiet fejn it-tfal l-aktar li jaqgħu vittmi tal-*bullying* huma fil-bitħa ta' l-iskola, fil-kuriduri ta' l-iskola u fil-



klassi. Għalhekk, ħadd daqs l-għalliema u s-surmast ma' jistgħu jgħinu biex din il-problema tal-*bullying* tiġi solvuta. U tħallux għal għada għax għada jista' jkun tard wisq; forsi tkun saret ħsara irreparabbli fuq uliedkom.

***Strateġija***

Wieħed jistenna li wara li llum kulħadd qed jammetti li l-problema tal-*bullying* teżisti fl-iskejjel tagħna, (kien Dr. Mark Borg ta' l-Università ta' Malta li għamel l-ewwel studju fuq il-*bullying* f'pajjiżna), għandha tiġi mfassla strateġija biex dan il-fenomenu ikreh fl-iskejjel tagħna jiġi mrażżan u megħlub għal kollox. U f'kull pjan li jiġi mfassal, m'għandniex ninsew lil *bully*. Dan ukoll għandu bżonn l-għajnuna biex ikun jista' jintegra ruħu fis-soċjetà mingħajr ebda problemi. Forsi huwa ġej minn familja mkissra jew fejn qed jiġi abbużat fiżikament u forsi l-imġiba tiegħu fl-iskola mhi xejn ħlief riflessjoni jew reazzjoni għal dak li qed iġarrab hu stess fid-dar. Għalhekk il-pjan għandu jkun wieħed ħolistiku, li jinkludi kemm lill-vittma kif ukoll lill-*bully* innifsu.

***Post ta' Kenn għal Tommy***

Jalla l-iskejjel tagħna jkunu postijiet ta' kenn u ta' tagħlim, li Tommy ikun jista' jattendi mingħajr biża' u mingħajr ebda problema.


HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884



Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

IMPRESSJONIJIET DWAR GĦAWDEX (4)



# GĦAWDEX U JIEN

*kitba ta'* **ALFRED MASSA**, President tal-Għaqda Poeti Maltin

Ikollna nammettu li qegħdin ngħixu f'dinja mimlija ħsejjes u storbju li jtellfu l-paċi u s-serħan tal-moħħ ta' dak li jkun. Forsi għal din ir-raġuni ħafna qegħdin ifittxu gżejjer żgħar mhux daqstant żviluppati biex imorru jqattgħu l-vaganzi tagħhom fihom.

Bħala Malti nistqarr, li kulmeta nkun rrid ngħaddi ftit ħin tal-mistrieħ, bla tnikkir xejn infittex lill-gżira Għawdxija. Jien u marti l-għaxqa tagħna ngħixu qalb il-poplu Għawdxi, poplu ta' qalb kbira, dejjem lesti biex jgħin lil kulmin ifittex l-għajnuna tiegħu. Tant hu hekk, li llum niftaħru li għandna numru konsiderevoli ta' ħbieb Għawdxin.

***Post li jiġbdek is-sena kollha***

Minnu li bħala post, Għawdex għadu joffri kwiet u rilassament. Iżda min-naħa l-oħra, għal dawk sajmin mit-tagħrif dwar il-gżira, żgur li se jsibu x'jilqagħhom is-sena kollha. Fis-sajf hemm il-bajjiet sbieħ tax-Xlendi, ta' Marsalforn u r-Ramla l-Ħamra; fix-xitwa tista' żżur postijiet bħad-Dwejra, il-Ġgantija u l-Mużew tal-Folklor. Naturalment hemm bosta postijiet oħra. Iżda personalment, lili Għawdex l-aktar li jogħġobni fir-rebbiegħa meta ħafna mill-kampanja tkun miksija bi twapet iħaddru.

Mhux ta' min jinsa' l-festi li ħafna minnhom, bħal f'Malta, jiġu ċċelebrati fis-sajf. Illum il-festi ta' l-ibliet u l-irħula Għawdxin saru jħabbtuha sew ma' dawk ta' Malta. Anzi, min hu dilettant tal-knejjes żgur li jsib fejn jixxala bl-arti li jżejjen bosta minn dawn it-tempji. Insemmi biss il-Katidral, il-bażiliki ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria, dik ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur u ta' Marija Bambina fix-Xagħra.

Dan japplika biss għall-festi reliġjużi, għax imbagħad hemm festi oħra profani – bħall-Karnival – li ċertament joffru attrazzjoni fihom infushom.

***Kultura***

La qed insemmi l-Karnival f'moħħi jinbet il-ħsieb dwar il-kultura. F'Għawdex l-attivitajiet kulturali, għalkemm jidhru xi ftit ristretti, b'danakollu, ma jonqsux. Insemmi l-Wirjiet ta' Pittura u l-qari ta' poeżiji fil-Belt Victoria mill-Grupp *Poetry on Gozo* li għalih jattendu anki l-barranin. Dan l-aħħar bdew ikunu organizzati ljieli t-tip ta' *Notte Bianca* u *Notte Magica*; pass ieħor 'il quddiem.

L-Għaqda Poeti Maltin daħlet ukoll fil-kalendarju ta' dawn l-attivitajiet billi fis-sajf ittella' Lejljiet ta' Poeżija. Wieħed ma jridx jinsa li minn Għawdex ħarġu diversi poeti tajbin; biżżejjed insemmi lil Munxari, il-Professur Ġużè Aquilina, lill-Victorjan Ġorġ Pisani, lil Patri Mattew Sultana mix-Xagħra u lil Anton Buttiġieġ mill-Qala. Dawn u oħrajn magħhom stagħnew mhux ftit lil-Letteratura tagħna bil-versi li ħallewlna.

Illum għall-grazzja t'Alla f'Għawdex il-poeżija għadha ħajja. Tant hu hekk, l-Għaqda ħatrithom Membri Onorarji tagħha. Dawn huma: il-Kan Joe Mejlak, Marċell Mizzi L.P., Ġanninu Cremona u l-Baruni Kelinu Vella Haber. Ta' min jgħid, li l-Għaqda għandha fil-lista tal-membri tagħha tmien poeti oħra mill-gżira Għawdxija.

Grazzi għall-għajnuna li dejjem sibna mill-Ministeru għal Għawdex, is-sena l-oħra, l-Għaqda organizzat żewġ Lejljiet ta' Poeżija fil-Belt Victoria u Lejla oħra fin-Nadur flimkien mal-Kunsill Lokali tal-post. Dawn kienu suċċess u bħala President tal-Għaqda Poeti Maltin, ngħid li dawn tant għamlulna kuraġġ, li fis-sajf li ġej bi ħsiebna ntellgħu Lejljiet oħra simili. Hawn irrid nirringrazzja lir-rappreżentant tagħna f'Għawdex għall-ħidma tiegħu; qed nirreferi għal Charles Bezzina.

***Għeluq***

Kulmin jaqra l-poeżija, li qegħda tidher fil-paġna Letteratura Għawdxija ta' din il-ħarġa, jintebaħ kemm Għawdex għandu post speċjali ġewwa qalbi. Jiena nawgura li l-Gżira ta' Calypso ma titlef xejn mill-identità tagħha; ukoll jekk l-irwiefen qliel tal-moderniżmu qegħdin jonfħu bla waqfien kontra tagħha.

Nixtieq minn qalbi nara lill-poplu Għawdxi magħqud kif dejjem kien u ħabrieki fit-triq tas-sewwa. Mhux faċli dan jitwettaq, imma fejn ikun hemm ir-rieda soda u ambizzjonijiet retti, dan l-ideal jista' jintlaħaq.

B'hekk Għawdex jibqa' gżira attraenti għal dawk kollha – Maltin u barranin – li jixtiequ jinqatgħu mill-ħamba tal-ħajja kontemporanja u jgawdu l-paċi u s-serħan tal-moħħ.

MEDITAZZJONI BIBLIKA

# L-ISPIRTU S-SANTU HUWA R-RIGAL TA' KRISTU RXUXTAT



kitba ta' **MONS. LAWRENZ SCIBERRAS**

**Qed noqorbu għal żmien liturġiku ġdid. Dan iż-żmien huwa kkaratterizzat mill-ferħ, sentiment marbut mal-qawmien ta' Kristu mill-mewt. Il-ġrajja ta' l-Għid il-Kbir, il-passjoni, l-mewt u l-qawmien ta' Kristu huma wkoll iż-żmien tal-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu. Għalhekk il-Knisja matul iż-żmien li jiġbor fih 50 jum, issib is-siġill u l-konferma sħiħa tagħha b'inżul l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli u fuq dawk kollha li kienu magħhom fil-għorfa taċ-Ċenaklu.**

*L-ewwel rigal ta' l-Għid*

Waqt L-aħħar Ċena, Ġesù tkellem mat-tnax dwar il-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu. Anzi wera li fost il-ħafna ħidmiet li jista' jagħmel l-Ispirtu s-Santu hemm dik ta' paraklitu, mela ta' avukat u difensur (Ġw 16,13). Ġesù jirxoxta u dakinhar stess jidher lill-appostli u joffrilhom ir-rigal divin ta' l-Għid-Qawmien. "Dakinhar fil-għaxija fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżża' mil-Lhud ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Is-sliem għalikom". Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw il-Mulej. Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom. Kif qal hekk nefaħ fuqhom u qalilhom: **Ħudu l-Ispirtu s-Santu**" (Ġw 20,1922). Bosta eżeġeti f'din il-ġrajja ta' Ġwanni l-Evanġelista jaraw il-Pentekoste.

Kristu rxoxtat, mela rebbieħ, qisu qed jagħti bidu għall-ħolqien ġdid meta ta l-Ispirtu Santu lill-appostli: "Uriehom idejh u ġenbu". Hawn tidher għalhekk rabta sħiħa bejn il-missjoni ta' l-Iben, dak tal-**Fidwa** u l-missjoni issa ġdida ta' l-Ispirtu s-Santu, dik tal-**qdusija**. Għalhekk kull min iwarrab l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu tkun iebsa tassew għalih li jikber fil-qdusija. Ir-rigal san, awtentiku daqskemm divin ta' Kristu rxoxtat huwa l-Ispirtu s-Santu.

Hemm rabta sħiħa bejn il-missjoni ta' l-Iben u dik ta' l-Ispirtu s-Santu. B'xi mod donnha l-missjoni ta' l-Iben tintemm mal-Fidwa, imma issa tibda b'mod sħiħ dik ta' l-Ispirtu s-Santu. "Meta jiġi hu l-Ispirtu tal-verità, jwassalkom għall-verita kollha" billi "jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom" (Ġw 16,15). Ġesu mela qed jgħid lill-appostli li issa l-Ispirtu s-Santu jfiehem u jċara dak kollu li Ġesù għallem u għamel quddiem l-appostli.

***Bibien magħluqa u miftuħa***

Ġesù li temm il-missjoni li tah il-Missier biex jagħmel fuq l-art (Ġw 17,4) tela' s-Sema biex imbagħad nhar Għid il-Ħamsin jibgħat l-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja u dan biex iqaddisha għal dejjem. Hemm paralleliżmu qawwi ħafna bejn il-festa ta' l-Għid u dik ta' Għid il-Ħamsin. L-element komuni bejniethom huwa l-Ispirtu s-Santu. Ibda biex is-sit, il-post fejn ġara dan kollu huwa l-istess wieħed, iċ-Ċenaklu, jew l-għorfa ta' fuq. Issa dak li ġara nhar jum l-Għid Nisrani ġewwa ċ-Ċenaklu "**bil-bibien magħluqa**", deher imbagħad quddiem il-bnedmin kollha nhar Għid il-Ħamsin. Biss ġara l-oppost. **Il-bibien it-tnejn infetħu beraħ.** Il-biża' tar u ġie l-kuraġġ, in-nuqqas ta' dehen issa l-appostli fehmu kollox! Il-pellegrini li telgħu Ġerusalemm għall-festa tal-Ġimgħat, *Shavuot* "nies twajba minn kull nazzjon li hawn taħt is-sema" (Atti 2,5) fehmu dak kollu li kien qiegħed ixandar Pietru. Il-barriera ta' l-ilsna nqalbet u ġġarrfet għal kollox! **Il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu dehret fil-beraħ u quddiem kulħadd.** Dan kollu huwa l-effett ta' l-Irxoxt ta' Kristu.

Luqa l-awtur ta' l-Atti, juri fil-konkret wieħed mill-effetti ta' l-Ispirtu s-Santu. Għaliex wara d-diskors imqanqal ta'



*Iċ-Ċenaklu*



Pietru bosta tgħammdu. "Għalhekk dawk li laqgħu kliemu tgħammdu, u dakinhar ingħaqdu mad-dixxipli **madwar tlitt elef ruħ**" (Atti 2,41). Hekk il-profezija ta' Ġoel sabet it-twettiq tagħha: "Wara dan jiġri li jiena nsawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-ħlejjaq kollha" (Ġl 3,1). U dawn il-Lhud twajba li ġew ħafna mill-bogħod, saħansitra minn Ruma, telgħu Ġerusalemm għall-festa (Atti 2,10). Altru mela li nfetħu beraħ il-bibien taċ-Ċenaklu.

***It-tieni rigal***

It-tieni parti marbuta sfiq mar-rigal ta' l-Ispirtu s-Santu huwa s-sagrament tal-Qrar, jew tar-Rikonċiljazzjoni. "Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu: **Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma**" (Ġw 20,19-23). Mela Ġesù, wara li ta l-Ispirtu Qaddis, issa ta wkoll lill-appostli u lis-suċċessuri tagħhom is-setgħa li jaħfru d-dnubiet. Dawn saru bħala "ambaxxaturi" li jwasslu u jwettqu l-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla. L-"ambaxxatur" huwa dak li jitkellem jew jagħmel xi ħidma mhux f'ismu iżda f'isem il-mexxej li bagħtu.

Dan ir-rigal ta' l-Għid però jġib miegħu bidla mill-qiegħ. Kien Ġesù nnifsu li wassal għal dan kollu. Hekk lill-midneb: "Mur, u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed". U qal Żakkew: "Jekk jien qarraqt b'xi ħadd u sraqtu, irroddlu għal erba' darbiet iżjed". Kif ukoll: "Nofs ġidi se nagħtih lill-foqra". Dan l-atteġġament għalhekk iġib tassew il-ferħ. Ferħ marbut ma' l-Ispirtu s-Santu li jqanqal għall-indiema u li jġib il-maħfra. Il-ferħ huwa r-riżultat ta' bniedem li qiegħed f'postu, bniedem li mhux imtaqqal bid-dnub, bniedem immexxi mid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-Papa Bededittu XVI fl-Enċiklika *Spe Salvi* meta jitkellem mir-rigal ta' ferħ li waqqaf Ġesù wara l-qawmien tiegħu, jikkonkludi hekk: "Ir-relazzjoni ma' Alla ssir bil-għaqda ma' Ġesù – waħedna u bis-setgħa tagħna biss ma naslux. Iżda r-relazzjoni ma' Ġesù hija relazzjoni ma' dak li ta lilu nnifsu għall-ħelsien tagħna lkoll".

Altru mela li l-qawmien ta' Ġesù minbarra li jissiġilla d-divinità tiegħu ġab u għadu jġib żewġ rigali tassew għonja u divini. L-Ispirtu s-Santu u s-Sagrament tal-Maħfra!



Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 162



Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2008

# Żewġ tastarda jew kanuni

**Id-dokument numru mija tnejn u sittin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar il-ġarr ta' żewġ kanuni mill-Imġarr għal żewġ inħawi tal-gżira. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1707–1708), folji 46 (NAG, UG, *Acta*, 10 (1707–1708) f. 53).**



Din hi traskrizzjoni tad-dokument:

> *A quattordici huomini di caravana che hanno condotto due ceppi di tastarda; l'uno sino a questo Castello, el'altro alla torre Garza: Scudi sei e tarì otto; cioè Scudi quattro per quello del Castello, e Scudi 2 : 6 per l'altro della Garza, e li tarì 2 al burdanaro, che portò li funi, e lastoni di detta caravana per piantare detto ceppo in detta torre Garza; li 29 febbraro 1708, Sc 6 Tarì 8.*

Il-kelma *tastarda* hu terminu militari li fi żminijiet imgħoddija kien jirreferi għall-kanun ta' ċertu kalibru, iżda li kien ikun iqsar minn kanun ordinarju u itwal ta' l-istess kalibru.

Tliet mit sena ilu, l-Università kienet akkwistat żewġ kanuni *tastarda* minn Malta. Wieħed mill-kanuni kellu jittella' ċ-Ċittadella; l-ieħor kien għat-Torri Garza fuq ir-riħ tal-port ta' l-Imġarr, torri msejjaħ hekk għall-Granmastru Martin Garzes li kien ħallas għalih.

Il-kanuni kienu aktarx tal-bronż u għalhekk tqal ħafna. Id-diffikultà biex jinġarru dawn il-kanuni tikber meta wieħed jikkonsidra l-istat ħażin tat-toroq dak iż-żmien, kif ukoll il-fatt li riedu jinġarru fuq karettun miġbud mill-bhejjem.

Għal dan il-għan tqabbdet *caravana* jew *gaj* ta' erbatax-il raġel. Dan il-għadd ta' nies kienu qishom dejjem lesti li jkunu mqabbda minn xi ħadd ħalli jdabbru xi ftit ħabbiet. Għall-ġarr tal-kanun mill-Imġarr saċ-Ċittadella, il-*gaj* tħallas is-somma ta' erba' skuti; għall-ġarr tal-kanun mill-Imġarr sat-Torri Garza, distanza iżgħar ħafna, il-*gaj* tħallas żewġ skuti u sitta irbgħajja. Il-burdnar li ġarr il-ħbula u t-tavluni tal-*gaj* tħallas irbigħajn. Dawn il-ħbula u t-tavluni ntużaw biex il-kanun tat-Torri Garza jitqiegħed mill-ewwel f'postu.

Il-kont tela' b'kollox sitt skuti u tmien irbgħajja. Erba' skuti jiġu tmienja u erbgħin irbiegħi u tmienja magħhom jiġu b'kollox sitta u ħamsin irbiegħi. Jekk il-burdnar kien wieħed mill-*gaj* ta' l-erbatax, kif aktarx kien, ifisser li kull raġel ħa s-somma ta' erbgħa rbgħajja. Issa irbiegħi jiġi Ewro 0.016. Mela kull raġel jiġi li ħa €0.06 – sitt ċenteżmi ta' ewro. Kienet somma żgħira, iżda, kif jingħad, kull laqxa tirfed l-imramma.

*Mit-Tieni Enċikklika tal-Papa Benedittu XVI: "Spe Salvi"*

# IT-TAMA NISRANIJA

## 1 TAĦRIĠ FIT-TAMA

L-ewwel mezz essenzjali biex nitgħallmu t-tama huwa t-TALB.

- Jekk ħadd ma għadu jismagħni,
  Alla jibqa' jismagħni.
- Jekk ma nista' nitkellem ma' ħadd,
  lil Alla nista' nkellmu dejjem.
- Jekk ma baqagħli lil ħadd min jista' jgħinni,
  hemm Alla jista' jgħinni.
- Jekk ninsab mitluq waħdi,
  iżda min jitlob qatt ma hu waħdu għal kollox.

*(Q.T. Papa Benedittu XVI, Enċiklika 'Spe Salvi' n.32)*

## 2 SILTIET MIT-TALBA TAL-PAPA: "MARIJA KEWKBA TAT-TAMA"

MARIJA
mis-Salib int irċevejt missjoni ġdida; int sirt omm b'mod ġdid.
Sejf in-niket nifidlek qalbek
**IMMA T-TAMA MIETET?**

Id-dinja baqgħet dejjem bla dawl, u l-ħajja baqgħet bla skop.
F'din is-siegħa, aktarx li fik innifsek smajt il-kelma ta' l-Anġlu:



**"LA TIBŻAX, MARIJA"** *(Lq 1, 30)*

Kemm drabi l-Mulej, Ibnek, qal l-istess ħaġa lid-dixxipli tiegħu:
**"LA TIBŻGĦUX".**
Fil-lejl tal-Golgota, int erġajt smajtha din il-kelma.

Lid-dixxipli, qabel is-siegħa tat-tradiment, Ibnek qalilhom:
**"Agħmlu l-qalb, jien irbaħt id-dinja."** (Ġw 16, 39)

"Tħallux qalbkom titħawwad, u lanqas titbeżża'." (Ġw 14, 27)

Fis-siegħa ta' Nazaret, l-Anglu Gabriel qallek:
"La tibzax Marija…Is-Saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem." (Lq 1, 33)

Forsi s-Saltna tiegħu kienet mitmuma qabel bdiet?
Le. Ħdejn is-Salib, fuq il-kelma ta' Kristu nnifsu, inti sirt l-**OMM TA' DAWK LI JEMMNU**.

F'din il-fidi, li anki fid-dalma tas-Sibt Qaddis tal-Għid, kienet ċertezza ta' Tama, int mort tiltaqa' ma' l-għodwa tal-Għid…

Din "is-Saltna" bdiet f'dik is-siegħa, u qatt ma kien se jkollha tmiem.
U hekk int tibqa' f'nofs id-dixxipli bħala Ommhom, bħala **OMM IT-TAMA**.

***Għeluq***
Qaddisa Marija,
Omm Alla, u Omm tagħna
Għallimna NEMMNU, NITTAMAW u NĦOBBU flimkien miegħek.
Urina t-triq lejn is-Saltna tiegħu.
Kewkba tal-Baħar
Iddi fuqna u mexxina fil-mixi tagħna.

*(Q.T. Papa Benedittu XVI, Enċiklika "Spe Salvi' 30 ta' Novembru 2007)*

# *Dawl għall-Ħajja*

***Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.***



## 3 TALB TA' TAMA

Papa Benedittu XVI fl-Enċiklika 'Spe Salvi' jgħid li MIN JITLOB QATT MHU WAĦDU.

**Bħala eżempju jġib lill-Kardinal Francois-Xavier Naguyer Van Thuan li fit-tlettax-il sena li għamel priġunerija ħallilna ktejjeb għażiż: *Talb ta' Tama.***

Din hija talba minn dan il-Ktejjeb:

**IL-MULEJ MA JITLAQNIX FIX-XEJN TIEGĦI**

Mulej, infinitament tajjeb...
inti tagħraf lil qalbi u d-dgħufija tiegħi.
Int ma titlaqnix waħdi...

Fil-lejl tiegħi ta' prova bla tmiem
int qatt ma tlaqtni.

F'dawk il-waqtiet meta ħassejtni
qed nogħtor taħt it-toqol tal-ħażen
Int qatt tlaqtni waħdi?

INT KONT EQREB LEJJA
AKTAR MINN QATT QABEL.

Meta kont ittentat li niddispra,
Meta barra u ġewwa t-tempesta
kienet qed toħloq straġi,
Meta kien qed jonfoħ ir-riefnu
tal-kalunja kontrija
Mulej, int qatt ma abbandunajtni.

Kien f'dawk il-waqtiet
li l-Ispirtu s-Santu għallimni
dak li kelli nagħmel
u dak li kelli ngħid.

Kien f'dawk il-waqtiet
li l-Ispirtu s-Santu tefa' fuqi
il-KURAĠĠ u t-TAMA
fir-RUĦ TIEGĦI DGĦAJFA.
HU FARRAĠNI.

Qatt il-Mulej
ma jabbandunani fix-xejn tiegħi.
(Lq 12, 11-12)
Inkella, kien jibqa' Alla??

*(mill-ktieb 'Talb ta' Tama' maqlub għall-Malti minn Fr. Gerard Buħagiar, 2001)*



LETTERATURA GĦAWDXIJA — Poeżiji

## F'BAĦAR WIEĦED

*minn* **J.W. Psaila**

Bl-ilma qiegħed f'griżmejna
fih togħma tal-plastik;
is-saqaf ta' ħalqna
bil-flieli tas-safra
wiċċ l-art tad-deżert...

Imħaxkna fuq qoxra
bil-għaraq jitħallat
mit-tama għall-biża'
tal-ħedla aħħarija
f'olokawstru tal-melħ.
Eliġija l-karba ta' l-ilma
hi splaxx...splaxx... splaxx.

U n-nies fil-*cruise liner*
qed tilgħab il-*jackpot*
tiffanga f'buffè
u tiżfen il-*waltz*,
*Ein / zwai / drei / vier / fünf...un / due / un / due*
La / la / la / la / la... la là / la là...

Lil ġildek Selàm
tagħrafha x-xemx
u n-nies tad-dekor
l-lewn tagħti l-prezz,
l-iskur iġorr skont
u ġismek statwarju skadut,
jgħodd forsi ta' ikel għall-ħut.

Diżinfettant il-baħar
imqar kontra l-mewt
ċittadinanza joqrod
iħoll l-identità
inissi b'insistenza
li ġara qatt ma kien
iħassar l-eżistenza
bi splaxx...splaxx...splaxx.

'Mma n-nies fil-*cruise liner*
qed tilgħab il-*jackpot*
tiffanga f'buffè
u tiżfen il-*waltz*,
*one / two / three / four / five...un / due / un / due*
La / la / la / la / la... la là / la là

## LIL GĦAWDEX

*minn* **Alfred Massa**

Insellimlek, ġara tagħna
Oħtna int mimlija ġmiel.
Bik inqeda l-kbir Omeru;
Ta' Calypso tana ħjiel.

Fik tfakkarna l-belt Squillace
Imsemmij' għat-Tliet Għoljiet;
Bik jitgħaxxaq min iżurek
Għax iddewqu tant ħlewwiet.

Int mill-ħdura m'intix nieqsa
In-Natura tħobbok wisq.
Donnu jroxx ried Alla fuqek
Ħafna grazzji, barka w riżq.

Mawra gost sar-Ramla l-Ħamra,
Tal-Lunzjata l-Wied tħallix;
U xi tgħid għal ġmiel id-Dwejra,
Il-Kastell qis ma tfallix.

Għawdex oħtna, fik il-Muża
Dejjem sabet art għammiela.
Int inbixt lil tant poeti
U servejt tal-vrus ħammiela.

Int ja Gżira, s-sena kollha
Qisek ġnien ta' fjur ifuħ;
L-arti tilma f'bosta knejjes
Balzmu bnin li jagħni r-ruħ.

W int Mulejja, ibqa' għasses
B'ħerqa kbira fuq l-Għawdxin,
Biex l-imħabba ssaltan fosthom
U hekk jibqgħu tul is-snin.

Għawdex sbejjaħ, kartolina,
Min jixtriha jgħożżha żgur,
U xħin lejha ħarstu jitfa'
Iħoss qalbu bl-hena tfur.

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

**KOTBA**



*Minn Għawdex*

# BLA RAĠUNI... IMMA JIRRAĠUNAW

*Sensiela ta' kotba ta' Novelli għat-Tfal fuq l-Annimali miktuba minn Mons. Anton Saliba*




Dan l-aħħar, Mons Anton Saliba minn Ta' Sannat, ex-Arċipriet ta' l-Għarb u minn xi snin 'l hawn Direttur Djoċesan ta' l-Opri Pontifiċji Missjunarji għal Għawdex, ippubblika t-tielet volum b'ħamsin storja bl-annimali bħala l-atturi. Kull storja għandha tagħlima tajba għal kull min irid jiżinha u jaċċettaha. Dan it-tielet volum, li bħat-tnejn ta' qablu (wieħed ħareġ fl-2003 u l-ieħor fis-sena ta' wara), jismu, **Bla raġuni......Imma Jirraġunaw**, barra l-indiċi ta' l-istejjer tiegħu, fih ukoll l-indiċi analitiku taż-żewġ volumi l-oħra li raw id-dawl ta' l-istampa qablu. Dan huwa indiċi tat-temi li fuqhom huma mibnija l-ġrajjiet ta' dawn it-tliet kotba ta' stejjer, u kull waħda minnhom għandha tpinġija ħelwa u interessanti li lkoll ħarġu mill-pinzell ta' Carmel Camilleri li għalkemm imwieled ix-Xagħra jgħix f'Ta' Sannat fejn kien anke Sindku bejn l-2003 u l-2005.

Naqbel perfettament mas-sinjura Mary Jane Camilleri, għalliema brava u intelliġenti fis-6th Form t'Għawdex li l-kitba ta' Dun Anton Saliba tirrifletti l-ħajja tas-soċjetà, kemm dik li qed ngħixu llum, kif ukoll dik tal-ġenerazzjoni iktar adulta, dik li għexna fiha Dun Anton u jien. L-awtur jagħmel użu minn vokabularju li jifhmu kulħadd, pinna ħafifa u mexxejja, mżewwaq b'xi idjoma 'l hawn u 'l hinn li tgħin lit-tfal jiktbu b'Malti tajjeb. Minn ħin għall-ieħor Dun Anton juża wkoll xi kelma qadima, imma dan jagħmel tajjeb għalih billi fi tmiem il-pubblikazzjoni jagħti spjega ta' dan il-kliem li forsi llum ma tantx hu użat. Naħseb li l-iktar ħaġa li tinżel maż-żgħar u naħseb li anke mal-kbar huwa l-fatt li l-istejjer huma qosra, hekk li fi ftit minuti anke ż-żgħar jilħqu jaqtgħu l-kurżità li joħolqulhom stejjer bħal ngħidu aħna *Il-Far Tallab*, *Il-Pitirross u l-Mera*, *Granċ Kurjuż* u *Żaqqieq*, flimkien ma' bosta oħra. Meta tiftakar li l-awtur irnexxielu jiġbor 150 storja fi tliet volumi, tibqa' skantat bil-fantasija li għandu dan il-qassis minn raħal Santa Margerita, qabel tilħaq il-blat Ta' Ċenċ.

Min-naħa l-oħra, kif itenni l-istudjuż tal-Malti s-Sur Karm Cachia, fid-**Daħla** li jagħmel, fit-tieni volum, wieħed m'għandux iqis dawn in-novelli bħala xi ġabra ta' stejjer għat-tfal u jieqaf hemm. Il-qarrej matur għandu jaqrahom bil-mod u jixtarrhom sewwa għaliex wara kull waħda hemm tagħlima. Din it-tagħlima ma toħroġx minn xi riżultat pożittiv ta' xi azzjoni tajba imma aktarx li toħroġ minn xi riżultat ta' azzjoni negattiva. U dan propju għaliex din hija r-realtà li narawha b'għajnejna u mmissuha b'idejna kuljum. Bil-kitbiet tiegħu Saliba donnu jrid ifakkarna li l-bniedem aktarx jitgħallem minn xi ħaġa li tmurlu żmerċ milli minn xi suċċess fil-ħajja. Dan ta' l-aħħar ħafna drabi jħajru jitkabbar u jagħmel ir-riħ. Imma esperjenza kerha ddaħħlu f'qoxortu u ġġiegħlu jaħsibha darbtejn qabel jerġa' jġib ruħu bl-istess mod. Madankollu ma nistgħux ngħidu li l-istejjer kollha huma ta' xeħta pessimista jew negattiva. Uħud minnhom huma pożittivi u fihom insibu sens ta' altruwiżmu u għajnuna reċiproka fost l-annimali protagonisti, kif fil-fatt insibu wkoll fid-dinja tal-bnedmin.

Aħna nafu li sa mill-bidu tal-ħolqien kien hemm rabta bejn il-bniedem u l-ħlejjaq ħajjin l-oħra. Tul iż-żmenijiet mal-medda tas-snin, insibu li l-ħlejjaq ħajjin l-oħra jkunu ta' għajnuna biex il-bniedem jissodisfa l-ħtiġijiet tiegħu. Mhux biss imma jinqeda bihom għal bosta ħwejjeġ utli għalih, bħal ngħidu aħna, għax-xogħol, għan-nutriment tiegħu, biex jipprovdulu kenn, sbuħija, divertiment, ecc. Kif jistqarr id-*Dun* stess, b'dawn it-tliet volumi ta' stejjer, huwa xtaq jinseġ id-dinja ta' l-annimali, il-ħxejjex u l-għasafar u jesponiha bħala ispirazzjoni; jagħġen il-fantasija mar-realtà. Forsi d-djalogu li huwa ħoloq bejn dawn il-ħlejjaq jista' jidher superfluwu u vag! Imma jekk wieħed jagħraf jaqra *bejn il-linji* malajr jinduna li ċerti atteġġamenti tagħna u tagħhom huma simili. Anke' l-messaġġ li kapaċi jgħaddi permezz tagħhom ma jkunx jista' jingħad mod ieħor!

Naħseb li dawn ir-rakkonti djalogati mferrxa mat-tliet volumi bl-istess isem: **Bla raġuni......Imma Jirraġunaw** għandhom jintlaqgħu tajjeb u jimlew vojt fis-soċjetà tagħna. Vojt li l-bniedem tas-seklu 21 qiegħed iġarrab minkejja t-teknoloġija moderna. Forsi minħabba din, hu qed jittraskura l-iktar ħaġa meħtieġa – mhux isib ħin biex jieqaf, jaħseb u jiddjaloga, u fuq kollox, jiftaħ qalbu ma' bniedem ieħor. Donnu ħadd ma għandu ħin għal ħadd!

Dawn it-tliet volumi tistgħu ssibuhom għand il-*Lumen Christi Bookshop*, Triq Fortunato Mizzi, Victoria.

***Kav. Joe M. Attard***

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (63)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TNAX-IL PARTI)*

## *SETGĦAT MOGĦTIJA LILL-KNISJA ĠERARKIKA*

Kristu bħala l-Iben t'Alla magħmul bniedem, u Feddej ta' l-umanità kellu l-uffiċċju ta' Profeta, Sultan u Saċerdot. Għal din il-missjoni kienu jikkorrispondu tliet setgħat li kellu Hu, u li ried li jkollhom sehem minnhom l-appostli tiegħu jiġifieri s-setgħa li jgħallem, li jiggverna u li jqaddes.

***Is-Setgħat imwegħda u mogħtija lill-Appostli.***

(a) Dwar **is-setgħa tat-tagħlim**, Ġesù iktar minn darba wiegħed lill-appostli li ser jagħtihom l-Ispirtu s-Santu, Spirtu tal-verità, biex idawwalhom u jassistihom fix-xogħol tagħhom ta' għalliema tal-Knisja. "Id-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għidtilkom" (*Ġw.*14,26); "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu" (*Mk.*16,15).

(b) **Is-setgħa tat-tqaddis** mogħtija lill-Appostli tidher mill-kelmiet li qalilhom qabel ma tela' fis-Sema "Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien" (*Mt.*28,18-20). Fl-aħħar Ċena tahom is-setgħa li joffru s-sagrifiċċju divin u ordnahom saċerdoti; "Dan hu ġismi li jingħata għalikom, agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (*Lq.*22,19).

Fil-jum li fih qam mill-imwiet tahom is-setgħa li jqarru "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom. Kif qal hekk nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (*Ġw.*20,21-23).

(ċ) **Is-setgħa tat-treġija** Kristu taha lill-Appostli bħala grupp u lil Pietru b'mod partikulari, meta qalilhom: "Kull ma torbtu fuq l-art ikun marbut fis-sema, u kull ma tħollu fuq l-art ikun maħlul fis-sema" (*Mt.*18,18). L-espressjoni "torbot" u "tħoll" turi s-setgħa li tiggverna lill-fidili, li tagħmel liġijiet li tneħħihom jew tiddispensa mill-ħarsien tagħhom, li tassolvi d-dnubiet jew tagħti l-kastig tagħhom.

Barra minn din il-wegħda magħmula lill-Appostli kollha flimkien, hemm il-wegħda magħmula lil Pietru bħala Kap tal-Kulleġġ Appostoliku; "Inti Pietru u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex. Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet" (*Mt.*16,18-19).

Qabel ma tela' fis-Sema, lill-ħdax l-Appostlu qalilhom: "Ġiet mogħtija...jagħmlu dak kollu li għidtilkom" (Mt.28,18-20). B'dawn il-kelmiet Ġesù tahom it-tliet setgħat, (a) li jgħallmu "Morru għallmu"; (b) li jqaddsu "għammduhom" u (ċ) li jiggvernaw, "għallmuhom jagħmlu ...dak kollu li għidtilkom".

Dan kollu ġie mwiegħed u mogħti lill-Appostli bis-saħħa ta' l-istess awtorità li Kristu rċieva minn għand Missieru.

Mela fl-Evanġelju għandna prova ċara, li Ġesù ta lill-Appostli s-setgħat meħtieġa għat-twettiq tal-missjoni, li afdalhom li jieħdu ħsieb il-bnedmin li jemmnu fih.

***L-istorja tal-Knisja*** turina li l-Appostli ħassew ruħhom mogħnija b'dawn is-setgħat, u mill-bidu eżerċitawhom fil-Knisja li kienet għadha kif twieldet.

**Huma għallmu bl-awtorità** d-duttrina ta' Kristu, minkejja d-diffikultajiet u l-persekuzzjonijiet. Lis-Sinedriju li pprojbixxa l-predikazzjoni tagħhom wieġbuh: "Aħna ma nistgħux ma nitkellmux fuq dak li rajna u smajna" (Atti 4, 20).

**L-Appostli** qaddsu l-erwieħ bis-Sagramenti tal-Magħmudija, tal-Griżma u tal-Ewkaristija li kienu jagħtuhom.

**Huma ggvernaw** meta ħadu d-deċiżjoni li jgħażlu l-Mattija flok Ġuda, meta ħasbu biex jistitwixxu d-djakni,



(Atti,6,1-7); meta bagħtu l-ministri biex jagħtu l-griżma (Atti 13,1-3); ħadu deċiżjoni dwar l-użu ta' l-ikel tal-laħam issagrifikat lill-idoli (Atti 11,1-10).

***Setgħat li jgħaddu lil-isqfijiet***

Tabilħaqq li ċerti ħidmiet li Kristu afda lill-appostli bħalma hija dik li jkunu xhieda tal-qawmien tiegħu u dik li jagħmlu l-mirakli, kienu riservati għalihom biss; imma kellhom anki xi ħidmiet u setgħat konnessi ma' l-uffiċċju appostoliku li kellhom jgħaddu wkoll għas-suċċessuri tagħhom, wieħed wara l-ieħor. Difatti meta Kristu bagħathom jgħallmu, jgħammdu u jiddirieġu lill-bnedmin, Huwa wegħdhom ukoll li jibqa' magħhom "sa l-aħħar taż-żmien" (*Mt.*28,20).

B'dan il-mod, Huwa wera ġenerazzjonijiet li dawn is-setgħat kellhom jibqgħu anki wara l-mewt ta' l-appostli anzi, għall-ġenerazzjonijiet futuri kollha. Mela s-setgħat appostoliċi li huma meħtiġin sabiex il-Knisja tkompli taqdi l-missjoni tagħha, li ssalva l-erwieħ, baqgħu jitħaddmu wkoll mill-mexxejja magħżula mill-appostli u li ġew ikkonsagrati minnhom bit-tqegħid ta' l-idejn: "Infakkrek biex tqajjem fik id-don ta' Alla, li jinsab fik bit-tqegħid ta' jdejja" (2 Tim.1.6). F'kull żmien sa l-aħħar tad-dinja, is-setgħat li jgawdu l-isqfijiet tal-Knisja Kattolika, għandhom il-bidu tagħhom fil-kelmiet li bihom Kristu ta lill-appostli s-setgħat tat-tagħlim, tat-tqaddis u tat-treġija ta' l-insara.

L-isqfijiet għandhom **is-setgħa tat-tagħlim** għax huma għandhom id-dmir li jxandru fedelment l-Evanġelju lil kulħadd, u dan jagħmluh mżejnin bl-awtorità ta' Kristu f'għaqda mal-Papa, u bħala xhieda awtentiċi tal-fidi ta' l-appostli u bħala suċċessuri tagħhom.

Huma jħaddmu **s-setgħa tat-tqaddis** meta jqassmu l-grazzja ta' Kristu, bil-ministeru tal-Kelma u tas-sagramenti, b'mod partikolari bil-Magħmudija, bil-Qrar u bl-Ewkaristija, sagrament u sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida.

Kemm bħala membri tal-Kulleġġ Episkopali, kif ukoll bħala ragħajja tad-djoċesi tagħhom, l-isqfijiet iħaddmu **l-uffiċċju tagħhom ta' tmexxija**. B'mod kolleġġjali, kull isqof f'għaqda mal-Papa u ma' l-isqfijiet l-oħra, juri interess lil djoċesijiet l-oħra u fil-Knisja kollha, kif jiġri b'mod partikolari fil-Konċilju Ekumeniku u fis-Sinodi ta' l-Isqfijiet. Imbagħad "L-isqof li lilu tiġi afdata Knisja partikolari, jħaddem is-setgħa qaddisa tiegħu, ordinarja u mmedjata f'isem Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb, f'komunjoni mal-Knisja kollha u taħt it-tmexxija tas-suċċessuri ta' Pietru." (*Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n.187).*

*(jissokta)*




GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN



**GREZZJU BONELLO**

**Jiġi jagħtik stima b'xejn**

"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

TIEQA FUQ L-AMBJENT

# L-Għasafar fil-Park tad-Dwejra



*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

Id-Dwejra huwa sit li minħabba l-importanza ekoloġika tiegħu, illum jinstab fil-lista "Natura 2000" tal-Unjoni Ewropea. Id-Dwejra huwa post uniku: Kumpless ġeoloġiku bi strutturi ta' sfrundar naturali li joffri pajsaġġ drammatiku, fejn jiddominaw il-Qawra, il-Qattara, it-Tieqa, u l-Ġebla tal-Ġeneral. Id-Dwejra hija wkoll importanti fil-qasam tal-Ornitoloġija, ix-xjenza tal-istudju tal-għasafar.

L-għasafar tal-Gżejjer Maltin nistgħu nqassmuhom f'erba' kategoriji – dawk li jbejtu f'pajjiżna; dawk li jqattgħu x-xitwa magħna; dawk tal-passa; u dawk li huma rari ħafna għax jidhru hawn aċċidentalment. L-għasafar li jbejtu jistgħu jkunu residenti, bħall-**Għasfur tal-Bejt** (li jinsab magħna s-sena kollha) jew dawk li jqattgħu x-xhur taż-żmien tal-bejta f' pajjiżna, bħalma tagħmel il-**Bilbla**; tasal hawn fir-rebbiegħa u tħallina fil-ħarifa. Dawk li jqattgħu x-xitwa magħna jagħmlu l-kuntrarju tal-**Bilbla**. **L-Alwetta**, per eżempju, tasal fil-ħarifa u titlaqna qabel ir-rebbiegħa biex tmur tbejjet fil-pajjiżi tal-Ewropa. Mill-banda l-oħra dawk tal-passa, bħalma huma l-**Ħawwiefa** u l-**Ħuttafa**, mhux biss jaslu sal-Mediterran bħalma tagħmel l-**Alwetta** jew il-**Pitirross**, imma jibqgħu neżlin iżjed 'l isfel mid-deżert tas-Saħara, biex igħaddu x-xitwa fil-pajjiżi tan-nofsinhar tal-Afrika. Fir-rebbiegħa jirritornaw lejn l-Ewropa biex ibejtu. Għalhekk għasafar bħal dawn narawhom għaddejjin ipassu fix-xhur tal-ħarifa u tar-rebbiegħa.



*Għasfur tal-Bejt (raġel) - għasfur li jbejjet kullimkien.*

Minkejja li fil-Park tad-Dwejra ftit li xejn jinstab ħabitat msaġġar, li jiġbed lejh ħafna għasafar, xorta waħda numru sinifikanti ta' speċi differenti ta' għasafar mill-erba' kategoriji msemmijin fuq, jidhru f'dan is-sit ekoloġiku, partikolarment dawk tal-passa. Dan il-park jinstab b'mod strateġiku fil-parti ċentrali tal-kosta tal-punent t'Għawdex. L-inħawi baxxi tiegħu madwar il-Qawra u l-Bajja tad-Dwejra, li jilqgħu fihom it-tisrip ta' żewġ widien, huma mħaddna b'sisien għoljin minn naħa tan-nofsinhar sal-Ponta tal-Wardija u minn naħa l-oħra tat-tramuntana sal-Ponta ta' San Dimitri. B'din it-topografija speċjali, is-sit jilqa' kwantità kbira ta' għasafar tal-passa li jfittxu l-kenn ta' l-art partikolarment meta r-riħ jonfoħ mill-grigal, mill-lvant, inkella mix-xlokk.

Matul il-passa, kemm fil-ħarifa kif ukoll fir-rebbiegħa, meta l-għasafar ikunu jittajru bla waqfien fuq meddiet kbar ta' baħar, spiss jinqabdu f'maltempati kbar, rjiħat qawwija u xita bi qliel. F'dawn il-kundizzjonijiet, l-għasafar, hekk kif jilmħu l-art, dritt jiġbdu lejha, u ġeneralment jersqu lejn il-kosta kontra r-riħ, għall-kenn tal-art. Mhux ta' b'xejn f'maltemp bir-riħ isfel f'daqqa waħda jitfaċċaw numru kbir ta' għasafar,matul il-passa fid-Dwejra. Diversi speċi ta' għasafar, partikolarment dawk żgħar – **psiepes**, **diżżijiet**, **zizka**, **kud**, **buful**, **żanżarelli**, u ħafna oħrajn, ġieli jaslu mal-maltemp matul il-passa fejn isibu kenn u mistrieħ fl-arbuxelli mxerrda fl-inħawi tad-Dwejra, biex wara jixterrdu mal-gżira t'Għawdex, fejn jitrejqu u jistrieħu fil-widien kennija.

Għasafar oħra kbar – **agretti**, **rsieset**, **kwakk**, **gawwi**, **tajr tal-plajja**, u ħafna oħrajn – jittajru matul il-kosta għall-kenn ta' l-art. Minħabba dan il-fatt id-Dwejra huwa sit idejali għall-osservazzjoni ta' l-għasafar fuq il-baħar. Mhuwiex daqshekk rari li matul il-passa wieħed jilmaħ xi qtajja' ta' tajr, jittajru matul il-kosta, u kultant jieqfu jistrieħu fuq il-blat imsawwar u mnaqqax matul is-snin mill-qawwa tal-baħar. Wieħed mill-għasafar tal-plajja li spiss wieħed jista' jisimgħu jew jarah fid-Dwejra minn Marzu sa Mejju u minn Lulju sa Ottubru huwa il-**Pispisella**. Din tħobb tnaqqi d-dud minn fuq il-blat li ġieli jkun imdewwed bid-**Dudu tas-Sajd**.

Matul il-passa, it-tajr tal-priża – ġeneralment **kuċċard**, **bagħdan** u **spanjuletti** – ġieli jagħtu wirja spettakolari fl-inħawi tad-Dwejra. Dawn jersqu lejn l-art baxx fuq il-baħar, u hekk kif jaqbdu l-art is-sħana tagħha tgħinhom jogħlew u jissieħu qabel igħaddu minn fuq Għawdex.

Il-biċċa l-kbira tal-inħawi u l-madwar tad-Dwejra tikkonsisti f'kampanja miftuħa bi ftit li xejn siġar, bi rqajja' ta' ħabitat ta' steppa u xagħri, u b'ħafna arbuxelli mxerrda



*Bejta bil-bajd tal-Bufula Ħamra f'arbuxell.*

'l hawn u l'hemm. Dan it-tip ta' kampanja huwa idejali għal diversi speċi ta' għasafar. Fost dawn insibu l-**bliebel**, il-**psiepes**, il-**kud** u l-**buful tal-arbuxelli**. Fid-Dwejra hemm ukoll attrazzjoni speċjali għall-għasafar – il-Qattara – għadira permanenti ta' ilma ħelu. U fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja. Din l-għadira żgħira hija ta' importanza ekoloġika kbira għax tinstab fil-qalba ta' kampanja pjuttost arida. Fis-sajf ħafna għasafar, speċjalment qtajja' ta' **għasafar tal-bejt**, iżuruha biex ibillu griżmejhom. **Id-Durrajsa**, li ftit snin ilu kienet komuni fil-Gżejjer Maltin, mhux bħalma hija llum, kienet tinġabar hawn fi qtajja'



*Id-Durrajsa naqset ħafna minn pajjiżna. Xi par jew tnejn għadhom ibejtu fl-inħawi tad-Dwejra.*

kbar. Il-Qattara, flimkien ma' l-arbuxelli tal-Virgi li hemm qrib, huma kalamita għall-għasafar. Anke l-**Għasfur ta' San Martin** ġieli jkun hemm jistenna fuq xi zokk bil-paċenzja kollha biex jilmaħ u jogħdos għal xi wirdiena ta' l-ilma, fl-ilma ħadrani tal-għadira.

Talanqas seba' speċi ta' għasafar li jqattgħu x-xitwa magħna jinstabu regolarment fl-inħawi tad-Dwejra. Iz-**Zakak tad-Dell** u z-**Zakak l-Abjad** spiss jidhru jittajru madwar l-għadira tal-Qattara, filwaqt li l-Pespus il-ħin kollu jirgħa qalb il-ħaxix baxx; it-tlieta li huma jfittxu d-dud u l-insetti. Il-**Pitirross**, li iżjed nassoċċjawh mal-imsaġar, ukoll issibu hemm, jistkenn u jistaħba f'xi arbuxell tat-Tengħud, għalkemm iz-zekzik karratteristiku tiegħu jħabbar li qiegħed hemm. Fil-ġranet xemxin xitwija, il-Vjolin tax-Xitwa jsemma' leħnu f'għanja ħelwa, ripetizzjoni kontinwa ta' tisfira b'żewġ sillabi, sakemm ma jkunx jittajjar biex jaqbad l-insetti fl-arja. Il-**Buċaqq tax-Xitwa** ssibu hemm ukoll; iserraħ fuq il-ponta ta' fergħa, b'rixu minfuħ biex iżomm is-sħana, jgħasses lejn l-art, biex ma jmurx jaħrablu x'insett xħin jaqsam it-trejqa jew il-passaġġ. Magħhom ikun hemm ukoll il-**Kudirross Iswed**, il-ħin kollu jperper denbu ħamrani, u jittajjar 'l hawn u 'l hemm fuq il-blat ifittex biex jitrejjaq. U 'l barra fuq il-baħar spiss tintlemaħ il-**Gawwija Prima**, dejjem imġewħa, tlaqqat kulma ssib minn fuq wiċċ l-ilma.



*Ċiefa fil-bejta fis-sisien tad-Dwejra.*

Fil-medda ta' art tal-Park tad-Dwejra insibu xi disa' speċi ta' għasafar li jbejtu regolarment. Is-siti tal-bejtiet taċ-**Ċiefa** u tal-**Garnija** jinstabu fix-xquq u t-toqob fis-sisien taż-żewġ naħħiet tad-Dwejra u fuq il-Ġebla tal-Ġeneral. Iċ-**Ċief** u l-**Garni** jqattgħu l-biċċa l-kbira tal-ħajja tagħhom fuq il-baħar u jersqu biss lejn l-art matul il-lejl fiż-żmien tal-bejta. Matul il-ġurnata wieħed jista' jara ċ-**Ċief** 'l barra mill-kosta tad-Dwejra jissiefaħ fuq il-mewġ minn April sa Settembru speċjalment meta jkun riħ qawwi. Filgħaxija jinġabar u jistrieħ fuq il-baħar f'qatgħa kbira jistenna l-lejl biex iżur il-bejtiet tiegħu. Hekk ukoll jagħmel il-**Garni**, iżda l-istaġun tal-bejta ta' dan jibda qabel. Filwaqt li l-frieħ taċ-**Ċief** itajjar u jħalli l-kolonja għall-aħħar ta' Settembru u l-bidu ta' Ottubru, il-frieħ tal-**Garni** jtajjar kollu qabel nofs Lulju.

Ftit pari tal-**Merill**, l-għasfur nazzjonali tal-Gżejjer Maltin, ukoll ibejtu fit-toqob tas-sisien. Il-Merill huwa residenti u tarah hemm is-sena kollha. Fir-rebbiegħa l-għanja ħelwa spiss tinstema' tidwi mal-blat żonqri tal-inħawi. Il-**Bilbla** li tippreferi kampanja bla msaġar issib l-għelieqi żdingati, l-isteppa u x-xagħri fl-inħawi tad-Dwejra addattati għal ħtiġijiet tagħha. Minn April 'l hemm kontinwament tittajjar fl-għoli u tgħanni fuq it-territorju tagħha, fejn tibni bejta f'ħofra żgħira li tħaffer fil-ħamrija. Fid-Dwejra għada tbejjet ukoll il-**Bufula Ħamra**, li naqset sew minn inħawi oħra f'Għawdex. Tbejjet f'arbuxelli żgħar. Il-**Bufula s-Sewda**, minkejja li tħobb il-ġonna u l-imsaġar ukoll tbejjet f'numru żgħir fl-arbuxelli fil-Park tad-Dwejra, filwaqt li l-**Bufula tal-Imrewħa** tibni l-bejta forma ta' flixkun b'għonq wiesa' fil-ħaxix ta' l-isteppa.

Il-ħolqien tal-Park tad-Dwejra jawgura futur aħjar għall-ekoloġija natural tal-inħawi, partikolarment għall-avifawna u ħlejjaq oħra li jinstabu hemm. Id-**Dwejra** hija waħda mis-siti importanti ta' Għawdex, wirt naturali u storiku li jixraqlu l-ħarsien biex ingawduh aħna, wliedna kif ukoll dawk li għad iridu jiġu warajna.

**FOLKLOR GĦAWDXI**

***Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...***



*drawwiet missirijietna*

© Anton F. Attard

# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tmien Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-QUBBAJT*

**Il-qubbajt hu ħelu tradizzjonali ta' Malta u Għawdex u ilu jinħadem f'dawn il-gżejjer snin twal. Hemm il-qubbajt abjad, il-qubbajt iswed u tal-ġulġlien. Il-qubbajt jinbiegħ fil-festi kollha titulari, imma dari f'Għawdex kien jinbiegħ b'mod speċjali fil-festa ta' San Girgor, u l-aktar dak tal-ġulġlien, meta kienet issir il-purċissjoni ġenerali votiva, bin-nies ta' l-irħula kollha, mill-Katidral għall-knisja ta' Kerċem. Il-festa ta' San Girgor kienet taħbat fit-12 ta' Marzu. Il-qubbajt kien jinbiegħ ukoll fil-festa ta' l-Imnarja.**

Id-drawwa kienet li l-għarus kien jieħu l-għarusa għall-festa ta' San Girgor jew ta' l-Imnarja u jixtrilha wkoll 'xriek qubbajt'. Għal qubbajt iswed, il-għajta kienet 'għasel u lewż' għax dan il-qubbajt kien ikollu, għalkemm imsejjaħ 'iswed', lewn kannella safrani, lewn il-għasel iswed.

Il-qubbajt tal-ġulġlien kien isir ukoll għall-Qirew. Il-Qirew kienet festa li l-Imgħallem ta' dari kien jagħmel lill-ħaddiema meta titlesta xi biċċa xogħol kbira.

Qubbajt tal-lewż iswed imfarrak u ħelu maħdum bħall-qubbajt jissejjaħ 'kurkanta'.

Ta' min isemmi hawn li l-qubbajt ta' Għawdex ma jinħadimx bħal ta' Malta. Dak ta' Għawdex hu ta' kwalità superjuri. Tiskanta, jingħad li Ġanni l-Għawdxi, ta' Snien, tgħallem jaħdem il-qubbajt 'la Għawdxija', imma meta mar Malta, Ħal Qormi, spiċċa jaħdem il-qubbajt stil ta' Malta! Id-differenza toħroġ kemm mill-ingredjenti kif ukoll mill-metodu.

Dari l-qubbajt kien jitqassam ukoll bħala ***żerda***. Żerda tfisser dak l-ikel li kien jitqassam lill-fqar fil-festi li kienu jsiru fil-kappelli tal-kampanja (u anki tar-Rabat). Dari kienu jitħallew legati għal dan il-għan.

Nikkwota mill-Att ta' Pinu Saliba tas-7 ta' Mejju, 1515 jew 1516, dwar il-benefizzju mwaqqaf fil-knisja ta' San Ġużepp tas-Suq, u l-legat biex jitqassam l-ikel:

> *"....dictus Ugolino, eiusque haeredes et successores teneantur facere in primis Versperis Sanctae Mariae Annuntiatae anno quolibet ut vulgo dicitur in confectis sive cubaita..."*

Li jfisser:

> ".... L-imsemmi Ugolino, u l-werrieta u s-suċċessuri tiegħu, għandhom jagħmlu (i. e. jagħtu) fl-ewwel Għasar ta' Santa Marija Annunzjata, (i.e. il-festa tal-Lunzjata), kull sena, ħelu min-nies imsejjaħ qubbajt...".

### *Kif isiril-Qubbajt ta' Għawdex*

*Ingredjenti*

L-ingredjenti biex dan il-ħelu jinħadem huma z-zokkor, ilma, xaħam għad-dlik ta' l-irħama, il-lewż, il-karawett, il-ġulġlien, abjad tal-bajd għall-qubbajt l-abjad, taċċi tal-qronfol, vanilja u ostji, magħrufa wkoll bħala ***karta tar-ross***.

***Għodod***

Biex jinħadem kien irid ikollok mejda b'irħama apposta, u ċerta għodda biex biha jsir ix-xogħol, e.ġ. fejn jitgħalla z-zokkor u biex tagħmel l-ixkuma għall-qubbajt l-abjad, i.e. kontenituri magħrufa bħala bajla (*boiler*), bajla tal-*mixer* u kaldaretta, paletti tal-ħadid, raspa biex tqatta' u sikkina biex ixxerraħ, u *sliding* (xaqq magħmul apposta fuq banketta).

***Qubbajt Iswed***

1. Irid ikollok zokkor kemm għandek bżonn.
2. Irid ikollok ukoll ilma biżżejjed li tgħarraq iz-zokkor.
3. Tqiegħed kollox fuq in-nar b'temperatura ta' minn 35 sa 40 grad C.
4. Malli jiftaħ jagħli, ixħet il-lewż u l-karawett mhux inkaljat u ħallih għal xi żewġ (2) minuti.

5. Issa jrid ikollok irħama midluka bix-xaħam. Tixħet il-qubbajt qiegħed isir fuq l-irħama u timmalja bil-paletti tal-ħadid (jew bir-raspa tal-qubbajt). Tixħet it-taċċi (jew imsiemer) tal-qronfol, kannellini u ftit vanilja.
6. Xħin ikun bired ftit, ikun għadu jaħraq sewwa, tramblu u tqiegħdu fl-ostji.
7. Wara dan, tqatta' l-qubbajt f'***turruni*** ta' minn pied u nofs u xi ftit iżjed. Il-qubbajt meta jkun lest jitqatta' f'turruni biex ikun jista' jinbiegħ. Turrun ġie li jissejjaħ 'xriek qubbajt'.
8. Kif ikun għadu bejn kiesaħ u sħun, tixħet fis-*sliding* (bħal xaqq magħmul apposta) fuq banketta u taqsmu min-nofs għat-tul.
9. Xħin jiksaħ għal kollox, tgħaddih fis-***smontor*** u *celatine* (qisu plastic abjad) biex jinbiegħ.

*Qubbajt Abjad*

1. Il-qubbajt abjad jibda biex isir l-istess bħall-iswed.
2. Imma għall-qubbajt abjad trid tipprepara l-ixkuma taz-zokkor. Din issir hekk: Hu zokkor u abjad tal-bajd kemm ikollok bżonn u taħdmu bil-magna sakemm isir xkuma.
3. Xħin iz-zokkor jibda jagħli, tixħet l-ixkuma u ddawwar sakemm jibda jibbies; imbagħad iżżid il-lewż inkaljat u ddawwar biex il-lewż jidħol kullimkien.
4. Taqbad it-tilar, li jkun lest bl-ostji, u tixħet il-qubbajt fit-tilar, u xħin tixtħu tgħatti l-qubbajt bl-ostji u bil-karti, u taqbad it-tilar u taqilbu biex il-lewż jinfirex ma' l-***irkotta*** kollha (f'dan l-istadju l-qubbajt ikun għadu jissejjaħ ***irkotta***).
5. Imbagħad terġa' taqleb it-tilar wiċċu 'l fuq, tneħħi l-qubbajt mit-tilar, u tqassmu lenza lenza (il-bċejjeċ tawwalin tal-qubbajt hawnhekk jissejħu **lenez/lenza**). Meta taqsmu minħabba l-ħxuna jew il-wisa', tkun qiegħed ixxerrħu u x-xogħol isir bis-sikkina; meta tqassmu biċċiet, ix-xogħol isir bir-raspa tal-qubbajt.
6. Fl-aħħar nett tippakkja fil-karti u fil-kaxxi għall-bejgħ.

Naturalment, bħal kull xogħol ieħor, il-qubbajt wieħed ma jistax jitgħallem jaħdmu sempliċement minn fuq riċetta, imma billi jkun jaħdem ma' min ikun espert f'dan ix-xogħol. Għalhekk għandna l-qawl li jgħid li bin is-sengħa għandu nofsha għax jitgħallem jagħmel ix-xogħol bl-esperjenza ma' niesu.

***Hemm tipi oħra ta' qubbajt***

**Qubbajt tal-Għasel.** *(Din m'hix riċetta, imma biss tagħrif).*

***Ingredjenti:*** Butir, għasel, skond kemm ikollok bżonn; l-abjad tal-bajd, imħabbat sewwa; lewż imqaxxar inkaljat jew ġewż, ġellewż,; u ġulġlien, dejjem skond il-ħtieġa, u karta kbira ta' l-ostji.

***Għodda:*** Kardaretta jew reċipjent fejn tħawwad l-ingredjenti, furketta, rħama, karti ta' l-ostji, sikkina, raspa tal-qubbajt.

***Kif isir.*** Idlek ir-reċipjent bi ftit butir, ixħet fih il-għasel, qiegħdu fuq in-nar u ħawwad b'furketta biex ma jeħilx mal-qiegħ. Meta tara li jekk terfgħu bil-furketta jinżel ħjut ħjut, niżżel minn fuq in-nar. Żid l-abjad tal-bajd u ħawwad sakemm it-taħlita ssir qisha xiropp. Issa żżid il-lewż, eċċ. inkaljat, ħawwad sewwa u qiegħed it-taħlita fuq karta kbira ta' l-ostji. Qabel ma jibda jiksaħ sewwa, qatta' t-taħlita fi bċejjeċ skond il-ħtieġa.

*Qubbajt Abjad (Tagħrif ieħor)*

Il-qubbajt abjad jista' jsir hekk ukoll:

***Ingredjenti:*** Zokkor, bergamot, essenza tal-vanilja, lumija magħsura, lewż jew karawett, konfettura, ostji u ilma, dejjem skond kemm ikollok bżonn.

***Għodda:*** Kardaretta jew reċipjent ieħor, mgħarfa, rħama, sikkina, raspa tal-qubbajt.

***Kif isir:*** Itfa' z-zokkor f'reċipjent u għarrqu fl-ilma. Qiegħdu fuq in-nar għal xi nofs siegħa. Meta jkun qiegħed jagħli, daħħal l-imgħarfa u ara jkunx iwaħħal jew le. Jekk ikun iwaħħal żid il-bergamot, il-vanilja u l-lumija magħsura. Żid il-lewż u l-konfettura. Imbagħad niżżlu minn fuq in-nar u aħdmu fuq irħama. Agħmlu f'sura tawwalija u gerrbu fl-ostji.

*Qubbajt Abjad (Tagħrif Ieħor)*

Dan hu mod ieħor kif tagħmel il-qubbajt:

***Ingredjenti:*** Zokkor, karawett jew lewż jew ġulġlien, qoxra tal-lumi maħkuka rqiq, ftit żejt.

***Għodda:*** Kaldaretta jew kazzola ta' l-aluminju, mgħarfa, rħama, sikkina, raspa tal-qubbajt.

***Kif isir:*** Idlek il-kaldaretta jew kazzola biż-żejt. Itfa' z-zokkor u qiegħdu fuq in-nar bati. Ibda ħawwad sakemm tara li sar qisu għasel. Ibqa' ħawwad sakemm idub. Wara dan, itfa' l-qoxra tal-lumija maħkuka, l-karawett inkaljat jew il-lewż jew il-ġulġlien, kif tkun tixtieq. Wara li tkun tfajt kollox, kompli ħawwad sakemm tkun trid tixħtu fuq l-irħama. Ara li l-irħama tkun midluka biż-żejt. Ixħtu fuq l-irħama u ħallih jiksaħ. Imbagħad qattgħu biċċiet jekk għat-tul bis-sikkina, u jekk għall-wisa' bir-raspa tal-qubbajt.

**RIFERENZA STORIKA:**

Mons. Ġużeppi Farrugia, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu, it-Tieni Ktieb* (minn De Soldanis), pp. 74-75.

***Nota:*** *Tagħrif dwar kif isir il-qubbajt ta' Għawdex miksub mingħand Fredu Cassar, mir-Rabat, Għawdex, fis-sena 1998. Fredu kien jaħdem ma' Vella (ta' Snien) magħrufin għax-xogħol tal-qubbajt. Tagħrif ieħor inġabar mingħand xi persuni oħra.*

*(Jissokta)*

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

*Ilħna mill-Bogħod fil-Qrib (3)*



# Dun Raymond Portelli mill-Perù
# "Xi ħaġa sabiħa għal Alla"

Ħafna jsaqsuni kif inhi l-ħajja tal-missjunarju. Kieku sew insaqsu "u xi tfisser missjunarju?". Ġejja mill-kelma *"missio"* – mibgħut - imma mibgħut minn min u fejn u għaliex? Nemmen li mibgħut minn Alla permezz tal-Knisja lokali biex iservi f'post differenti minn fejn tkun trabbejt, biex ikunu strument ta' evanġelizzazzjoni. Nemmen li kulħadd għandu jkollu f'xi mument jew ieħor fil-ħajja tiegħu l-esperjenza missjunarja – kull nisrani għandu jiġi mibgħut biex ixandar lil Kristu lill-oħrajn. Ovvjament mhux qed nirreferi biss għal dawk li jiġu mibgħuta f'pajjiżi tat-Tielet Dinja, imma wkoll missjoni hija dik tal-ġenituri mat-tfal tagħhom, universitarji fil-kamp tal-istudju tagħhom, kull ħaddiem fost sħabu... ma hemmx għalfejn tmur ħafna 'l bogħod biex ixxandar il-Vanġelu.

Ngħid għalija nemmen li l-Mulej għalissa qed jibgħatni fil-Knisja ta' Iquitos, f'nofs l-Amazon, ġungla tal-Perù. Xi wħud isaqsuni inhiex kuntent? Ikollni ngħid bis-sinċerità kollha li nħossni sew. Minkejja d-diffikultajiet u l-isfidi kollha minn barra u minn ġewwa nħossni kuntent għax nemmen li qed nipprova nwettaq dak li jrid Alla minni għal-lum.

### *Il-Parroċċa*

Iquitos hija belt f'nofs il-ġungla tal-Amazon fit-tramuntana tal-Perù fl-Amerika t'Isfel. Ilni hawn fuq 13-il sena bħala kappillan ta' waħda mill-parroċċi ta' din id-djoċesi. Il-parroċċa jisimha San Martin de Porres (li fil-fatt huwa qaddis Peruvjan – il-Patrun tal-Karità) u magħmula minn 17,200 ruħ fil-maġġoranza tagħhom kattoliċi. Matul dawn is-snin inħoss li kbirna bħala parroċċa. Avolja qassis waħdi però l-preżenza tal-lajċi fil-ħajja tal-Knisja hija qawwija. Fil-fatt ħafna mix-xogħol pastorali jsir minnhom. Naturalment il-preżenza tal-kappillan hija importanti però verament ngħid li lkoll inħossuna parti mill-Knisja, fejn kull membru huwa importanti u ta' l-istess dinjità, però fl-istess ħin kulħadd għandu l-ministeru tiegħu.

### *Ġurnata tipika*

Biex tieħdu ideja tax-xogħol tiegħi ippermettuli nirrakkontalkom ġurnata tipika.

Il-ġurnata tibda bit-talb ta' Sbieħ il-Jum fil-knisja flimkien ma' grupp ta' lajċi fis-7:00am. Wara l-*breakfast* ġirja biex immur is-Seminarju ħalli nagħti xi klassijiet tal-filosofija lis-seminaristi tal-post. Fil-11:00 am ngħaddi sat-*Teaching Institute* fejn nagħti xi klassijiet għal dawk li ser ikunu *teachers*. Fis-1:00 pm *lunch* u ġirja għall-Post Mediku fejn fis-2:00 pm nattendi lill-pazjenti bħala tabib (kont gradwajt tabib – MD – kemm ilni l-Perù). Fil-5:00 pm niltaqa' mad-*drug addicts* li għandna fiċ-Ċentru ta' Riabilitazzjoni Talita Kumi. Fis-6:00 pm inżur il-klinika *Algo Bello para Dios* fejn għandna l-pazjenti bl-AIDS. U fis-7:00 pm il-quddiesa li għalija huwa l-mument l-aktar qawwi tal-ġurnata. Fit-8:00 pm nattendi lin-nies sal-10:00 pm bħala kappillan – ħafna huma dawk li jiġu bil-problemi tal-ħajja, b'mod speċjali problema tal-familja. Fl-10:00 pm xi ħaġa ta' l-ikel ħafifa u nipprepara l-klassijiet għal għada sakemm jagħtini n-ngħas.



Din ġurnata waħda – però kull ġurnata



fiha l-misteru tagħha – dejjem xi ħaġa ġdida – laqgħat, *home visiting*, funerali, eċċ. Però tkun totalment differenti l-ġurnata meta jmissni nżur xi rħula matul ix-xmara. Fuq dgħajsa xi erbgħa jew ħames siegħat biex naslu sar-raħal – l-ewwel nattendi bħala tabib, inqassmu wkoll xi mediċini u fl-għaxija l-quddiesa u laqgħa mal-insara tar-raħal li jaraw qassis forsi darba, darbtejn fis-sena.

Faqar għandna ta' kull tip... il-faqar materjali li dejjem nissiltu kontrih permezz tat-tagħlim, l-organizzazzjoni, t-tfittxija għall-opportunitajiet tax-xogħol, u s-servizzi soċjali... imma wkoll hemm ħafna faqar spiritwali fejn nemmen li bħala qassisin għandna noffru l-evanġelizzazzjoni u s-sagramenti. Xogħol hemm kemm trid. Imma wara kollox aħna nagħmlu dak li nistgħu u l-bqija nħalluh f'idejn il-Mulej.

### *L-Aqwa Waqtiet*

Għalija l-iktar mumenti sbieħ meta niġi biex niċċelebra s-sagramenti mal-poplu mħejji skond il-Vanġelu. L-ewwel u qabel kollox il-quddiesa b'mod speċjali ta' nhar ta' Ħadd – fejn niċċelebraw verament il-ħajja. Kif ukoll is-sagramenti l-oħra: il-magħmudijiet li huma mumenti ta' ferħ fil-preżenza ta' ħajja ġdida; l-Ewwel Tqarbina huwa mument qawwi ta' fidi u l-Griżma ta' l-Isqof mument ta' tama kbira. Il-bażi ta' dan kollu, l-familja – għalhekk meta nassisti għaċ-Ċelebrazzjoni taż-Żwieġ nagħmlu minn kollox biex ikun verament mument ta' imħabba sinċiera.

Issib minn kollox – mumenti ta' solitudni u mumenti ta' preżenza ta' oħrajn, mumenti ta' mard u mumenti ta' saħħa, mumenti ta' ingratitudni u mumenti ta' ringrazzjament, mumenti ta' dgħufija u mumenti ta' qdusija...

Nirringrazzja lill-Mulej li ġabni hawnhekk – tgħallimt ħafna u nemmen li qed ngħallem minn dak li tgħallimt.

Però nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lilkom. Meta ngħid lilkom nixtieq ninkludi lil kulħadd – dawk li naf u dawk li Alla biss jaf x'jagħmlu għall-Missjoni. Insemmi t-talb u s-sagrifiċċju li toffru għall-bżonnijiet tal-Missjonijiet. Imma wkoll dik l-għajnuna finanzjarja li tagħtu b'tant ġenerożità. Mingħajr dubju ta' xejn nistqarr li x-xogħol li qed nagħmlu fil-Missjoni huwa frott ta' din l-għajnuna li qed tagħtu. Għalhekk kif intom tħeġġu lili biex inkompli l-missjoni tiegħi ppermettuli nħeġġeġ lilkom ħalli tkomplu fil-missjoni tagħkom, ħalli flimkien nagħmlu *"Algo bello para Dios"* (xi ħaġa sabiħa għal Alla).




# RAYMOND CEFAI
## *TAL-KELBA LTD.*

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE &**
**GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

Passiġġata Biblika - 34

*"Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom." (Mt 1:21)*

# SAN ĠUŻEPP IL-KAP TAL-FAMILJA MQADDSA

**minn Fr. Charles Buttigieg**

***Il-Missjoni ta' San Ġużepp***

Bejn Alla u l-bniedem hemm storja partikulari, storja tassew sabiħa għaliex hija storja ta' mħabba. Bejn Alla u San Ġużepp il-Kap tal-Familja Mqaddsa, seħħet il-qofol ta' din l-istorja. Ilkoll nafu x'għamel Alla l-Imbierek fl-Antik Testment, narawh għax ried Hu, mill-imħabba Tiegħu jagħżel poplu, il-poplu ta' Iżrael biex iwettaq il-pjan tiegħu tas-salvazzjoni: "Wara li bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem Alla ilu lil missirijietna bil-profeti, dan l-aħħar, f'dawn il-jiem, kellimna b'iben, li Hu għamlu werriet ta' kollox u bih ukoll ħalaq id-dinja" (Lhud 1:1-2). Proprju f'dan il-mument importanti fl-istorja tas-salvazzjoni Alla jagħżel lil San Ġużepp biex jieħu ħsieb lil Ġesù Kristu u lil Marija, f'santwarju ħaj ġewwa d-dar ta' Nazaret.

L-Iskrittura tippreżentalna lil San Ġużepp bħala l-Missier Putattiv ta' Ġesù, ir-raġel tal-Verġni Marija, il-mastrudaxxa ta' Nazaret. Dawn huma l-ewwel kelmiet li jpoġġi quddiemna San Mattew dwar San Ġużepp: "Omm Ġesù, Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Żewġha Ġużeppi kien raġel ġust..." (Mt 1:18-19).

***Ir-Raġel Ġust ta' Marija***

San Mattew jgħid li t-tħabbira ta' l-anġlu saret wara li Marija tgħarrset lil Ġużeppi. Fil-liġi Lhudija, l-għerusija (Ebrajk: *qiddushin* jew *'erusin*) kienet torbot lill-għarajjes daqs ir-rabta taż-żwieġ. L-għerusija kienet biex ngħidu hekk, il-kuntratt bil-kitba taż-żwieġ, bejn il-ġenituri għal uliedhom u għalhekk l-għarusa kienet tkun diġà meqjusa bħala l-mara tal-għarus u l-għarus meqjus bħala żewġha. Iż-żwieġ proprju (ebrajk: *nissu'in*), bħala ċerimonja festiva u sollenni kienu jiċċelebrawh madwar sena wara, meta l-għarus kien iħejji l-post, id-dar, fejn seta' joqgħod hu u martu. Ġeneralment l-għarusa kien ikollha madwar 15-il sena u l-għarus bejn 18 u 25 sena. Għalhekk Marija diġà kienet tappartjeni lil Ġużeppi meta seħħ it-tnissil ta' Ġesù bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Infatti Mattew jgħid b'mod ċar: "...Żewġha (bil-Grieg: *aner*) Ġużeppi kien raġel ġust..." (Mt 1:19).

San Mattew ikompli jgħid li dan Ġużeppi kien ġust, raġel sewwa (bil-Grieg: *dikaios*); 'ġust' ifisser bniedem li jfittex mhux biss il-liġi imma s-sewwa, il-verità u l-karità quddiem Alla. Huwa bniedem li jaf jgħix f'għaqda kontinwa mal-liġi ta' Alla. Huwa bniedem onest u jgħix b'fedeltà dak kollu li jwiegħed. Ġust ifisser ukoll tjubija, bniedem ta' disponibbiltà kbira u bla qies. Il-kelma 'ġust' insibuha 433 darba fl-Antik Testment u 79 darba fil-Ġdid Testment. Narawha applikata għal Noe, għall-patrijarki, għall-imħallfin, għall-bniedem sewwa quddiem Alla, bħalma per eżempju kien Ġob (ara Ġob 1:1). San Mattew juża dan l-aġġettiv 19-il darba b'mod partikulari għal San Ġużepp. Ġużeppi huwa ġust għax fittex il-paċi, għax laqa' f'daru l-Kelma ta' Alla li saret laħam u li għammret fostna. Għax Ġużeppi kien bniedem ġust, u għax kien jaf b'din l-opra tal-Ispirtu s-Santu f'Marija, huwa kien jaf li martu Marija kienet innoċenti quddiem il-liġi u għalhekk għamel minn kollox sabiex jipproteġi lil martu mil-liġi ġudajka (ara Dewt 22:13-29), li kienet tobbliga t-tħaġġir tal-mara f'dan il-każ. Naraw lil Ġużeppi jagħmel minn kollox sabiex isalva mill-mewt lil Marija u lit-tarbija Ġesù.

***Il-Kap tal-Familja Mqaddsa***

Kien Ġużeppi li ta l-isem lil Ġesù bħalma l-missirijiet kienu jagħmlu f'dak iż-żmien u għalhekk quddiem il-liġi ġudajka kien meqjus bħala l-missier legali tat-tifel. Nistgħu ngħidu li huwa Ġużeppi l-ewwel bniedem li jlissen fil-pubbliku l-isem sabiħ ta' Ġesù quddiem id-dinja, u jagħti din il-Bxara t-Tajba. Lilu u lilu biss, l-anġlu jwissi dwar il-perikli kollha li bdew jheddu lit-tarbija, li Erodi ried joqtol lit-tarbija. Lilu jgħarraf li kellu jaħrab lejn l-Eġittu u dwar iż-żmien meta kellu jerġa' lura kif naraw f'Mt 2:21-22: "Ġużeppi qam, ħa t-tarbija u 'l ommu, u mar fl-art ta' Iżrael. Imma billi sema' li fil-Lhudija kien qiegħed isaltan Arkelaws flok Erodi missieru, beża' jmur hemm. Fuq twissija li kellu fil-ħolm, inġabar fl-inħawi tal-Galilija." Għadda minn tbatijiet San Ġużepp, imma ma beżgħax minnhom imma affrontahom għax kellu missjoni, kellu sejħa u responsabbiltà li jieħu ħsieb lill-Iben ta' Alla, is-Salvatur tad-dinja.

Kien Ġużeppi mela li mexxa u ħa ħsieb ta' din il-familja, ta' Ġesù u Marija. Is-Santi Padri tal-Knisja, fosthom Sant'Irinew mal-ewwel fehmu b'din il-missjoni li kellu Ġużeppi (ara S. Irenaei, *«Adversus haereses»*, IV, 23, 1: S. Ch. 100/2, 692-694). Huwa ġarr it-toqol ta' din ir-responsabbiltà kbira bir-riskji u s-sagrifiċċji kollha marbuta mal-familja.

***Il-Mastrudaxxa ta' Nazaret***

Ġużeppi huwa l-kap tal-Familja Mqaddsa; mhux biss bil-għaqal tiegħu imma ukoll bil-għaraq ta' ġbinu ħadem għal din il-familja. Ġużeppi huwa xempju tal-appostolat u tal-



ħidma tax-xogħol fil-ħidma bieżla tiegħu fid-dar ta' Nazaret. Kien mastrudaxxa imma mhux daqshekk biss. Infatti l-kelma mastrudaxxa (bl-Ebrajk, '*harax*' u bil-Grieg, '*tekton*'), tfisser bniedem kapaċi għal kull teknika, ħaddiem tas-sengħa li jinqala' biex jagħmel kollox, anke biex jaħdem l-injam iebes tas-siġar tal-Libanu qrib Nazaret. Għalhekk meta kien ikun hemm xi problema, in-nies tar-raħal kienu jfittxu lilu, għax barra li Ġużeppi kien bniedem b'qalb tad-deheb, kien imżejjen b'ħafna talenti. Ix-xogħol tal-mastrudaxxa għalhekk kien importanti ħafna u ftit kienu dawk li kienu kapaċi għal din is-sengħa għax mhux la kemm kont issib missirijiet b'din il-kapaċità f'pajjiż fejn il-ħidma l-iktar popolari kienet dik tar-ragħaj. Dan hu l-kobor ta' San Ġużepp bħala kap tal-Familja u Ħaddiem. Infatti din is-sengħa tal-mastrudaxxa, din il-kapaċità, Ġużeppi żgur għaddieha liż-żagħżugħ Ġesù kif insibu f'Mk 6:3, meta Ġesù wara ftit żmien żar Nazaret fejn trabba u n-nies qalu għalih: "Dan mhux il-mastrudaxxa, bin Marija ..." F'Mt 13:55, in-nies bdew jgħidu: "dan mhux bin il-mastrudaxxa?". U f'Lq 4:22 insibu: "U kulħadd kien ifaħħru u jistagħġeb bil-kliem ta' ħlewwa li kien ħiereġ minn fommu u bdew jgħidu: "Dan mhux bin Ġużeppi?". San Ġwann ukoll fil-vanġelu tiegħu jsemmi darbtejn lil Ġesù bħala "bin Ġużeppi" (ara 1:45 u 6:42). Hekk għandna allura nimmaġinaw lil San Ġużepp, bniedem imfittex ħafna minn nies ta' Nazaret fejn il-kapaċità ta' dan ir-raġel minn Betlem, il-belt ta' David, bil-qalb disponibbli tiegħu, lesta, pronta, sabiex tgħin lil dak li jkun, rebħet il-qlub tar-raħal ta' Nazaret.

***Il-Qaddis tas-Silenzju***

San Ġużepp hu l-qaddis tas-skiet. Is-skiet tal-ħajja interjuri, tal-ħajja tat-talb, skiet li jdawwal lill-bniedem sabiex jidħol f'kuntatt ma' Alla. Fil-ħanut tax-xogħol tiegħu żgur li kien hemm għodda speċjali li mhux la kemm kont issibha f'post ieħor tax-xogħol. Kien hemm il-qawwa tat-talb. Kien ġust Ġużeppi, kien jaf u jgħix il-kelma t'Alla, kien bniedem li jitlob. Żgur li kellu ċar quddiemu l-kliem tad-Dewt 6:7: "Dawn il-kelmiet iddaħħalhom f'moħħ uliedek u titkellem fuqhom int u qiegħed id-dar." U għalhekk nistgħu nimmaġinaw dik ix-xena tassew mill-isbaħ fid-dar ta' Nazaret, Ġużeppi jgħallem lit-tfajjel Ġesù, il-Kredu Lhudi: "Isma', ja Iżrael..." (ara Dewt 6:4), it-talb u t-tradizzjoni lhudija. Żgur li d-dar ta' Ġużeppi li bena bil-għaraq ta' ġbinu kienet santwarju ħaj ta' talb, simbolu tal-għaqda fil-familja, fejn tinġabar sabiex titlob u tirringrazzja lill-Mulej. Hekk il-familja ta' Nazaret hija tassew innu ta' tifħir lil Alla.

Kien għalhekk li nhar il-15 ta' Awissu 1989 fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tal-Ittra Enċiklika: "*Quamquam Pluries*" (ara «Leonis XIII P.M. Acta», IX [1890] 175-182), il-Papa Ġwanni Pawlu II, kiteb l-Eżortazzjoni Appostolika, *Redemptoris Custos* dwar il-Persuna u l-Missjoni ta' San Ġużepp fil-ħajja ta' Kristu fejn naraw il-kobor tal-qaddis: "Dan hu proprju il-misteru li fih kellu sehem Ġużeppi ta' Nazaret, sehem li ebda bniedem ieħor qatt ma kellu, ħlief il-Verġni Marija. Għalhekk hu r-raġel veru u verġni ta' Marija, omm Ġesù ..." (*Redemptoris Custos,* nru.7).






# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

## Is-sbuħija tal-lokalità taż-Żebbuġ bil-bajjiet ta'Marsalforn, Qbajjar u Xwejni

**Jikteb Carmelo Saliba, Sindku taż-Żebbuġ**

Sa mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, il-lokalità tagħna taż-Żebbuġ li għandha l-konfini jmissu mal-lokalitajiet ta' l-Għasri u x-Xagħra kif ukoll il-Wied tas-Salve Reġina u l-Wied tal-Grazzja li jifirduna mill-konfini tal-belt kapitali Victoria, inġorru r-responsabbiltà ta' l-akbar kosta frekwentata Għawdxija li tikkonsisti mill-bajjiet popolari ta' Marsalforn, Qbajjar u Xwejni li tibqa' sejra sa Wied l-Għasri fejn hemm it-triq panoramika li minnha wieħed igawdi s-salini li għadhom jinħadmu bl-aktar mod naturali sa llum.

Lokalità li tiġbor diversi ċittadini li pajjiżna huwa ffurmat minnha. Nies li jġorru l-għeruq li minnha ġiet iffurmata din il-lokalità snin ilu bħal bennejja ta' ħila, is-sengħa tal-bini li konna u għadna magħrufin għaliha. Bdiewa u raħħala li dak li pproduċew u li għadu jiġi pproċessat sa llum għadu jkun imfittex għax fih tiżboq il-kwalità u l-benna naturali bħal l-għasel tan-naħal, ġbejniet friski, nixfin jew tal-bżar, l-inbid tal-mejda kif ukoll prodotti tal-laħam bħal fniek u tiġieġ.

Lokalità li llum tiġbor fiha diversità ta' ċittadini li għalkemm ma fihiex diversità ta' klassi, imżewqa b' nies li jaqilgħu l-ħobżna ta' kuljum minn xogħol ta' l-idejn għal xogħol tal-moħħ. ¬ittadini taż-żmien ta' llum li ġab bidla li kull żvilupp iġib miegħu. Il-progress huwa xi ħaġa kontinwa u kull soċjetà trid tkun aġġornata miegħu. Il-lokalità tagħna għadha ġġorr



l-identità tagħha f' nies bieżla u kapaċi. Kapaċi f' kull qasam tal-ħajja bħalma hi professjoni legali, medika, teknika u edukattiva kif ukoll aġġornata fil-qasam ta' l-informazzjoni teknoloġika. Il-lokalità tagħna aġġornat ruħha ma' l-isfidi li ż-żmien ġab fuqna u għalhekk ninsabu fuq quddiem fil-qasam industrijali u turistiku. Lokalità mfittxija minn għadd kbir ta' ħutna Għawdxin, viżitaturi Maltin kif ukoll turisti barranin li ta' kull sena nospitaw, fejn dawn iħallu marka pożittiva fuq l-ekonomija tal-lokalità tagħna u ta' pajjiżna. Viżitaturi li jieħdu magħhom memorji sbieħ kif ukoll esperjenzi uniċi. Biex dan isir kif ukoll jibqa' jiġi żviluppat, il-Kunsill Lokali dejjem refa' l-parti tiegħu u kull Kunsill Lokali li kellna sa issa ħalla l-marka tiegħu fuq il-lokalità tagħna.

Ser nagħlqu sena mill-bidu ta' dan il-ħames Kunsill Lokali. It-tielet wieħed li jien qiegħed nifforma parti minnu. It-tieni wieħed li qiegħed immexxi fil-kariga ta' Sindku kif ukoll l-ewwel Sindku li ġejt elett dirett bil-fiduċja taċ-ċittadini tagħna. Wara l-ewwel esperjenza ta' kif tmexxi lokalità flimkien ma' sħabi, li mhux dejjem qbilna fil-metodu iżda ngħid b' wiċċi minn quddiem li dejjem kien jinħass qbil fil-prinċipju ta' dak li pproġettajna kif ukoll ta' dak li wettaqna. Il-lokalità tagħna nistgħu ngħidu li għandha ħafna mit-toroq residenzjali miksija bit-tarmak. Fadal xi jsir u l-Kunsill dejjem jipprogramma biex skond il-finanzi li jkollna disponibbli nwettqu firxa l-aktar wiesgħa ta' proġetti mal-lokalità kollha. Ftit fadal toroq bla tarmak fir-raħal taż-Żebbuġ u l-Kunsill qiegħed jaħdem biex nagħmlu kemm nistgħu toroq fil-bajjiet ta' Marsalforn, il-Qbajjar u x-Xwejni. Il-problemi ma jonqsux iżda l-kuraġġ u d-determinazzjoni li għandna, kif ukoll l-ingredjent ewlieni ta' mħabba lejn il-lokalità tagħna, jġegħluna naħdmu aktar b' risq il-lokalità tagħna.

Għalhekk irranġajna t-triq ta' Għajn Mhelhel kif ukoll it-triq tal-Hamra. Żewġ toroq fil-kampanja tagħna li joffru seħer ta' veduti mill-isbaħ. Kampanja nadifa b' arja pura li tpaxxi l-għajn ta' min jiffrekwentaha. Maħduma b' xogħol il-bdiewa ħawtiela tagħna. Għalhekk il-Kunsill dejjem jinvesti biex



jirranġa dawn it-toroq. Ninvestu wkoll flejjes kbar biex inżommuhom indaf speċjalment fix-xhur sajfin mill-ħaxix ħażin li jikber fihom. Hadna ħsieb ukoll nirranġaw id-daħla tar-raħal fejn art żdingata naddafniha u ħawwilna għadd kbir ta' siġar taż-żebbuġ, kif ukoll ġbarna l-ilma li joħroġ mix-xaba' ta' l-art fix-xhur xitwija. Siġar li llum narawhom jikbru u iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar jagħtu identità lill-lokalità tagħna. Bnejna 'Għajn tal-Kunsill' fejn mill-ilma li jinġabar, il-bdiewa tagħna jużawh għat-tisqija fl-għelieqi tagħhom. 'L-Għajn tal-Kunsill' li għalkemm kienet il-mira ta' att vandalu fi żmien id-deni ta' l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali s-sena l-oħra, wara li naddafniha u rranġajniha qiegħda taqdi l-iskop li għalih bnejniha, li ssebbaħ dawk l-inħawi ta' fejn hi qiegħda.

Fil-bajjiet tagħna ġewwa Marsalforn, il-Qbajjar u x-Xwejni sar xogħol mill-Kunsill li kompla jsebbaħ dawn l-inħawi. Min ma jiftakarx kif kienet it-triq quddiem l-għerien tax-Xwejni? Ma kontx tista' tgħaddi bil-mixi aħseb u ara b' xi karozza. Irranġajniha waħda sew, kif ukoll għamilna bank tal-konkos biex min jiffrekwenta din il-bajja jkun jista' jgawdiha bil-kumdità. Fil-Qbajjar irranġajna r-rampa għad-dilettanti tad-dgħajjes. Ġewwa Marsalforn sar xogħol kbir fejn biddilna s-sistema tad-dwal fi Triq il-Port, minn waħda perikoluża għal waħda moderna u tixraq lill-bajja sabiħa u tant popolari. Bankini sbieħ u kif jitolbu ż-żmenijiet ta' llum għal min irid jippassiġġa għall-frisk fis-sajf. Sfortunatament ġie li jsir abbuż minn tar-restoranti u min hu responsabbli mill-infurzar tal-liġi ma jagħtix każ ta' xogħlu.

***X'bi ħsiebna nagħmlu***

Irridu nkomplu fuq dak li għamilna sa issa. Qegħdin nistennew approvazzjoni mill-M.E.P.A. biex inwaqqfu monument lil 'Jum iż-Żebbuġ' li ta' kull sena niċċelebraw nhar it-28 t' April. Applikazzjoni ta' monument biex nirranġaw inħawi fid-daħla tar-raħal li ilna nkarkru biha mis-sena 2004. Għadna ma nafux x'ser ikun l-andament ta' l-applikazzjoni billi fl-aħħar seduta tad-DDC ġie vvotat bi tlett voti favur u tlett voti kontra. Għandna l-permessi meħtieġa biex nirranġaw u nsebbħu Pjazza Santa Marija tal-Virtut li ukoll, qabel ma nagħtu bidu għal dan il-proġett, għandna min għadu ma fehemx f' hiex ser ikun jikkonsisti u rridu l-ewwel infehmu lin-nies tal-madwar biex ikunu nfurmati kif ser jintlaqtu.

Fil-bidu ta' Frar imbarkajna fuq proġett ambizzjuż li ser ikun ta' benefiċċju għar-residenti tagħna. Applikajna biex nibbenefikaw minn fondi ta' l-Unjoni Ewropeja fejn min jinstalla sistema solari li tiġġenera mir-raġġi tax-xemx u ssaħħan il-misħun għall-użu domestiku. Kull applikant ser jibbenefika sa ħamsin fil-mija fuq dak li jonfoq u dan sa massimu ta' elf ewro. Min ikun irid jagħmel sistema li tiswa aktar, jista'. Hadna l-pariri ta' esperti u tawna l-parir li b' elf ewro għandha tiġi nstallata sistema solari li jkun biżżejjed għal familja ta' bejn ħames u sitt persuni. Barra s-sistema solari applikajna wkoll għal sistema li tiġġenera l-elettriku mix-xemx u għal min japplika ser inżommu l-istess kriterji tas-sistema solari. Dan il-proġett huwa mifrux fuq medda ta' sentejn. Nawguraw li jirnexxi u li ċ-ċittadini tal-lokalità tagħna jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet li issa għandna l-bieb miftuħ għalihom.

Dan l-aħħar applikajna għal fondi mill-M.E.P.A. taħt l-*Urban Improvement Funds* fejn għandna allokati 146,331.24 ewro (Lm62,820). Ser nidħlu għal proġett kbir ġewwa l-Bajja ta' Marsalforn fejn ser nirranġaw l-inħawi tal-wied. Issottomettejna l-pjanti u ġew approvati. Applikajna għall-permessi meħtieġa mill-Awtorità dwar it-Trasport u qegħdin f' idejna, diġa bdejna minn fuq il-*bridge* u ser nibqgħu sejrin mal-wied kollu bi dritt il-bini fil-bidu ta' Marsalforn. Għalkemm kien hemm min ried jikkritika, għax kulħadd għandu dritt għal opinjoni tiegħu, sa anke kellna protest fil-qorti, xorta nemmnu li meta l-proġett ikun lest u jkun jista' jitgawda ser ikollna biex niftaħru li komplejna nsebbħu l-lokalità tagħna, speċjalment il-parti turistika, b' fondi li ġibna minn barra l-*budget* tagħna u li kienu allokati għal dan l-iskop mill-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Ser inkomplu naħdmu b' risq il-lokalità tagħna. Lokalità kbira mifruxa fuq medda wiesgħa ta' art bi bżonnijiet differenti għal kull staġun. Jekk huma kbar il-bżonnijiet tal-lokalità tagħna taż-Żebbuġ bil-bajjiet ta' Marsalforn, Qbajjar u Xwejni, hija kbira l-imħabba u l-kuraġġ lejn il-lokalità tagħna.

Dan nawgurawh ukoll lil kull ċittadin Żebbuġi kif ukoll lil kull resident fil-lokalità tagħna.



**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press *gozopress@onvol.net*.

*Għawdex Qabel ir-Ritratti (3)* *minn* JOHN CREMONA

# *Mill-Awstralja għad-Dwejra u Lura*



GENERAL'S ROCK, GOZO.

Wara l-Ġgantija, l-aktar suġġett popolari fost l-artisti tas-seklu tmintax u dsatax li pittru jew ħarġu inċiżjonijiet ta' suġġetti Għawdxin, kienet bla dubju ta' xejn il-Ġebla tal-Ġeneral fid-Dwejra. Hemm diversi verżjonijiet u ħafna drabi kopji ta' l-istess suġġett. Jien naf b'ta' lanqas għaxar inċiżjonijiet differenti bl-ewwel verżjoni tidher fil-ktieb ta' Jean Houel fl-1786.

Ta' dsatax-il sena George French Angas, artist u naturalista mwieled l-Ingilterra iżda li kien joqgħod l-Awstralja żar lil Malta, Għawdex u Sqallija. Fl-1842 ippubblika l-ewwel xogħol tiegħu ntitolat *'A Ramble in Malta and Sicily'*. Minħabba li huwa ktieb rari ħafna, ftit huwa magħruf. Fost il-litografiji ppubblikati f'dan il-ktieb hemm dik tal-Ġebla tal-Ġeneral li qiegħed nirriproduċi l-lum fit-tielet artiklu ta' din is-sensiela.

Il-litografija ssir billi l-artist ipitter id-disinn fuq il-ġebla billi juża kimika apposta. Din il-litografija turi l-Ġebla tal-Ġeneral fid-Dwejra. X'aktarx li l-aspett tagħha ftit inbidel f'dawn l-aħħar mija u sitta u sittin sena. Interessanti madanakollu, jidher il-mod kif wieħed seta' jaqsam għal fuq il-blata li kienet u għadha magħrufa minħabba li fuqha jikber għerq sinjur. Wieħed seta' jaqsam minn fuq l-art għal fuq din il-blata permezz ta' kaxxa li tinġibed minn żewġ ħbula speċi ta' *cable car*. Fuq quddiem jidhru wkoll xi nies lebsin l-ilbies ta' dak iż-żmien.

Angas jirrakkonta li x-xogħol tiegħu qajjem interess mhux ħażin fost in-nies tal-lokal u jgħid li *"għall-ewwel in-nies sempliċi tal-lokal ma setgħux jifhmu x'kont qed nagħmel, imma ma damux wisq ma ttendew. Kif raw il-veduta tiegħu sura fuq il-karta bdew iwerżqu bil-ferħ. Għamilt sinjal lil waħda min-nisa biex tpoġġi bil-qiegħda fuq blata quddiemi u pittirtha. Fi ftit ħin kelli biżżejjed nies jitolbuni biex inpittirhom jew biex nimla xi pittura kbira li tfakkar xi avveniment storiku...Tant kienu drawni li bil-kemm ħallewni nitlaq".*

Din l-istampa bil-lapes fuq karta li Angas għamel fuq il-post, illum tinsab fil-Librerija Nazzjonali ta' l-Awstralja (nla.pic-an2903965-v) flimkien ma' tpinġijiet oħra ta' l-istess artist dwar Malta. Kopja tagħha magħmula minn Angas stess kienet akkwistata mill-Markiża Testaferrata.

Interessanti li taħt il-litografija tal-ktieb hemm miktub *'from nature and on stone by George French Angas'* li jfisser li kemm id-disinn oriġinali kif ukoll ix-xogħol fuq il-ġebla tal-litografija saru mill-istess artist. Ħafna drabi kien ikun hemm artisti li xogħolhom kien li jirriproduċu permezz ta' l-inċiżjoni jew litografija xogħlijiet ta' artisti oħra; f'dan il-kas ix-xogħol kollu sar mill-istess artist.

Il-litografija hija ntitolata *'General's Rock, Gozo'*. Il-qisien tagħha huma 112mm x 175mm.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Patri Anton Debono S.J.

## 3. Jgħin lin-nies tal-post

Fr. Anton Debono ħabb lin-nies li kien jaħdem magħhom, tant li mhux biss għallimhom l-Evanġelju u l-Katekiżmu iżda anki drittijiethom.

Il-ħidma missjunarja tiegħu qanqlet l-għira taż-Żamindars u dawk li kienu jisilfu l-flus. Billi kien jgħallem lill-poplu drittijietu u b'hekk ma jiġux sfruttati, dawn bdew ittellfu l-ħidma missjunarja tiegħu u bdew anki jippersegwitaw lis-Santals u oħrajn li kienu għadhom kif ikkonvertew, billi ma jisilfuhomx aktar flus. Iżda Fr. Debono ma qatax qalbu u ddefenda lil min talbu l-għajnuna.

Fl-24 ta' Novembru kiteb lill-Arċisqof ta' Kalkutta: "Il-bieraħ kelli noqgħod garanzija għal wieħed nisrani Bengaliż. Wieħed Mawmettan qed jippersegwitah ħalli jġiegħlu jabbanduna r-raħal u jmur x'imkien ieħor ... Hemm bżonn li nieħdu dan il-każ f'idejna u nuru lin-nies tagħna li aħna magħhom u li lesti naqbżu għalihom." Deher diversi drabi fil-qorti biex jixhed favur l-insara li kienu mixlija b'mod falz. U fit-13 ta' Jannar, 1935 kiteb hekk lill-istess Arċisqof: "L-oppressjoni tal-foqra hi agħar minn qabel ... Ikolli l-ħin kollu niġri 'l hawn u 'l hemm biex lin-nies tagħna ngħinhom jieħdu l-ħaqq."

Iżda l-ebda ħidma ma ssir mingħajr sagrifiċċju. Darba kien mixli li ħa mara xiħa Santal b'martu. Iżda meta bdiet il-kawża dak li xlieh ammetta li din kienet kalunja; jiġifieri ma għandha l-ebda bażi ta' verità u hekk weħel multa. Darba oħra kien qiegħed jivvjaġġa ma' wieħed Santal li kien midjun ma' Żamindar mawmettan tal-post. Dan wassal għal inċident li fih Fr. Anton Debono safa maħtuf u arrestat f'dar b'mod illegali, għax dawk li ħatfuh ma kinux forzi ta' l-ordni. Iżda huwa ma qatax qalbu. Lanqas ħarab għax beża' li joqtluh iżda kiteb ittra lil wieħed uffiċjal tal-gvern u oħra lill-ħabib tiegħu Mr. Duff u bagħathom permezz ta' żewġ Santals. Hekk l-għada wasal fir-raħal surġent tal-pulizija u, wara li għamel rapport kif qalulu s-Santals, ħelsu. Kien l-10 ta' Ottubru 1925.

Kif jgħid il-proverbju, kull deni għandu jittieħed b'ġid. Il-pulizija bdiet kawża kontra ħames Mawmettani talli ħatfu lil Fr. Debono u żewġ Santals miegħu. Mill-ħamsa mixlija tlieta ħarbu u nħbew u hekk kien baqa' tnejn li kienu barra fuq pleġġ u kull darba li kienet tasal il-kawża kienu taparsi jimirdu.

Hekk bdew trattattivi bejn l-avukat tagħhom u l-Arċisqof. Iżda billi kien hemm fin-nofs id-drittijiet tal-Missjoni, is-Superjuri qatgħuha li l-kawża għandha tkompli. Kompromess kien ifisser li ż-Żamindars kemm Mawmettani u kemm Hindu, jerġgħu jieħdu r-riħ. Huwa impossibbli li nġibu hawn il-kronoloġija tal-kawża iżda fl-aħħar dawn weħlu sentejn ħabs u multa ta' mitt rupija kull wieħed. Fis-16 ta' Awissu 1926, l-Imħallef f'Purnea kkonferma s-sentenza tal-qorti ta' Kishanganj, biss naqqas xi ftit is-sentenza. Fis-sentenza tiegħu stqarr hekk: "Aħna lkoll nafu li xi wħud, speċjalment sidien l-art, lill-missjunarji nsara ma tantx jaħmluhom, billi dawn jgħallmu lill-aboriġini d-drittijiet tagħhom. Jista' jkun li l-akkużati u nieshom ma ħamlux jaraw lill-Patri Saħib joħdilhom lil dak li kien midjun magħhom u kien ukoll qed jikkonverti lin-nies."

Naturalment dan kollu serva biex jikseb rispett, tant li l-gvern indjan ħatru anki bħala maġistrat. Saħansitra anki dawk li tqabdu fil-bidu kontrieh bdew jitolbu l-għajnuna tiegħu flok imorru l-qorti.

*(Din is-sensiela ġiet mibnija fuq serje ta' artikli 'Il-Pijunier tal-Missjoni tas-Santals' ta' Fr. John Scicluna S.J, li dehru bejn Marzu u Diċembru 2000 fir-Rivista "Lill-Ħbiena" flimkien ma' apprezzament ta' dan ir-reliġjuż fl-okkażjoni ta'mewtu minn P.A. Savona li deher fl-istess rivista f'Settembru 1956).*

**Angelo Xuereb**






*Tifkiriet Storiċi* *jikteb* **DUN JOSEPH BEZZINA**

# *Ġawhra ta' Għawdex: Il-Kappella ta' Santa Ċeċilja*



Taraha żgur. Tagħtix kasha ma nafx. Taraha sew jekk tasal Għawdex bil-baħar sewwa wkoll jekk tasal bil-ħelikopter. Jekk tasal b'dan l-aħħar mezz modern ta' trasport inti u nieżel Għawdex tgħaddi kważi kważi tmiss mas-saqaf tagħha.

Tinsab sewwa sew fi Sqaq il-Merkant, illum magħrufa bħala Trejqet il-Heliport, inti u ħiereġ mill-ħeliport tkun fuq il-lemin tiegħek. Jekk tasal bil-baħar, inti u tiela' mill-Imġarr tkun fuq ix-xellug tiegħek, kważi faċċata ta' l-istabbiliment *Gozo Heritage*. Aktarx li ma tarahiex ma' l-ewwel daqqa ta' għajn. Faċilment tista' taħsibha kamra mdaqqsa f'għalqa. Ħdejha jiddomina u għalhekk parzjalment ineħħi l-attenzjoni minn fuqha t-torri ta' Santa Ċilja mibni fl-1613.

Iżda dik il-kamra mhix għajr il-kappella ta' Santa Ċeċilja - l-eqdem kappella li s'issa għadha wieqfa f'Għawdex fl-istat oriġinali tagħha, imma bdiet tiġġarraf.

***Il-bidu tal-kappella***

Santa Ċeċilja hi qaddisa li qajla nafu dwarha. Il-kult lejha beda f'Ruma fis-seklu ħamsa meta nbniet kappella f'ġieħha. Il-kult xtered bħal-leqqa ta' berqa l-iktar minħabba r-rakkont tat-tbatijiet kbar li minnhom għaddiet, rakkont imsejjaħ "Il-Passjoni ta' Santa Ċeċilja". F'dan ir-rakkont, li mhux awtentiku, Santa Ċeċilja hi eżaltata bħala l-eżempju perfett ta' mara nisranija. Ħaddnet il-verġinità u mietet martri għal Kristu. Peress li l-imsemmija passjoni tgħid li kienet tgħaddi ħinha tkanta lil Alla f'qalbha, mis-seklu sittax 'il quddiem saret il-patruna tal-mużiċisti.

Dwar il-bidu tal-kappella f'Għawdex qajla wkoll nafu. Kienet l-unika ddedikata lil din il-qaddisa li kienet wieqfa fil-gżira. Ma tissemmiex fil-Viżta Appostolika ta' Pietru Dusina ta' l-1575. Wisq probabbli tant kienet fi stat medjokri li lanqas kellha xejn x'jindika li kienet kappella u għalhekk ebda viżitatur ma ndenja ruħu jagħmlilha żjara. Mhux l-ewwel darba li ġara hekk.

L-ewwel darba li niltaqgħu magħha hi fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Baldassar Cagliares ta' l-1615. Il-kappella kienet reġgħet ħadet forma minħabba l-interess ta' ċertu Paskal Muscat li kien joqgħod fl-inħawi u li kien ukoll devot kbir ta' Santa Ċeċilja. Kien qiegħed jieħu ħsiebha kemm seta' fil-faqar tiegħu u kien ukoll qiegħed iħallas qassis biex nhar il-festa, li taħbat fit-22 ta' Novembru, jagħmel quddiesa fil-kappella (Cf Arkivju Episkopali ta' Għawdex (AEG), *Visitatio Pastoralis* (1615) 40r).

Kellha artal tal-ġebel u mal-ħajt kien hemm imdendel kurċifiss. Xejn iktar. Kellha wkoll bibien ta' l-injam, iżda dawn kienu bla serratura u għalhekk kulħadd seta' jidħol fiha x'ħin ifettillu. Intweriet ix-xewqa lill-benefattur tal-kappella ħalli jagħmel mill-aħjar li jista' biex jipprovdi xi ħaġa ħalli l-ewwelnett, isiru xi tiswijiet meħtieġa fl-istruttura; it-tieni, biex issir serratura ħalli l-bibien jinżammu magħluqa; u t-tielet, biex jipprovdi l-affarijiet meħtieġa għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Sakemm jagħmel dan kollu, ma kellhiex terġa' ssir quddiesa ġewwa.





***Titjib il-qagħda tagħha***

Fl-1613, il-Kmandant ta' l-Artillerija tal-Kavallieri ta' San Ġwann, Bernardo Macedonia bena torri maġenb il-kappella. Minkejja li għaddew mijiet ta' snin, l-arma tiegħu għadha tiddomina sal-lum fuq il-bieb li jħares lejn nofsinhar. It-torri issejjaħ ta' Santa Ċilja minħabba l-kappella, għax Ċilja mhix għajr il-kelma proprja bil-Malti għal Santa Ċeċilja. Iktar 'l quddiem minħabba dan it-torri sar possibbli li jwasslu messaġġ min-nofsinhar ta' Għawdex sat-tramuntana tal-gżira fi ftit minuti. Infatti minn fuq il-bejt ta' dan it-torri tidher tajjeb it-Trunċiera ta' Vendme fil-bajja tar-Ramla u t-Torri ta' Mġarr ix-Xini. Minn Mġarr ix-Xini setgħu imbagħad jikkomunikaw ma' Kemmuna.

Kien aktarx il-bini ta' dan it-torri li ta ħajja ġdida lill-kappella. Meta l-Isqof reġa' żarha fl-1630 (cf AEG, VP (1630) 42v) sabha fil-fatt f'qagħda tajba ħafna. Minħabba l-interess kontinwu ta' Paskal Muscat il-kappella żdidulha d-devoti u allura l-benefatturi. L-artal, li hu deskritt bħala antik ħafna, kellu terħa ħamra fuqu u kien hemm ukoll il-gandlieri u affarijiet oħra. Mill-istess Viżta nafu wkoll li quddiem il-kappella kien hemm zuntier li fih kienu jindifnu xi devoti. Ġorġ Farrugia, il-prokuratur tal-knejjes tal-kampanja, kellu jaħseb biex jixtri kurċifiss u lampier u jara l-bieb jingħalaq sew bis-serratura.

Sas-sena 1635, Paskal Muscat milli jidher kien miet. Minkejja li kien ħalla lill-kappella renta ta' sitt irbiegħi fis-sena biex tiġi ċċelebrata l-festa (cf AEG, VP (1635) 12v), miegħu mietet ukoll kull tama li l-kappella terġa' tieħu r-ruħ. Fl-1635, il-kappella nstabet fi stat ħażin u baqgħet sejra dejjem lura. Meta l-Isqof żarha mill-ġdid fl-1644 tant sabha f'kundizzjoni mwegħra li ma kellu xejn x'jagħmel għajr li jipprofanaha. Jiġifieri fiha ma setgħux isiru iktar ċerimonji reliġjużi.

***Kappella sempliċi***

Minkejja li ilha numru daqstant kbir ta' snin li kienet ipprofanata l-kappella għadha wieqfa. Il-binja, tneħħi s-saqaf kemmxejn imżerżaq tagħha, għandha forma kubika mill-iktar sempliċi. Sempliċi wkoll, iżda proporzjonata ħafna hija l-faċċata li għandha bieb rettangulari u baxx sormontat minn tieqa żgħira rettangulari wkoll. Biex tidħol ġewwa wieħed irid jinżel tliet targiet.

L-intern tal-knisja, mas-seba' metri kwadri, hu mqassam f'erba' ndani bi tliet arkati li jispiċċaw kemmxejn ippuntati u ħerġin minn mal-ħajt. Il-faċċata u ħajt ieħor tagħha huma mibnija minn ġebel minġur poġġut pulit waħda fuq l-oħra. Iż-żewġ ħitan l-oħra huma mibnija b'ġebel mhux minġur, bħal tal-ħitan tas-sejjieħ, u mqiegħed f'postu bit-tajn. Fuq il-ħajt li jħares lejn il-bieb hemm tieqa rettangulari oħra biex jidħol kemmxejn dawl fil-kappella. Il-kappella tixhed li kienet imtella' minn bennej tajjeb, iktar milli minn arkitett imħarreġ.

In-naħa ta' wara għandha kamra rettangulari mibnija iktar tard u li kienet naturalment isservi ta' sagristija.

Hi eżempju perfett ta' sempliċità medjevali. Dnub tintilef!


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7



Ħinijiet tal-ftuħ: 10.00am - 1.00pm; 6.00 - 9.00pm

*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



ARTI U KULTURA F'GHAWDEX

# Il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Arti Sagra f'Għawdex



*kitba ta'* JOE CAMILLERI

**Nistgħu ngħidu li fil-kuntest Ewropew, l-arti sagra hija assoċjata l-iktar mal-Knisja u l-istorja tagħha. Fil-fatt, episodji bibliċi, allegoriji tal-fidi, ħajjiet il-qaddisin, aspetti teoloġiċi u filosofiċi kif ukoll mill-istorja tal-Knisja jipprovdu t-temi ewlenin ta' l-arti sagra. F'dawn ix-xogħlijiet, il-figura ta' Ġesù Kristu hija ċentrali, iktar u iktar f'dawk il-ħafna opri mnebbħa mill-passjoni, l-mewt u l-qawmien tiegħu. Minkejja l-limitazzjonijiet tagħna, f'Għawdex ukoll insibu xogħlijiet imnebbħa minn din il-ġrajja storika. Uħud jixhdu ċerta kreattività, b'xejra narrattiva u drammatika; oħrajn huma xogħlijiet ta' kult u devozzjoni u għalhekk ukoll parti mill-ħajja soċjo-kulturali ta' pajjiżna. F'din il-kitba ser nillimita ruħi biss għall-pittura sagra li nsibu esposta għall-pubbliku, u nagħti ħarsa ħafifa lejn uħud mix-xogħlijiet imnebbħa mill-ġrajjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.**

Fil-vanġelu ta' San Mattew naqraw kif awl il-lejl qabel ma miet, Ġesù qabad il-ħobż, bierku, kisru, ta lid-dixxipli tiegħu u qal: "Ħudu u kulu, dan hu ġismi". Imbagħad qabad il-kies, radd il-ħajr, tahulhom u qal: "Ixorbu minn dan ilkoll, għax dan hu demmi ta' l-għaqda li jixxerred għal ħafna, għall-maħfra tad-dnubiet." Din il-ġrajja ta' l-aħħar ikla, jew kif insibuha f'Għawdex, iċ-Ċena, flimkien mat-twaqqif tas-Sagrament ta' l-Ewkaristija, narawhom irreġistrati f'waħda mill-arkati fil-kappella tas-Sagrament fil-Bażilika tax-Xagħra. Hu xogħol il-pittur Taljan Virginio Monti mnebbaħ mill-kapulavur ta' Leonardo Da Vinci, u kien tlesta fl-1930. Xogħol simili ieħor tas-seklu 20 hu dak li pitter il-pittur Malti Robert Caruana Dingli fl-1924 fis-saqaf tal-Parroċċa tal-Fontana. Imma naħseb li l-aħjar rappreżentazzjoni ta' din it-tema ħarġet fi żminijiet differenti minn żewġ artisti oħra. Wieħed minn dawn ix-xogħlijiet huwa t-titular tal-parroċċa tal-Għasri li tpitter mill-artist Żebbuġi, Lazzru Pisani. Dan ix-xogħol ta' Pisani fih atmosfera ta' spiritwalità u kontrapposti tajbin. Kien ikkummissjonat fl-1917 mill-Viċendarju ta' dik il-ħabta, Dun Karm Caruana, u tħallas minn Dun Alwiġ Cini miż-Żebbuġ li kien għadu kif laħaq kanonku tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb. Pisani kien ħejja tliet abbozzi konsekuttivi, kollha bi trattament differenti. Wettaq l-aħħar abbozz u kellu biċċa xogħol li fiha ried joħloq kwadru narrattiv bi tnax-il figura fi spazju tawwali u sproporzjonat mal-wisa' u għalhekk limitat għal suġġett bħal dan.

### *Fil-Katidral*

Kwadru ieħor li jirrappreżenta l-Aħħar Ċena jinsab fuq l-aħħar altar qabel taqbad il-kappella tas-Sagrament fil-Katidral. Huwa xogħol tajjeb tas-seklu sbatax fl-idjoma barokka. Tpitter minn Giuseppe d'Arena li għex bejn l-1633 u l-1719. Aktarx li d'Arena kien ta' nisel barrani, iżda tefa' l-ankri għal kollox f'Malta fejn ħallielna bosta xogħlijiet ta' arti sagra, fosthom fil-konkatidral ta' San Ġwann, tal-Karmnu, Ħaż-Żabbar, Ħal-Lija, r-Rabat, San Franġisk u San Ġorġ f'Għawdex. Kien imlaqqam ir- Romano u fl-1666 iżżewweġ fil-parroċċa ta' Porto Salvo u wara l-mewt ta' l-ewwel mara tiegħu Olimpja, żżewweġ lil Teresa Mancini u kien jgħix qrib il-Kunvent ta' Santu Wistin fil-Belt. D'Arena kien imħarreġ bħala artist Manjerista, iżda xorob ħafna influwenzi minn Preti. Il-kwadru tal-Katidral, bl-atmosfera ta' kjaroskur, il-kompożizzjoni drammatika u l-figuri barokki jixhed din l-influwenza ta' Preti. Ħafna jsostnu li l-Aħħar Ċena hu l-kapulavur ta' D'Arena. Ta' min isemmi li fl-1908 kienu saru xi interventi ta' preservazzjoni fuq dan il-kwadru, waqt li fi żmienna, kien restawrat mir-restawratur Għawdxi, Godwin Cutajar.

### *Il-Via Sagra*

Il-Vanġelu jissokta jgħarrafna kif Ġesù u l-appostli ġew f'qasam jismu Ġetsemani, fejn l-Imgħallem Divin sahar u talab lill-Missier: "Abba Missier, kollox jista' jkun għalik; warrab dan il-kies minni; iżda mhux dak li rrid jien, imma dak li trid int." L-episodji ta' tbatija, uġigħ u niket li seħħew wara u li wasslu sat-tislib fuq il-Golgota huma rrakkontati minn bosta artisti fi kwadri li saru fi żmenijiet differenti. Il-Via Sagri saru bil-għan li jħajruna nikkontemplaw u nġeddu f'moħħna u qalbna t-tbatija li ġarrab għalina Ġesù biex fdiena. Fost il-Via Sagri għażilt, waħda tas-seklu tmintax, oħra tas-seklu dsatax u oħra riċenti minn artrist kontemporanju.

L-ewwel Via Sagra tinsab fil-knisja arċipretali ta' Sannat. Il-permess biex titwaħħal din il-Via Sagra kien ingħata mill-Isqof Labini fid-19 ta' Diċembru, 1782, fi żmien il-Kappillan

Dun Salvatore Grech. Hemm min jattribwixxi dawn l-erbatax-il stazzjon lill-pittur Rokku Buhagiar. Via Sagra tas-seklu dsatax tinsab fil-knisja arċipretali taż-Żebbuġ u tpittret minn Michele Busuttil, artist miż-Żejtun, iżda li żżewweġ xebba Għawdxija u li nislu għadu sallum f'Għawdex. Ta' Busuttil insibu bosta xogħlijiet f'Għawdex, fosthom it-titular u l-laterali tal-Katidral, kif ukoll it-titular tal-knisja l-qadima ta' Għajnsielem. Din il-Via Sagra fiha bosta xejriet barokki. Il-pittur Busuttil kien iffirma l-kuntratt tal-kummissjoni fid-9 ta' Ottubru, 1805. Il-Via Sagra swiet 225 skud. Il-kappillan Carlo de Giovanni Inglott ħallas il-bqija tal-kont f'Novembru ta' l-1810.

Il-Via Sagra l-oħra tinsab fil-Katidral ta' Għawdex u tikkonsisti f'14-il stazzjon. Tpittret dan l-aħħar mill-artist żagħżugħ Għawdxi Austin Camilleri li studja f'Perugia u li diġa' stabbilixxa isem bħala pittur b'xejriet oriġinali u trattament frisk. Il-Via Sagra tal-Katidral twarrab ħafna dettalji narrattivi u dekorattivi bla ħtieġa u titfa' enfasi fuq il-figura ta' Kristu bħala l-qofol tar-redenzjoni. Fiha nsibu wkoll elementi simboliċi, kemm fit-tiswir tal-kompożizzjoni kif ukoll fl-użu tal-kulur. Ngħidu aħna, fl-ewwel stazzjonijiet, l-iskala tal-kulur hija iktar ċara. Tiskura iktar ma' l-ġrajja toqrob lejn it-traġedja ta' fuq il-Golgota. Jerġa', iktar ma noqorbu lejn l-aħħar stazzjonijiet, il-figura ta' Kristu tidher iktar weħidha u iżolata. Hekk l-effetti drammatiċi, mrażżna kemm huma mrażżna, jħallu effetti psikoloġiċi fuq l-ispettatur. Din il-Via Sagra hija każ tipiku ieħor ta' kif l-arti sagra kontemporanja ttrattata bi stil differenti mix-xejriet tradizzjonali tista' tiġi integrata f'ambjent u ma' xogħlijiet ta' żmenijiet oħra biex hekk anki l-epoka tagħna tkun irrappreżentata fil-kontinwità ta' l-espressjoni artistika.

### *In-Nazzarenu*

Mill-istadji kollha tal-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, barra l-Kruċifissjoni, id-dehra ta' Kristu nkurunat bix-xewk dejjem qanqlet devozzjoni fost l-Għawdxin. Fil-fatt, dawn l-aħħar mitt sena kien hawn kult kbir lejn Ġesù liebes il-porpra, jew aħjar in-Nazzarenu. Sal-1937, fuq l-artal ta' San Ġużepp fil-Bażilika ta' San Ġorġ kien għadu espost is-sotto-kwadru tan-Nazzarenu. Illum jinsab fis-sagristija qrib wieħed mill-bwieb tal-ġenb. Kien tpitter fl-1896 mill-pittur Carlo Mangion u sar fuq dak tan-Nazzarenu ta' Tas-Sliema. Mangion ħadem kwadru ieħor żgħir ta' Ġesù nkurunat bix-xewk għall-parroċċa tax-Xagħra. Jinsab fit-tieni navata bħala sotto-kwadru taħt dak tal-Madonna tad-Dawl impitter minn Francesco Zahra. Fil-mużew tal-knisja arċipretali tax-Xewkija nsibu kwadru ieħor tan-Nazzarenu, xogħol il-pittur magħruf Giuseppe Calì'. Sa qabel telgħet il-knisja l-ġdida, dan il-kwadru kien it-titular ta' l-oratorju li nbena fl-1905 mill-arċipriet Dun Pietru Pawl Ciantar qrib il-knisja l-qadima.



F'dawn il-kwadri tan-Nazzarenu li semmejna s'issa, Kristu jidher nofs figura. Iżda **fit-titular tal-knisja tan-Nazzarenu fix-Xagħra, Lazzru Pisani pitter figura sħiħa ta' Ġesù mdawwar b'anġli u puttini li jerfgħu simboli tal-passjoni. Fl-isfond jidher pajsaġġ b'atmosfera kiebja li taqbel mas-suġġett. Dan il-kwadru sar fl-1909 u kien irrestawrat ukoll minn Godwin Cutajar.** Dawn ix-xbihat ta' Ġesù Nazzarenu jixhdu d-devozzjoni ta' l-Għawdxin lejn Sidna Ġesù taħt dan it-titlu.

### *Fil-Kunvent ta' l-Agostinjani u fin-Nadur*

F'wieħed mill-kurituri tal-Kunvent ta' l-Agostinjani, fir-Rabat t'Għawdex insibu tliet kwadri mdaqqsa li jqanqlu kurżità kemm minħabba l-għamla mhix komuni tagħhom, kif ukoll minħabba l-provenjenza tagħhom. Waqt ir-restawr, inkixef il-kunjom Busuttil impitter b'kaligrafija artistika fuq tilar ta' kwadru minnhom. Fil-fatt hemm min jattribwixxu dawn ix-xogħlijiet lill-pittur Michele Busuttil. It-tliet kwadri juru tliet stadji diversi mit-triq lejn il-Golgota waqt li Kristu kien imgħobbi s-salib. Xeni żgħar li juru stadji mill-passjoni ta' Kristu nsibuhom preservati wkoll fis-sagristija tal-bażilika tan-Nadur. Dawn huma rappreżentazzjoni artistika tal-misteri tat-tbatija, u flimkien mal-misteri l-oħra tar-rużarju kienu jiffurmaw

bordura mal-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fl-istess parroċċa, kwadru li hu attribwit lill-artist Don Francesco de Dominicis. Għalkemm stilistikament dawn il-kwadretti jagħtuna dehra ta' manjeriżmu mwaħħar, fil-fatt tpittru għall-ħabta tal-1712. Aktarx li kienu għadhom ħaġa waħda mal-kwadru oriġinali sal-bidu tal-1843 meta nqatgħu u l-kwadru tar-Rużarju tkabbar u kien irrestawrat mill-artist Għawdxi Clemente Busuttil.

***Il-Kruċifissjoni***

Il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu tilħaq il-qofol tagħha bit-tislib fuq il-Golgota. Din il-mewt kiefra hija rrappreżentata b'mod drammatiku b'taħlita ta' elementi neo-romantiċi u neo-barokki mill-pittur ta' żmienna Pawlu Camilleri Cauchi, kemm fil-koppla tal-knisja tal-Għarb, kif ukoll f'waħda mill-apsidi tal-Fontana. Ta' l-ewwel tpittret fl-1978 b'rabta mat-tema tal-Madonna bħala ko-redentriċi, waqt li l-apsidi tal-Fontana li hi iktar movimentata, tpittret fl-1990. Mill-pinzell ta' Pawlu Camilleri Cauchi ħareġ ukoll Kristu Mislub fuq l-altar maġġur tal-parroċċa tax-Xewkija, li skond l-era post-Kunċiljari għandu jkun iċ-ċentru tal-knisja. L-isfond ta' dan il-kwadru li tpitter fl-1997, fih ilwien simboliċi li jirrappreżentaw kif il-mewt fuq il-Golgota kienet il-bidu ta' twelid u ħajja ġdida.

Mill-pinzell ta' l-artist magħruf Giuseppe Calì' ħarġu wkoll żewġ kwadri li juru lil Kristu msallab, wieħed fil-knisja parrokkjali tar-raħal ta' San Lawrenz li għandha wkoll xogħlijiet oħra ta' Calì', u kwadru ieħor imdaqqas sew fil-knisja arċipretali taż-Żebbuġ. Jekk niflu biss il-kwadru taż-Żebbuġ naraw x'ħila kellu Calì' biex iżomm kompożizzjoni interessanti u dinamika minkejja li hi msawra minn figura waħda ċentralizzata. Barra li fiha modellatura eċċellenti, din il-figura ta' Kristu hija marbuta sħiħa ma' sfond drammatiku fit-tonalità u l-pinzellati veletati ma' oħrajn impastati qawwija.

Fil-kopplетta tal-kappella tal-Kurċifiss fil-Bażilika tax-Xagħra, naraw erba' anġli li jżommu diversi strumenti li bihom Ġesù ġarrab tbatija waqt il-passjoni tiegħu. Id-depożizzjoni tal-Mulej, imbagħad, narawha spjegata biċ-ċar f'wieħed mill-kwadri tal-ġenb fl-istess kappella. Hija biċċa xogħol oħra tal-Professur Virginio Monti li bħall-pittura kollha tas-saqaf, kienet lesta qabel l-1930. Fiha jinħassu n-niket u l-emozzjoni mrażżna ta' Ommna Marija b'Binha mitluq mejjet f'ħoġorha.

L-istess atmosfera kiebja, telqa u emozzjoni jinħassu wkoll fi kwadru ieħor ta' l-Omm Imnikkta taħt is-salib. Din id-darba hu kwadru li jinsab fil-knisja ta' Marsalforn. Tpitter fl-1879 mill-artist Malti Carlo Ignazio Cortis. Hu kwadru pjaċevoli b'disinn sod li jikkonċentra fuq il-figura solitarja tal-Madonna. Marija mhix biss il-ko-redentriċi, imma l-figura tal-Omm Addolorata tgawdi devozzjoni, iktar u iktar għax fid-Duluri l-poplu jara simbolu tat-tbatija umana kollha. Fil-fatt, ix-xbieha ta' l-Omm Imbikkija ma nsibuhiex biss fis-sotto-kwadru fil-knisja ta' San Ġakbu fir-Rabat fejn hemm kult qawwi lejn id-Duluri. Fil-biċċa l-kbira tal-knejjes għawdxin insibu xbihat tad-Duluri. Xi wħud huma ta' livell provinċjali b'ċerta sentimentalità. Oħrajn huma ta' livell aċċettabbli u interessanti ħafna.

Insemmu x-xbieha ovali tad-Duluri li qabel kienet fuq l-altar tal-Kurċifiss fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Tpittret minn Antonio Falzon għall-ħabta ta' l-1850. Fl-istess sena, pittur ieħor b'xejriet pre-Raffaeliti -- Tumas Madiona--pitter Duluri oħra għall-istess knisja li llum tinsab fis-sagristija. Imbagħad fin-naħa tal-lemin tal-artal ta' l-Erwieħ fl-istess knisja wkoll insibu l-istess suġġett, din id-darba f'xogħol iktar riċenti. Fil-fatt tpitter mill-artist Taljan Gian Battista Conti fl-1964. Għall-knisja arċipretali tal-Qala, il-pittur Gianni Vella pitter xbieha oħra tad-Duluri fi stil differenti għal kollox minn dawk li semmejna.

Il-ġrajja tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu hija waħda ta' tbatija li għandha tqanqal kompassjoni f'kull qalb. Iżda l-passjoni tal-Mulej ma tispiċċax b'falliment, imma bi glorja għax il-qawmien tiegħu mill-mewt juri rebħa fuq il-materja u fuq kollox jixhed id-Divinità tiegħu. Dan hu suġġett naqra rari fil-pittura sagra fil-knejjes tagħna. Trattah il-pittur Taljan Virginio Monti fi kwadru ieħor fil-kappella tas-Sagrament fil-Bażilika tax-Xagħra. Fih tinħass il-preżenza ta' Kristu Rxoxt, għalkemm il-figura ta' Ġesù ma tidhirx. L-element ta' glorja hu rrappreżentat minn l-anġlu ħdejn il-qabar miftuħ li jħabbar lil Marija ta' Magdala u lil Marija Cleofe li l-Mulej qam kif kien wiegħed.

Trattament iktar interessanti hu dak tal-kwadru titulari tal-kappella ta' l-Oratorju Don Bosco. Dan hu xogħol ta' dimensjoni kbira fl-idjoma kontemporanja maħdum mill-artist Għawdxi John Grima. In-nies jirreferu għax-xbieha fil-kwadru bħala Kristu Rxoxt. Tassew Kristu qam glorjuż. Hu ġisem Divin tiela' rebbieħ u glorjuż għand il-Missier. Iżda wara l-figura ħajja ta' Kristu hemm is-salib, jiddi bħal tama fid-dlam tad-dubji ta' ħajjitna u tat-telfien f'dak kollu li hu materjali. Biex wasal għall-qawmien, Sidna Ġesù mtedd fuq is-salib. Għalhekk, Grima jwettaq il-filosofija nisranija li m'hemmx qawmien mingħajr is-salib. Biex naslu għall-immortalità rridu nħaddnu s-salib, inġarrbu l-umiljazzjoni tal-mewt u nqumu ma' Kristu. Is-salib u l-qawmien, il-mewt u l-ħajja, it-tbatija u l-glorja jsiru sinonimu. Dawn il-paradossi jiksbu tifsira u sinifikat biss permezz ta' Kristu kif naraw f'din il-pittura.

Jekk nosservaw sewwa, naraw lil Kristu fil-waqt li qed jinħall mil-liżar tal-kefen u li għadu jdur ma' qaddu. Il-fidwa tal-bniedem kienet seħħet u mal-qawmien ta' l-Imgħallem Divin, kellha tibda era ġdida.

A Whole New Look

Sharmain's
Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*Ibża' għal Saħħtek*

# Is-Seklu ta' l-Anzjani



*minn* DR MARIO SALIBA MD MMCFD

**X'inhu l-*I.D. Card Number* tiegħek? Bħala tabib, din il-mistoqsija nagħmilha lil kull pazjent bħala parti mill-istorja qabel neżaminah biex inżomm rekord tal-pazjent u permezz tagħha tkun taf l-età ta' dak li jkun indirettament. Il-mistoqsija kemm-il sena għandek tista' tkun imbarazzanti speċjalment f'każ ta' mara.**

L-età hija importanti għat-tabib. Tiltaqa' ma' xi wħud li meta tħares lejhom taħsibhom avanzati fl-età, iżda meta tistaqsihom issib li huma ta' età iżgħar. Dan jista' jiġri għax il-fiżjonomija tal-bniedem tinbidel skond kemm dan marad u kemm ra problemi ma' wiċċu. Min-naħa l-oħra hemm oħrajn li għalkemm jidhru li għandhom iż-żmien u dan wiċċhom jixhdu, huma jibqgħu żgħażagħ fil-ħsieb u fl-atteġġament tagħhom lejn il-ħajja.

Elfejn sena ilu, ftit kienu dawk li jgħixu iktar minn 70 sena. Il-ħajja twila ta' Metusela hija eċċezzjoni . Elfejn sena wara ftit li xejn inbidel. Anke sa 100 sena ilu n-nies ta' kull pajjiż kienu jgħixu ferm anqas mil-lum. Tant li fil-bidu ta' dan is-seklu fil-pajjiżi żviluppati l-età medja li wieħed kien jistenna li jgħix, kienet ta' 50 sena. L-età ta' kemm wieħed igħix tiddependi mill-livell tal-ħajja soċjali li jkun hemm fil-pajjiż. Fil-Messiku r-rata tat-twelid u ta' l-imwiet tat-trabi hija għolja meta tqabbilha ma' ta' l-Amerika ta' Fuq. Għalhekk fatturi bħal kwalità ta' ikel, ta' djar, l-ambjent, l-edukazzjoni u l-indafa personali u pubblika huma importanti ħafna. Jekk dawn ikunu tajbin, il-ħajja tan-nies titwal. Min-naħa l-oħra, kulħadd jixjieħ u hemm fatturi bħal mard u fatturi ġenetiċi li jiddeterminaw l-età tal-mewt ta' kull individwu.

Bil-Malti ngħidu li mal-40 jibda jittanta. Hemm min ta' 40 għadu jħossu żagħżugħ, iżda trid u ma tridx is-sinjali ta' l-età jibdew jidhru. Skond studjużi ta' dan il-fenomenu mewta naturali sseħħ fl-età ta' 90 sena, daqskemm normalment il-bniedem igħix. Li tgħix sa 100 saret ħaġa mhux tant rari u sikwit nisimgħu li dik jew dak għalqu mitt sena. Madwar id-dinja kollha hemm sitt mitt miljun persuna li għandhom iktar minn 60 sena. Dan in-numru huwa stmat li jirdoppja sas-sena 2025 (WHO, 2007). L-anzjanità hija l-isfida ewlenija tal-mediċina fil-futur.

Huwa stmat li t-trabi li twieldu fis-sena 2000, is-subien se jgħixu 75 sena u l-bniet 80 sena. Fenomenu li għandu x'jaqsam ma' dan huwa n-nuqqas fil-fertilità u allura ta' trabi. Fl-Italja r-rata tat-twelid ilha għal ħafna żmien żero, jiġifieri qegħdin imutu iktar milli jitwieldu. Min se jieħu ħsiebhom l-anzjani ta' 30 sena oħra? Anke f'pajjiżna r-rata tat-twelid naqset sewwa. Il-mediċina moderna, speċjalment l-avanzi fix-xjenza ġenetika, flimkien ma' stili ta' ħajja aħjar, qegħdin jagħtu sehem importanti biex itawlu l-ħajja tal-bniedem. Iżda dan ifisser ukoll li n-nies ser ibatu iktar b'mard li tikkawża l-anzjanità bħal artrite, dimenzja, kanċer, mard tal-qalb u ċirkulazzjoni u l-*Parkinson*'s.

Dan il-fenomenu qed ibiddel il-mod ta' kif il-bniedem jippjana ħajtu. L-irtirar mix-xogħol fl-età ta' 61 ilu jeżisti mis-seklu 19 biss. Fiż-żminijiet ta' llum u tal-ġejjieni, in-numru ta' nies li jaqbżu l-età ta' 70 sena qiegħed dejjem jiżdied. Din l-età minn 70 'l fuq bdew isejħulha t-terza età. Fil-ġejjieni ma għandniex nippretendu li ta' 24 sena nidħlu fl-impjieg u nibqgħu fih sa meta nispiċċaw bil-pensjoni. In-natura ta' l-impjieg għandha tinbidel skond il-kapaċità fiżika u mentali ta' dak li jkun. Dment li s-saħħa ta' dak li jkun tippermettilu, dan għandu jibqa' jaħdem anke wara l-61. Fl-opinjoni tiegħi x-xogħol li jkollu għandu jbiddlu skond ma tippermettilu saħħtu. Jekk ta' lanqas meta jirtira mill-impjieg tiegħu jibqa' jagħti kontribut billi jaħdem *part-time* jew fil-volontarjat. Dan ikun ta' ġid kemm għalih u kemm għas-soċjetà.Xi drabi ssib ħafna każi fejn l-irtirar mix-xogħol iwassal lil dak li jkun għal telqa fiżika u mentali li tista' tkun ta' detriment għal saħħtu. Il-mentalità





ta' llum (mhux f'Malta u Għawdex) hija li għad jasal iż-żmien li tkun tmissek it-tieni pensjoni meta tagħlaq il-75. Għalkemm ħafna jirtiraw qabel l-età tal-pensjoni minħabba mard mentali dawn jibqgħu attivi ferm wara, peress li l-bidla fl-ambjent tal-post tax-xogħol u s-serħan tal-moħħ mill-inkwiet tax-xogħol tkun għamlitilhom tajjeb ħafna. Dawn jgħaddu minn dak li jissejjaħ *burn out.*

Fiż-żminijiet futuri ma jagħmilx sens li wieħed jirtira qabel iż-żmien. Dan minħabba li min jirtira ta' bejn 50 u 55 jista' jagħmel iktar żmien irtirat milli kien għamel jaħdem. Jekk dan ma jsibx xogħol ieħor ikun impossibbli li l-pajjiż iħallas il-pensjoni għal 30 sena oħra. Din l-assurdità trid tispiċċa li bniedem li għandu fuq il-45 jew 50 isibha diffiċli biex isib xogħol sempliċiment għax għandu 'l fuq minn ħamsin. Irridu nibdew nagħmlu bħall-Amerikani u nneħħu d-diskriminità minħabba l-età. Bniedem kapaċi avolja għandu 50 għandu ikun impjegat daqs wieħed li għandu 30 jew anqas.

Minħabba ż-żieda fl-età medja li qegħdin jgħixu nies bħali li għandhom 43 sena qed iħossuhom li għadhom żgħażagħ. Din l-età bejn it-30 u l-45 bdiet tissejjaħ *middle youth.* Dan il-fenomenu qed joħloq opportunitajiet lil kull min irid jinfreska ħajtu u jidħol għal sfidi ġodda. Ħafna ommijiet jistgħu jerġgħu jibdew karriera wara li jkunu rabbew it-tfal tagħhom, dan minkejja l-fatt li llum iktar trabi qegħdin jitwieldu lil nisa li għalqu t-30 minħabba eżiġenzi ta' studju jew karriera.

Illum wasalna f'sitwazzjoni li persuna trid tibqa' aġġornata, mhux f'dak li tkun studjat biss, iżda trid tkun kapaċi titgħallem materji oħra biex jekk issib opportunitajiet ta' xogħol fil-ġejjieni tkun tista' teħodhom. Is-sistema li kellna s'issa, fejn wieħed jitgħallem sa ċertu età mbagħad jieqaf, qisu laħaq is-sema mhix tajba. Kulħadd irid jibqa' jitgħallem u jkun kapaċi jiddiversifika t-tagħlim u l-kapaċitajiet tiegħu wkoll. Karriera waħda mhix biżżejjed għaż-żminijiet tal-ġejjieni.



It-*trend* hija li l-iktar nies imfittxija se jkunu dawk li kapaċi jmorru minn xogħol għal ieħor bl-ikbar faċilità (*work mobility*). Għalhekk l-edukazzjoni għandha tkun kontinwa tul ħajjitna kollha (*life long learning*) u mhux għal perjodu żgħir ta' snin meta nkunu għadna l-iskola. Il-ħajja mhix ta' min jaħliha!

Fl-istorja nsibu ħafna eżempji ta' nies famużi li wettqu affarijiet kbar u ta' ġid għall-umanità meta diġà kienu laħqu t-terza età. Pablo Picasso (1881 -1973), li kellu ħajja twila u produttiva, wera progress kontinwu fl-arti tiegħu allavolja beda dieħel fiż-żmien. Picasso hu eżempju tipiku ta' artista li biddel l-istil ta' l-arti tiegħu maż-żmien, tant li wara mewtu għadu nfluwenti ħafna fost l-artisti ta' llum. Huwa miet ta' 92. Il-kummidjant, Bop Hope ta' 90 sena kien għadu attiv fuq il-palk. Arthur Rubinstein, il-mużiċista magħruf miet ta' 95 u baqa' jagħti l-kunċerti anke meta għalaq it-80. Huwa kien igħid li fl-aħħar tal-karriera tiegħu huwa sab il-libertà għax ma baqax iktar imxekkel mill-opinjonijiet tal-kritiċi. Biex inkomplu fuq l-istess tema, Sir Winston Churchill (1874 -1965) laħaq Prim Ministru waqt il-gwerra, ta' 66. L-iktar parti attiva u nfluwenti ta' ħajtu kienet fis-snin meta kellu bejn il-65 u t-80. Huwa miet meta kellu 90, għaxar snin wara li rriżenja minn Prim Ministru.

Illum il-ħajja qed toffri iktar sfidi u l-bniedem irid jaddatta ruħu għal dan iż-żmien ġdid. Dan ser ikun is-seklu ta' l-anzjani u għalhekk kulħadd għandu jħossu żagħżugħ.



**MIX-XENA SPORTIVA** *minn* **Joe Bajada**



# Athletix - Proġett li joħloq opportunitajiet ġodda għall-atletika f'Għawdex

*L-atletika huwa wieħed mill-iktar sports globali għal fatt li huwa sempliċi biex jiġi pprattikat fejn eventwalment kull ma jkollok bżonn huwa biss żarbun addattat. Madankollu minkejja din is-sempliċità kollha, l-atletika għadha ssib ċerta diffikultajiet biex tkun prattikata. Eżempju ċar huwa l-gżira tagħna Għawdxija fejn għajr tlielaq fuq distanzi twal ftit naraw iktar. Għalhekk l-inizjattiva li ħa Mario Bonello, rebbieħ ta' bosta titli nazzjonali, kif ukoll ta' diversi midalji għal Malta fix-xena internazzjonali, u wkoll b'ġibda partikolari għal Għawdex u dan għax huwa miżżewweġ Għawdxija, din l-inizjattiva tiegħu tista titqies bħala barka sportiva mis-sema. U dan japplika wkoll għal fatt li ftit huma d-dixxiplini sportivi li qed ikunu pprattikati fi gżiritna minkejja li għandna faċilitajiet adekwati. Mingħajr mis-seħer ta' gżiritna, Bonello flimkien ma' silfu Paul Camilleri welldu dan il-proġett. Biex setgħu jiftħu din l-iskola tal-atletika, Bonello u Camilleri ħassew il-ħtieġa li flimkien jattendu għall-kors tal-coaching tal-IAAF Level I organizzat mill-Malta Amatuer Athletics Association. Biex insiru nafu iktar dwar dan il-proġett Athletix, aħna għamilna din l-intervista lil Mario Bonello.*

***J.B. X'kien li ħajjarkom tiftħu skola ta' l-Atletika f'Għawdex?***

M.B. "Naħseb li meta xi ħadd ikollu r-rieda li jitgħallem u li jipprova xi attività partikulari, sew jekk huma studji akkademiċi u sew jekk huma sport jew drama, dejjem jirnexxielu jtejjeb il-ħiliet tiegħu. F'Għawdex l-opportunitajiet biex dak li jkun jiżviluppa l-ħiliet sportivi tiegħu huma neqsin ħafna. Għalhekk permezz ta' l-iskola tagħna rridu li noħolqu opportunitajiet ġodda f'Għawdex għal min jixtieq jitħarreġ u jipprattika l-isport b'mod professjonali. Għal dan il-għan l-iskola tagħna qed tagħmel l-almu kollu tagħha biex iġġib 'il quddiem l-istudenti tagħha li jvarjaw bejn l-eta' ta' 7 snin u dik ta' 20 sena. Aħna ġa ċerti li xi uħud minnhom se jispikkaw".

***J.B. Kemm hu interessanti l-isport ta' l-atletika?***

M.B. "L-atletika tkopri firxa ta' attivitajiet, minn *sprints* qosra sa maratoni, minn tfiegħ għal qbiż. Aħna ninkoraġġixxu lill-istudenti tagħna biex jipprovaw kull attività. Naturalment eventwalment huma jipprattikaw aktar l-attività li jippreferu. Nemmen li b'dan il-mod l-istudenti jifhmu aħjar x'inhi l-atletika u anke jirrealizzaw li d-diversi fergħat ta' l-atletika, għalkemm differenti, fl-aħħar mill-aħħar għandhom minn ta' xulxin. Kollha jeħtieġu esplożività, reżistenza, veloċità, aġilità, flessibbiltà, ecc. Fuq kollox l-atletika teħtieġ motivazzjoni, determinazzjoni u kontinwità".

***J.B. X'inhi t-triq 'il quddiem?***

M.B. "Jiena tassew nemmen li jekk ilkoll nagħmlu ħilitna biżżejjed, niksbu riżultati tajbin mill-atleti għawdxin. Iżda hemm bżonn ta' aktar investiment sew fil-faċilitajiet sportivi kif ukoll fl-edukazzjoni. Biex intejbu lill-atleti tagħna għandna bżonn il-faċilitajiet xierqa ta' trakka. Huwa importanti li Għawdex ikollu trakka tad-daqs sħiħ flimkien ma' faċilitajiet oħra li huma meħtieġa u li jmorru magħha. Fl-istess ħin il-ġenituri għandhom jifhmu li l-isport huwa ta' importanza vitali għall-iżvilupp ta' uliedhom. Nemmen li t-tfal sa ma jilħqu l-ħames klassi sekondarja għandu jkollhom bejn siegħa u nofs u sagħtejn prattika ta' l-isport tliet darbiet f'ġimgħa. L-atletika tista' tkun waħda mid-dixxiplini sportivi pprattikati. Ir-rwol ta' l-iskejjel u l-klabbs ta' l-isport imbagħad ikunu li jkomplu jtejbu l-ħiliet bażiċi li jkunu ġa miksuba mill-istudenti. F'kuntrast ma' dan, illum aħna qegħdin nipprovdu lill-istudenti opportunità li sempliċiment ma teżistix fl-iskejjel primarji u sekondarji".

***J.B. Kif kienet milqugħa l-iskola ta' l-Athletix?***

M.B. "L-iskola tagħna kienet milqugħa tajjeb ħafna meta wieħed iqis li l-atletika hija dixxiplina sportiva li ftit hija magħrufa f'Għawdex. Bdejna tajjeb ħafna u qed jiġu studenti ġodda kull ġimgħa. Iżda nemmen li għandna bżonn inwessgħu l-bażi speċjalment ta' dawk l-istudenti li jattendu l-iskejjel sekondarji. Dan għal fatt li l-atletika prattikament ma hija pprattikata mkien aktar f'Għawdex għajr fl-iskola tagħna".

***J.B. Kemm hu importanti t-taħriġ biex dak li jkun itejjeb ħilietu?***

M.B. "Mhux l-atleti kollha għandhom l-istess talent. X'uħud jiksbu riżultati aħjar minn oħrajn bl-istess opportunitajiet. Iżda jiena naċċerta lil kulħadd li b'taħriġ tajjeb kulħadd itejjeb il-ħiliet tiegħu u jmur aħjar minn ħaddieħor li għandu aktar talent iżda ma jittrenjax. Nagħti eżempju bija nnifsi. Jiena rari kont l-aħjar *sprinter* l-iskola iżda matul is-snin ittrenjajt kemm kien meħtieġ u hekk tant tejjibt il-*performances* tiegħi li fil-karriera tiegħi waqqaft diversi rekords nazzjonali u rbaħt rekord ta' medalji fil-qasam internazzjonali. Importanti li wieħed iżomm f'moħħu li mhuwiex biss il-volum iżda wkoll il-kwalità ta' *training* li huwa tant importanti. Barra minn hekk irridu nżommu



f'moħħna li *practice makes permanent not perfect*. Jekk wieħed jipprattika ħażin, jipprattika kemm jipprattika ma jsirx perfett. Għalhekk meħtieġ li wieħed jipprattika kif suppost u b'determinazzjoni".

***J.B. Sibtu l-appoġġ meħtieġ mill-istituzzjonijiet u l-ġenituri?***

M.B. "Irrid ngħid li konna fortunati li l-Kunsill Lokali tan-Nadur kien ta' għajnuna kbira biex isseħħ l-inizjattiva tagħna. Sfortunatament hemm spejjeż li l-istudenti jridu jħallsu speċjalment spejjeż ta' trasport li issa jridu jħallsu kull darba li nieħdu sehem f'kompetizzjonijiet f'Malta. Dak huwa żvantaġġ kbir għax billi f'Għawdex m'għandhomx l-infrastruttura meħtieġa huwa importanti ħafna li jinżlu Malta biex jikkompetu fuq faċilitajiet tajbin kull meta jistgħu. Irrid iżda nżid ngħid li l-Kunsill Lokali tan-Nadur b'koperazzjoni man-*Nadur Youngsters FC* qed ikompli jipprovdielna fejn nittrenjaw. Dik ġa hija għajnuna kbira. Il-ġenituri ukoll kienu ta' nkoraġġiment kbir. Aħna nipprovaw inżommu l-istudenti f'atmosfera ferrieħa mingħajr il-bżonn ta' rivalità. L-istudenti huma bħal familja. Huwa ta' nkoraġġiment kbir għalina per eżempju li ħafna ġenituri mhux biss jattendu għas-sessjonijiet tat-*training* u jgawdu lil uliedhom jieħdu gost jittrenjaw iżda wkoll jiġu Malta magħna meta ninżlu biex nieħdu sehem f'kompetizzjonijiet il-Marsa. Kien ukoll ta' nkoraġġiment kbir għalina li numru kbir ta' ġenituri huma stess talbuna li nagħmlu ikla tal-Milied flimkien. Jidher ċiċ-ċar li l-ġenituri fehmu li dak li qed nagħmlu għandu l-għan li ntejbu lil uliedhom fl-aspetti tal-ħajja permezz ta' l-isport. Ir-riżultati fil-kompetizzjoni huma ta' importanza sekondarja. Kull student irid jitjieb fih innifsu".

***J.B. X'ikun l-għan aħħari tagħkom?***

M.B. "Bħalma għidt qabel, ikun ta' ġieħ għalina jekk l-iskola tagħna sservi biex tiftaħ għajnejn l-awtoritajiet li hemm bżonn li l-attivitajiet sportivi jiġu nklużi fil-kurrikulum bażiku tat-tfal tagħna. Il-ħtiġijiet bażiċi sportivi taż-żgħażagħ tagħna m'għandhomx jiġu provduti minn inizjattivi bħal tagħna iżda mill-iskejjel li huma jattendu. Skejjel speċjalizzati bħal tagħna għandhom imbagħad jiffokaw fuq kif igħinu lil dawk li jkunu jridu jieħdu l-isport f'livell ogħla. Sadattant aħna qegħdin nagħmlu ħilitna kollha biex naslu għal dawn iż-żewġ għanijiet. Matul il-karriera tiegħi jiena diġà ikkowċjajt atleti Maltin li kisbu rekords ġodda nazzjonali u li rrappreżentaw lil Malta f'kompetizzjonijiet internazzjonali barra minn Malta. Għalhekk ikun ta' unur kbir għalina li nagħmlu l-istess ħaġa ma' l-istudenti tagħna Għawdxin ħalli jkollna l-ewwel atleti Għawdxin fit-*team* nazzjonali Malti. Emminni, anke fost l-istudenti li għandna llum hemm studenti li jistgħu jagħmluha. Aħna nawgurawlhom u nżgurahom li se nkomplu nagħmlu l-almu kollu tagħna biex inwassluhom hemmhekk".

# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*





## 8. GĦEJUN... GĦEJUN...

*Għejun... Għejun...*
*ilma jfawwar kuljum,*
*bin-nhar, bil-lej',*
*ma jaqta' xej',*
*gelgul ilma għaddej*
*u sejjer min jaf fej'!*

*Ħxejjex, siġar, fjuri u ħdura*
*fuq l-għoljiet u fil-widien,*
*għax hemmhekk tal-għajn is-saqwi*
*jagħti l-ħajja ma' kull żmien.*

*Ħdejn ix-xtut l-egħjun isawbu*
*l-ilma safi ġewwa l-baħar,*
*għax din l-art bi gliegel t'ilma*
*kullimkien tista' tiftaħar.*

*Saħansitra wkoll furbani*
*kienu jinżlu l-art għatxana*
*biex jixorbu u jieħdu magħhom*
*qolol bl-ilma bnin minn tagħna.*

*Għejun... Għejun...*
*ilma ħiereġ kuljum,*
*bin-nhar, bil-lej',*
*ma jaqta' xej'...*
*Kif jista' jkun*
*daqshekk ħiereġ idum?*





# GOZO INTERNATIONAL CELEBRATION

## Easter Edition 2008

An Ecumenical Event for all foreign nationals residing or visiting Gozo
MARKING THE THEME:

# Redemption

## Saturday, 15th March 2008
## St. Joseph Parish Church (Qala, Gozo)

with the participation of various Christian Denominations,

**Laudate Pueri Choir**
**Island Brass**
**St. Joseph and Magnificat Choirs**
**Tenor Joseph Zammit**
**Soprano Ruth Portelli**
**Baritone Joseph Buttiġieġ**
**Soloist Omar Zerafa**
**Organist Robert Buhagiar**
**A message delivered by Sammy Mejlaq**

**All must be seated at 1815hrs**

Following the event, all are invited to a reception to be held at the Parish Hall

**Entrance is Free and your family and friends are invited.**
**Donations are accepted.**

**Promoting Gozo's diversity of cultures and heritage...**

Ministry for Gozo

Ministry of Finance
National Lotteries
Good Causes Fund

Designed by: Pauljames Mizzi

FESTIVAL TA` ARTI, SNAJJA, KULTURA, STORJA U TRADIZZJONI
MTELLA' MILL-KUNSILL LOKALI TA' L-GHARB



# SEHER Il-Punent 08

MILL-INGILTERRA
ZU2
www.zu2tribute.com

Freddie Portelli
Marisa D'Amato
Augusto Cardinale

## 28-30 MARZU, 2008
## GHARB, GHAWDEX

REBBIEHA TAL-MALTA SONG FOR EUROPE
**MORENA**

LONG WEEKEND

MARCIJIET MILL-GHAQDA MUZIKALI VIZITAZZJONI, RE-ENACTMENTS TA GRAJJIET STORICI
ROCK BANDS GHAWDXIN, ALESSIA, IL-BIG BAND BROTHERS U THE SPITERI LUCAS BAND
IS-SITT FINALISTI TAL-MALTA SONG FOR EUROPE, J ANVIL, LUDVIG GALEA U NADINE AXISA

INFO 2156 0556 :: 7949 2667 :: E-MAIL GHARB.LC@GOV.MT :: WEB WWW.GHARBNET.COM

Coca-Cola | MALTA Malta Tourism Authority | playmobil FunPark | vodafone | Leon Promotions | Ministry Of Finance National Lotteries Good Causes Fund

**GET AWAY TO GHARB** RENT A FARMHOUSE AND SAVOUR WHAT GHARB HAS TO OFFER >> INFO ON GHARBNET.COM